II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/244

tal-11 ta' Frar 2019

li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fil-31 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antisussidju dwar l-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' bijodiżil li joriġina mill-Arġentina ("il-pajjiż ikkonċernat") fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1037. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni wara li rċeviet ilment li kien ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2017 mill-Bord Ewropew tal-Bijodiżil ("EBB — European Biodiesel Board" jew "l-ilmentatur") f'isem il-produtturi. L-ilmentatur jirrappreżenta madwar 70 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-bijodiżil. L-ilment kien jinkludi evidenza ta' sussidjar u ta' theddida ta' dannu konsegwenti suffiċjenti biżżejjed biex tiġġustifika l-ftuħ tal-investigazzjoni.

(3) Qabel ma bdiet l-investigazzjoni antisussidji, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Gvern tal-Arġentina ("GtA") ([3]) li hija kienet irċeviet ilment iddokumentat kif xieraq, u stiednet lill-GtA għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku. Il-GtA aċċetta l-offerta għall-konsultazzjoni, li saret fl-24 ta' Jannar 2018. Matul il-konsultazzjonijiet kif ukoll l-iskambji sussegwenti mal-GtA, ittieħdet nota tal-kummenti ppreżentati mill-GtA. Madankollu, ma kienx hemm qbil dwar soluzzjoni.

(4) Wara n-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni rċeviet kummenti f'dan ir-rigward mill-Kamra Arġentina tal-Bijokarburanti (Cámara Argentina de Biocombustibles, "CARBIO"). Fil-kummenti tagħha, CARBIO ddikjarat li l-industrija tal-bijodiżil Arġentina mhijiex issussidjata, u li l-importazzjonijiet ta' bijodiżil Arġentin ma joħloq ebda theddida ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

(5) Rigward l-evidenza tas-sussidjar fl-istadju tal-bidu, il-Kummissjoni għamlet disponibbli l-verżjoni miftuħa tal-ilment u pprovdiet l-analiżi tagħha dwar l-evidenza disponibbli f'dak l-istadju fil-*memorandum* dwar is-suffiċjenza ta' evidenza, li fuq il-bażi tiegħu nbdiet l-investigazzjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([2]) ĠU C 34, 31.1.2018, p. 37.
([3]) Il-kelma "GtA" qed tintuża f'dan ir-Regolament f'sens wiesa' li jinkludi lill-Ministeri, lid-Dipartimenti, lill-Aġenziji u lill-Amministrazzjonijiet kollha fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali.

(6) Rigward l-evidenza dwar it-theddida ta' dannu, CARBIO sostniet li l-ilmentatur ma rnexxielux jipprovdi biżżejjed evidenza dwar il-kriterji fl-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari ż-żieda sinifikanti f'importazzjonijiet, il-kapaċità disponibbli b'mod liberu fl-Arġentina u l-effett tal-prezz tal-importazzjonijiet Arġentini. Madankollu, l-argumentazzjoni ta' CARBIO kienet ibbażata fil-biċċa l-kbira fuq l-istimi pessimisti żżejjed tal-iżvilupp tal-esportazzjonijiet mill-Arġentina fl-2018, li CARBIO stmat li se jkunu 480 000 tunnellata għas-sena 2018 kollha lejn il-pajjiżi kollha tad-dinja, mingħajr ma ssostanzjat dik il-figura baxxa li kienet 70 % inqas miċ-ċifra korrispondenti għal 2016 u 2017 ([4]). F'livell daqstant baxx, l-importazzjonijiet Arġentini allegatament ma joħolqu ebda theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni qieset l-evidenza pprovduta fl-ilment (ibbażata fuq l-importazzjonijiet attwali sa Awwissu 2017 u l-istimi għall-2018 ibbażati fuq iċ-ċifri ta' produzzjoni fir-rapport GAIN ([5])) li indikat livell stmat ta' importazzjonijiet ferm ogħla. Rigward il-kapaċità tal-produzzjoni, CARBIO kkonfermat li l-kapaċità tal-produzzjoni fl-Arġentina taqbeż b'mod sinifikanti l-konsum domestiku b'aktar minn 3 miljun tunnellata.

(7) Għaldaqstant, dawn id-dikjarazzjonijiet ġew miċħuda.

1.2. **Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet**

(8) Fil-21 ta' Frar 2018, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku. Fl-24 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/756 ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni") ([6]) li jagħmel l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina soġġetti għal reġistrazzjoni mill-25 ta' Mejju 2018 'il quddiem.

(9) Bi tweġiba għat-talba ta' reġistrazzjoni, il-partijiet interessati ppreżentaw kummenti li l-Kummissjoni indirizzat fir-Regolament ta' reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni kellha biżżejjed evidenza disponibbli li tiġġustifika l-ħtieġa li l-importazzjonijiet jiġu rreġistrati.

(10) Skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni biex ikun żgurat li jekk mill-investigazzjoni jirriżultaw sejbiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji kompensatorji, dawk id-dazji jistgħu jiġu imposti retroattivament fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli, jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa jiġu ssodisfati.

(11) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' reġistrazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kummenti f'dan ir-rigward mill-GtA u CARBIO.

(12) Il-kummenti tal-GtA kienu jirrigwardaw l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli turi biżżejjed evidenza ta' sussidjar u milli turi li d-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni minn importazzjonijiet kbar ta' bijodiżil Arġentin f'perjodu relattivament qasir.

(13) Kif spjegat fil-premessi minn (5) sa (7), il-Kummissjoni qieset li kellha evidenza suffiċjenti ta' ssussidjar u theddida ta' dannu fl-istadju tal-bidu. Barra minn hekk, fil-premessa (14) tar-Regolament tar-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni pprovdiet evidenza ta' żieda enormi ta' importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina f'termini assoluti u f'termini tas-sehem fis-suq fil-perjodu bejn Awwissu 2017 u Marzu 2018, li jista' jindika l-eżistenza ta' dannu materjali lejn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħuda.

1.3. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu ta' analiżi**

(14) L-investigazzjoni tas-sussidjar u tad-dannu kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Diċembru 2017 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-evalwazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu ta' analiżi").

1.4. **Il-partijiet interessati**

(15) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-ilmentatur, lil produtturi oħrajn magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-GtA, lill-importaturi magħrufa, lill-fornituri u lill-utenti, lin-negozjanti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati bit-tnedija tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

([4]) 1 664 145 tunnellata għas-sena 2016 u 1 650 312 tunnellata għas-sena 2017.
([5]) Ir-rapport tal-GAIN (Global Agriculture Information Network) tad-Dipartiment tal-Agrikoltura tal-Istati Uniti.
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/756 tat-23 ta' Mejju 2018 li jagħmel l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 128, 24.5.2018, p. 9).

(16) Il-partijiet interessati kellhom opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.5. **Kampjunar**

(17) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

1.5.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(18) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet proviżorjament kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-ogħla produzzjoni rappreżentattiva li tista' tkun investigata b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.

(19) Il-kampjun proviżorju kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni u kien jirrappreżenta firxa ġeografika wiesgħa. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jammontaw għal 19 % tal-volum totali ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju.

(20) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti sostanzjati dwar il-kampjun proviżorju mingħand CARBIO, Greenergy Fuels Limited u mingħand l-ilmentatur. Il-premessi minn (310) sa (313) jipprovdu analiżi aktar dettaljata ta' dawn il-kummenti.

(21) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ssostitwiet wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun proviżorju b'ieħor. Il-kampjun finali kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti. Dan kien jammonta għal aktar minn 23 % tal-produzzjoni tal-Unjoni.

1.5.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(22) Il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun.

(23) Żewġ importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Minħabba n-numru żgħir ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx meħtieġ kampjunar.

1.5.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fl-Arġentina*

(24) Il-Kummissjoni talbet lill-esportaturi produtturi kollha fl-Arġentina sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Awtoritajiet tal-Arġentina sabiex jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(25) Disa' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni eskludiet kumpanija waħda mill-kampjun, billi ma kinitx tesporta bijodiżil lejn l-Unjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni. It-tmien kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji li kien fadal kienu jammontaw għal 100 % tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni. Skont l-Artikolu 27(1)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet dan il-kampjun li ġej ta' tliet gruppi ta' produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li raġonevolment seta' jkun investigat fiż-żmien disponibbli:

— Group Renova (Molinos Agro SA, Oleaginosa Moreno Hermanos SACIFIyA, Vicentin SAIC), l-Arġentina;

— Group T6 (Aceitera General Deheza SA, Bunge Argentina SA), l-Arġentina;

— Louis Dreyfus Commodities ("LDC") Argentina SA, l-Arġentina.

(26) Il-gruppi tal-kampjun ta' produtturi esportaturi kienu jirrappreżentaw 84 % tal-esportazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(27) Skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkonsultat lill-produtturi esportaturi kollha magħrufa u kkonċernati u lill-GtA dwar l-għażla tal-kampjun. Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda kumment dwar il-kampjun propost.

1.5.4. *Eżami individwali*

(28) L-ebda produttur esportatur li ma kienx inkluż fil-kampjun, ma talab eżami individwali skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament bażiku.

1.6. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika**

(29) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-GtA, lit-tliet gruppi fil-kampjun ta' produtturi esportaturi, lit-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, u liż-żewġ importaturi mhux relatati li kienu ppreżentaw ruħhom.

(30) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand il-GtA, il-gruppi kollha fil-kampjun ta' produtturi esportaturi, il-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun iżda wieħed biss miż-żewġ importaturi mhux relatati li kkooperaw.

(31) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għad-determinazzjoni ta' sussidju, li tirriżulta f'theddida ta' dannu u interess tal-Unjoni. Saret żjara ta' verifika fil-bini tal-Ministeri Arġentini tal-Agroindustrija, tal-Affarijiet Barranin, tal-Produzzjoni u tat-Tassazzjoni, li matulha pparteċipaw ukoll uffiċjali minn ministeri rilevanti oħrajn. Żjarat ta' verifika saru wkoll fil-bini tal-Banco de Córdoba, il-Banco de la Provincia de Buenos Aires, il-Banco de la Ciudad de Buenos Aires, il-Banco Central de la República Argentina u l-Banco de la Nación Argentina.

(32) Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-EBB u tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

— Masol Iberia Biofuel, S.L.U., El Grao (Castellón) u Barċellona, Spanja,

— Saipol, Grand-Couronne, Franza,

— Verbio Vereinigte BioEnergie AG, Leipzig, il-Ġermanja;

Produtturi esportaturi fil-kampjun fl-Arġentina:

— Group Renova:

  — Molinos Agro SA, Buenos Aires,

  — Oleaginosa Moreno Hermanos SACIFIyA, Buenos Aires,

  — Vicentin SAIC, Buenos Aires;

— Group T6:

  — Aceitera General Deheza SA, Buenos Aires,

  — Bunge Argentina SA, Buenos Aires;

— LDC Argentina SA, Buenos Aires.

1.7. **L-ebda impożizzjoni ta' miżuri proviżorji u proċedura sussegwenti**

(33) Ġaladarba li l-Kummissjoni sabet il-ħtieġa li tiġbor iktar informazzjoni dwar l-iżviluppi wara l-perjodu ta' investigazzjoni, li tkun tista' tikkonferma iktar is-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni u titfa' iktar dawl fuq l-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma timponi ebda miżura proviżorja f'dan il-każ.

(34) Fil-21 ta' Settembru 2018, permezz ta' dokument ta' informazzjoni li jiddeskrivi s-sejbiet preliminari tagħha, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati kollha li ma kien se jiġi impost ebda dazju kumpensatorju proviżorju fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina. Fit-8 ta' Ottubru 2018, sitt Stati Membri (Franza, Spanja, il-Bulgarija, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija) talbu lill-Kummissjoni timponi miżuri kompensatorji proviżorji f'dan il-każ. Permezz ta' ittra tal-10 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni kkonfermat li l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja u li aktar fatti se jiġu kkunsidrati (b'mod partikolari, l-iżviluppi immedjatament wara l-perjodu tal-investigazzjoni).

(35) Bosta partijiet interessati baġħtu sottomissjonijiet bil-miktub dwar id-dokument ta' informazzjoni. Il-partijiet li talbu dan ingħataw l-opportunità li jinstemgħu, inkluż mal-Uffiċjal tas-Seduta.

(36) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, waslu kummenti mingħand il-GtA, CARBIO, il-gruppi ta' produtturi esportaturi kollha fil-kampjun, u mill-EBB.

(37) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għall-konklużjonijiet definittivi tagħha. L-informazzjoni inkludiet b'mod partikolari, iżda mhux biss, tweġibiet għall-kwestjonarji riċevuti mill-EBB u l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun dwar l-iżviluppi wara l-perjodu ta' investigazzjoni, *data* dwar l-importazzjonijiet ta' bijodiżil lejn l-Unjoni wara l-perjodu ta' investigazzjoni u *data* pprovduta minn partijiet interessati wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni.

(38) Fit-3 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jagħmlu l-kummenti tagħhom dwar l-iżvelar definittiv.

(39) Wara l-iżvelar finali, l-EBB, il-Kopa (il-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet Agrikoli Professjonali), Cogeca (il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea) u l-Alleanza Ewropea taż-Żrieragħ Żejtnija laqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni li timponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott ikkonċernat

(40) Il-prodott ikkonċernat huwa esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmin u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, magħruf aktar bħala "bijodiżil", fil-forma pura jew kif inkluż f'taħlita, li ġej mill-Arġentina ("il-prodott ikkonċernat").

(41) L-investigazzjoni uriet li bijodiżil prodott fl-Arġentina huwa esklussivament ester metiliku tal-fażola tas-sojja (soybean methyl ester - "SME") derivat miż-żejt tal-fażola tas-sojja, filwaqt li l-bijodiżil prodott fl-Unjoni huwa prinċipalment ester metiliku tal-lift (rapeseed methyl ester - "RME") iżda magħmul ukoll minn materja prima oħra, inkluż żejt użat kif ukoll żejt verġni.

(42) Kemm l-SME kif ukoll l-RME jappartjenu għall-kategorija ta' esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin (fatty acid methyl esters - FAME). Il-kelma "ester" tirreferi għat-transesterifikazzjoni taż-żjut veġetali, jiġifieri, it-taħlit taż-żejt mal-alkoħol li jipproduċi bijodiżil u bħala prodott sekondarju, il-gliċerina. Il-kelma "metil" tirreferi għall-metanol, l-aktar alkoħol komuni li jintuża fil-proċess.

(43) Il-bijodiżil mill-SME jista' jintuża fil-forma pura tiegħu iżda ġeneralment jiġi mħallat qabel jintuża fl-Unjoni. Ir-raġuni għat-taħlit hija li l-SME fil-forma pura tiegħu ma jissodisfax l-istandard Ewropew EN 14214 f'dak li jirrigwarda n-numri tal-jodju u taċ-ċetan. Ir-raġuni għat-taħlit tal-SME mal-RME hija li l-SME għandu Punt ta' Sadd tal-Filtru tal-Kesħa (Cold Filter Plugging Point - "CFPP") ogħla mill-RME u għalhekk mhuwiex adattat għall-użu fil-forma pura tiegħu matul ix-xhur xitwin f'reġjuni kesħin tal-Unjoni Ewropea.

(44) It-taħlitiet ta' bijodiżil u diżil minerali finalment jintużaw fis-settur tat-trasport bħala fjuwil tal-magni li jaħdmu bid-diżil ta' vetturi tat-triq, bħal karozzi, trakkijiet u karozzi tal-linja u anki ferroviji. Il-bijodiżil fil-forma pura tiegħu jew imħallat ma' diżils minerali jista' jintuża wkoll bħala fjuwil ta' tisħin f'bojlers domestiċi, kummerċjali jew industrijali u bħala fjuwil għall-ġeneraturi għall-produzzjoni tal-elettriku. Qed isiru provi biex il-bijodiżil jiġi introdott fit-trasport bl-ajru, sabiex jonqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 ikkawżati mill-industrija tal-ajru.

(45) Il-prodott ikkonċernat attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet CN ex 1516 20 98 (il-Kodiċijiet TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (il-Kodiċijiet TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 30), ex 1518 00 95 (il-Kodiċi TARIC 1518 00 95 10), ex 1518 00 99 (il-Kodiċijiet TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 99 30), ex 2710 19 43 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 43 21, 2710 19 43 29 u 2710 19 43 30), ex 2710 19 46 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 30), ex 2710 19 47 (il-Kodiċijiet TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 30), 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 99 92 (il-Kodiċijiet TARIC 3824 99 92 10, 3824 99 92 12 u 3824 99 92 20), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (il-Kodiċijiet TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 30).

2.2. Prodott simili

(46) L-investigazzjoni uriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użijiet bażiċi:

(a) il-prodott ikkonċernat;

(b) il-prodott prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Arġentina;

(c) il-prodott prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(47) Il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

2.3. **Dikjarazzjonijiet rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott**

(48) Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott.

3. **SUSSIDJAR**

3.1. **Sussidji u programmi ta' sussidjar fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-investigazzjoni**

(49) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża informazzjoni li tinsab fl-ilment, fin-Notifika ta' Bidu u fit-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni investigat l-allegazzjoni ta' sussidji mill-GtA permezz ta' dawn il-programmi ta' sussidju li ġejjin:

(1) Appoġġ tal-Gvern lill-industrija tal-bijodiżil inkluż permezz tal-provvediment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata (less than adequate remuneration - "LTAR");

(2) Ix-xiri b'mandat mill-Gvern ta' bijodiżil għal remunerazzjoni aktar minn adegwata ("Ftehim dwar il-Provvista ta' Bijodiżil");

(3) L-għoti ta' self u finanzjament għall-esportazzjoni b'termini preferenzjali u self preferenzjali mill-Bank Nazzjonali tal-Arġentina (Banco de la Nación Argentina, "BNA");

(4) Dħul tal-Gvern mitluf jew mhux miġbur, bħal deprezzament aċċellerat għal produtturi tal-bijodiżil skont il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils, l-eżenzjoni u d-differiment tat-taxxa preżunta minima fuq id-dħul għall-produtturi tal-bijodiżil skont il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils; u

(5) Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali u muniċipali:

(a) Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Cordoba;

(b) Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Buenos Aires;

(c) Is-Sistema ta' Promozzjoni u ta' Żvilupp Industrijali tal-Provinċja ta' Santiago del Estero (System of Promotion and Industrial Development - "PSPID") - Liġi Provinċjali Nru 6.750;

(d) Ftehim dwar it-taxxi muniċipali bejn Louis Dreyfus Argentina u l-Muniċipalità ta' General Lagos;

(e) Tnaqqis tar-rata tat-taxxa perċentwali skont il-"Pacto Fiscal" (Digriet 14/1994);

(f) Eżenzjoni tal-Proprjetà Immobbli skont il-Liġi Industrijali ta' Santa Fe: eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tal-proprjetà immobbli skont il-Liġi Provinċjali Nru 8.478/1979 (l-Artikolu 4) tal-Promozzjoni Industrijali;

(g) Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Santa Fe;

(h) Eżenzjoni mit-Taxxa tal-Boll ta' Santa Fe tal-Artikolu 183.29;

(i) Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fatturat għall-bejgħ esportat ta' Santa Fe tal-Artikolu 127.

3.2. **Appoġġ tal-Gvern għall-industrija tal-bijodiżil inkluż permezz tal-provvediment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata**

3.2.1. *L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku*

(50) Il-Kummissjoni informat lill-GtA li jista' jkun li jkollha tuża l-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku fl-eżami tal-eżistenza u l-portata tal-appoġġ allegat mogħti lill-industrija tal-bijodiżil inkluż permezz tal-provvediment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(51) Fil-bidu, il-Kummissjoni talbet lill-GtA jipprovdi d-dettalji ta' kuntatt (l-ismijiet, l-indirizzi u l-email) tal-kumpaniji kollha li jfornu l-input ewlieni (il-fażola tas-sojja) għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-GtA ma pprovdiex dawn id-dettalji ta' kuntatt.

(52) Wara li din it-talba ma ġietx imwieġba, fis-17 ta' April 2018 intbagħtet talba lill-GtA għal aktar informazzjoni dwar l-akbar produtturi/fornituri ta' fażola tas-sojja li pprovdew inputs lill-produtturi Arġentini tal-bijodiżil.

(53) Minħabba l-ammont konsiderevoli ta' kumpaniji li jipprovdu l-input ewlieni għall-prodott ikkonċernat, fi spirtu ta' kooperazzjoni tajba u biex tiġbor tal-inqas ftit *data* rilevanti għall-investigazzjoni, il-Kummissjoni llimitat it-talba tagħha għal *data* minn l-aktar 10 produtturi/fornituri importanti ta' fażola tas-sojja biss.

(54) Il-Kummissjoni ma rċevietx informazzjoni sħiħa għall-parti l-kbira ta' dawn il-produtturi/fornituri ta' inputs għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni biss mingħand il-produtturi ta' bijodiżil li jipproduċu ż-żejt tal-fażola tas-sojja (mhux fażola tas-sojja) huma nfushom. Ma waslet ebda informazzjoni mingħand l-akbar għaxar produtturi tal-fażola tas-sojja, kif kien mitlub. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, il-Kummissjoni qieset li ma kinitx irċeviet informazzjoni kruċjali rilevanti għal dan l-aspett tal-investigazzjoni.

(55) Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet kwalunkwe informazzjoni disponibbli mitluba fil-premessa preċedenti għal dawk il-fornituri ta' fażola tas-sojja fis-snin 2014, l-2015, l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni li fih il-GtA ma għandux ishma jew mhuwiex l-akbar azzjonist. Din l-informazzjoni kienet meħtieġa biex jiġi evalwat jekk il-fornitur tal-fażola tas-sojja u l-produttur tal-bijodiżil kinux relatati jew le jew parti mill-istess entità. Il-Kummissjoni talbet evidenza li l-GtA pprova jikkuntattja lil dawn il-fornituri jew li tindika lill-Kummissjoni kif tali informazzjoni tista' tinkiseb (pereż. permezz ta' assoċjazzjonijiet rilevanti). Il-GtA ma inkludiex l-informazzjoni mitluba u lanqas xi evidenza tat-tentattivi tiegħu biex tal-inqas jikkuntattja lil dawn il-fornituri.

(56) It-tweġiba tal-GtA tal-15 ta' Frar 2018 kienet tavża li d-*data* mitluba mill-Kummissjoni dwar il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja setgħet tingħata minn erba' entitajiet, li tnejn minnhom kienu ACSOJA (Asociación de la Cadena de la Soja Argentina) u CARBIO. Is-servizzi tal-Kummissjoni ltaqgħu maż-żewġ korpi waqt iż-żjara ta' verifika fl-Arġentina iżda ma ngħataw l-ebda *data* dwar il-fornituri tal-fażola tas-sojja. Iż-żewġ korpi l-oħra ([7]) ma ġewx spezzjonati minħabba l-ammont limitat ta' ħin disponibbli. ACSOJA u CARBIO ntgħażlu biex jiġu spezzjonati bħala l-aktar żewġ korpi li x'aktarx ikunu jistgħu jassistu l-investigazzjoni.

(57) Waqt il-laqgħa ma' ACSOJA, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni staqsew għadd ta' mistoqsijiet dwar is-sitwazzjoni tas-suq tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina, dwar ir-relazzjoni tagħhom ta' forniment mal-produtturi tal-bijodiżil u dwar l-impatt tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq l-attività tagħhom. Ir-rappreżentant ta' ACSOJA ma ta ebda risposta sinifikanti għal dawn il-mistoqsijiet u ma pprovdiex *data* speċifika u evidenza utli għall-investigazzjoni. Kien ċar li ACSOJA kienet sempliċiment tirrappreżenta korpi rappreżentattivi oħrajn fil-katina tal-valur tal-fażola tas-sojja u ma setgħetx twieġeb għall-mistoqsijiet dettaljati, jew tagħti l-informazzjoni mitluba fil-kwestjonarju rigward il-produzzjoni ta' fażola tas-sojja lis-servizzi tal-Kummissjoni.

(58) Barra minn hekk, waqt iż-żjara ta' verifika, ACSOJA wegħdet li tibgħat stqarrijiet għall-istampa dwar it-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja u l-produzzjoni downstream tagħha. Il-Kummissjoni qatt ma rċeviet dawn l-istqarrijiet għall-istampa.

(59) Billi CARBIO hija assoċjazzjoni ta' produtturi tal-bijodiżil, ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti lill-Kummissjoni d-dettalji meħtieġa dwar il-produtturi tal-fażola tas-sojja.

(60) Għaldaqstant, il-GtA ma pprovdiex l-informazzjoni u l-evidenza meħtieġa dwar l-allegat provvediment mill-Gvern ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata, kif talbet il-Kummissjoni fil-kwestjonarju tagħha, fl-ittra tas-17 ta' April 2018 u waqt iż-żjara ta' verifika.

(61) In-nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti ma ppermettietx lill-Kummissjoni tiġbor l-informazzjoni kollha li hija tqis rilevanti għall-konklużjonijiet tagħha f'din l-investigazzjoni. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni ma setgħetx tikseb informazzjoni u *data* dwar is-suq għall-produtturi tal-fażola tas-sojja, l-impatt tal-miżuri governattivi (bħat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja) fuq l-imġiba tagħhom kif ukoll dwar il-provvista ta' fażola tas-sojja lill-produtturi tal-bijodiżil.

([7]) Dawn kienu AAPRESID (Asociación Argentina de Productores en Siembra Directa) u CIARA (Cámara de la Industria Aceitera de la República Argentina).

(62) Din l-informazzjoni kienet tinkludi l-imġiba u d-deċiżjonijiet tal-produtturi tal-fażola tas-sojja qabel u wara l-introduzzjoni u d-diversi bidliet tat-taxxi fuq l-esportazzjoni u miżuri oħra restrittivi b'mod simili, l-istrateġiji ta' produzzjoni tagħhom u l-possibbiltà li jaqilbu għal għelejjel alternattivi, id-disponibbiltà u l-aċċess għal art li tinħadem, il-karatteristiċi tas-suq u d-dinamika fir-rigward tad-distinzjoni bejn kumpaniji kbar u SMEs, il-kanali ta' bejgħ u kummerċjalizzazzjoni u l-istrateġiji għas-swieq domestiċi u ta' esportazzjoni tagħhom, il-prezzijiet u l-politiki ta' pprezzar fis-swieq domestiċi u ta' esportazzjoni tagħhom, l-impatt tal-prezz internazzjonali fuq il-politiki ta' pprezzar tagħhom, is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni interna u fis-swieq ta' esportazzjoni, il-profittabilità tagħhom matul is-snin, l-impatt ta' kapaċità żejda u tal-istrateġiji ta' ħażna tagħhom, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-klijenti prinċipali tagħhom domestikament u fis-swieq tal-esportazzjoni inkluż ir-rwol tal-industrija tat-tħin tas-sojja u l-valur miżjud miksub mill-industrija tat-tħin kif ukoll is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni tal-industrija tat-tħin fl-Arġentina u fis-swieq internazzjonali.

(63) Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li kien sostna l-GtA fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju, matul iż-żjara ta' verifika s-servizzi tal-Kummissjoni skoprew li l-GtA kellu s-sjieda ta' wieħed mill-forniturі tal-fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil, jiġifieri YPF ([8]). Madankollu, billi YPF huwa biss wieħed mill-mijiet ta' forniturі ta' fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil, l-informazzjoni li pprovda dan il-fornitur ma kinitx biżżejjed biex tiġi stabbilita l-imġiba tal-forniturі l-oħrajn ta' fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil. B'mod partikolari, YPF ma jkabbarx il-fażola tas-sojja, iżda jaċċetta l-fażola tas-sojja bħala ħlas għall-fertilizzant u l-fjuwil tiegħu u mbagħad ibigħ il-fażola tas-sojja fis-suq domestiku Arġentin. Għaldaqstant ma jirrappreżentax lill-bdiewa tal-fażola tas-sojja li jfornu lill-industrija tal-bijodiżil.

(64) Fin-nuqqas ta' informazzjoni kuntrarja mingħand il-GtA, il-Kummissjoni bbażat ruħha parzjalment fuq il-fatti disponibbli għas-sejbiet tagħha rigward dawn l-aspetti tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku.

(65) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA kkontesta mill-ġdid id-dikjarazzjoni li hu ma kkooperax bis-sħiħ fir-rigward tal-informazzjoni mitluba mill-bdiewa tal-fażola tas-sojja u rrefera għall-ittra tiegħu datata 20 ta' Lulju 2018. CARBIO ddikjarat ukoll li l-Kummissjoni kellha żball meta qalet li l-GtA ma kkooperax.

(66) Il-Kummissjoni tenniet li l-GtA ma pprovdiex dettalji ta' kuntatt tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja u informazzjoni parzjali biss dwar il-produtturi taż-żejt tas-sojja. ACSOJA u CARBIO ma tawx l-informazzjoni li l-Kummissjoni kienet talbet fil-kwestjonarju u lanqas matul il-laqgħat miżmuma magħhom. Barra minn hekk, matul dawn il-laqgħat, deher biċ-ċar li r-rappreżentant ta' ACSOJA ma kienx f'pożizzjoni li jwieġeb il-mistoqsijiet tekniċi dettaljati u li CARBIO kienet assoċjazzjoni ta' produtturi tal-bijodiżil u mhux produtturi tal-fażola tas-sojja.

(67) Il-Kummissjoni kkonkludiet li, fir-rigward tal-appoġġ allegat tal-GtA lill-industrija tal-bijodiżil b'mod partikulari permezz ta' diversi miżuri inkluż il-provvediment mill-GtA ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata, il-GtA ma pprovdiex l-informazzjoni u l-evidenza meħtieġa kif talbet il-Kummissjoni fil-kwestjonarju tagħha, fl-ittra tas-17 ta' April 2018 u waqt iż-żjara ta' verifika. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq il-fatti disponibbli dwar dan l-aspett tal-investigazzjoni.

(68) Fin-nuqqas ta' *data* pprovduta mill-GtA dwar il-bejgħ tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi esportaturi fil-kampjun fir-rigward tal-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq informazzjoni disponibbli pubblikament rigward id-direzzjoni jew l-inkarigu ta' kultivaturi tal-fażola tas-sojja mill-GtA biex ibigħu l-fażola tas-sojja domestikament għal rimunerazzjoni inqas minn adegwata u l-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil permezz ta' dan u miżuri oħra relatati.

(69) Wara l-iżvelar finali, il-GtA u CARBIO għal darb'oħra wrew in-nuqqas ta' qbil tagħhom mal-użu tal-fatti li għamlet il-Kummissjoni skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku. Huma ddikjaraw li l-użu tal-fatti disponibbli huwa ġustifikat biss meta parti interessata tonqos milli tipprovdi "informazzjoni meħtieġa", li tkun indispensabbli biex tintlaħaq determinazzjoni speċifika. Skont il-GtA u l-CARBIO, il-Kummissjoni qatt ma wriet kif l-informazzjoni mitluba kienet indispensabbli biex tintlaħaq determinazzjoni speċifika f'dan il-każ u injorat li l-informazzjoni mitluba jew ma kinitx disponibbli għall-GtA jew kienet strettament koperta mil-liġi dwar is-segretezza fiskali.

([8]) YPF (Yacimientos Petrolíferos Fiscales) hija kumpanija tal-enerġija Arġentina vertikalment integrata nazzjonalizzata fl-2012. https://www.ypf.com/LaCompania/Paginas/Todo-sobre-YPF.aspx

(70) Il-Kummissjoni spjegat b'mod estensiv fil-komunikazzjoni tagħha mal-GtA r-raġunijiet għaliex kienet teħtieġ aktar informazzjoni dettaljata dwar il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja u l-produtturi taż-żejt tas-sojja. Id-dikjarazzjoni tal-GtA u ta' CARBIO li l-GtA ma kienx fil-pożizzjoni li jipprovdi din l-informazzjoni ma kinitx sostnuta b'xi evidenza li tipprova li dan kien il-każ jew li l-Kummissjoni kellha mezzi raġonevoli oħra disponibbli biex tikseb tali informazzjoni. L-informazzjoni mitluba kienet ta' tali natura li l-Kummissjoni tista' tassumi li kienet jew fil-pussess tal-GtA u/jew CARBIO jew mill-inqas li l-GtA kellu l-kontroll regolatorju fuq il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja u produtturi taż-żejt tas-sojja biex jitlob din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni stenniet ukoll kooperazzjoni aħjar mill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja u l-produtturi taż-żejt tas-sojja jekk dawn ġew ikkuntattjati direttament mill-GtA u/jew b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni.

3.2.2. *Analiżi*

(71) L-ilmentatur allega l-eżistenza tal-appoġġ tal-GtA lill-industrija tal-bijodiżil permezz ta' miżuri diversi. B'mod partikolari, l-ilmentatur iddikjara li l-GtA kien implimenta politika ta' impożizzjoni ta' taxxi għoljin fuq l-esportazzjoni u regolamenti oħrajn relatati mal-fażola tas-sojja u maż-żejt tal-fażola tas-sojja, li huwa l-materja prima essenzjali għall-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Arġentina. B'dan il-mod, skont l-ilmentatur, il-GtA kien qed jiżgura li l-prezz tal-materja prima għall-produzzjoni tal-bijodiżil jibqa' ferm aktar baxx mill-prezzijiet globali.

(72) Kif iddikjarat fil-Memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza ([9]), il-Kummissjoni kkunsidrat li t-taxxi fuq l-esportazzjoni dehru li kienu waħda mill-għodod imfassla mill-GtA sabiex jidderieġi lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja u l-produtturi taż-żejt tal-fażola tas-sojja biex jgħinu lill-industrija tal-bijodiżil Arġentin. F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni eżaminat is-sett ta' miżuri adottat mill-GtA sabiex jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil Arġentin b'mod artifiċjali.

(73) Sabiex tiġi stabbilita l-evidenza ta' sussidju kumpensabbli, iridu jkunu preżenti tliet elementi: (a) kontribuzzjoni finanzjarja jew appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet; (b) benefiċċju, u (c) speċifiċità (l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku) ([10]).

(74) Biex tasal għal konklużjoni dwar l-ewwel element, il-Kummissjoni analizzat jekk is-sett ta' miżuri adottat mill-GtA jwassalx għal kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma tal-provvediment ta' fażola tas-sojja mill-Gvern għal remunerazzjoni inqas minn adegwata lill-produtturi esportaturi tal-bijodiżil Arġentin, skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku, u/jew jekk is-sett ta' miżuri adottat mill-GtA jaqax fil-kategorija ta' appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet tal-industrija tal-bijodiżil, skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku.

3.2.2.1. Kontribuzzjoni finanzjarja

(75) Mill-bidu nett, il-Kummissjoni osservat li l-kumpaniji kollha fil-kampjun kienu jixtru fażola tas-sojja domestikament minn kumpaniji relatati jew mhux relatati biex jipproċessawha f'żejt tal-fażola tas-sojja u mbagħad f'bijodiżil. Il-produtturi esportaturi fil-kampjun ma kinux jixtru żejt tal-fażola tas-sojja biex ikomplu jipproċessawh f'bijodiżil, billi kienu jitħnu l-fażola tas-sojja f'żejt tal-fażola tas-sojja huma nfushom bħala pass intermedju għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Għaldaqstant, l-analiżi fit-taqsimiet sekondarji li ġejjin tiffoka fuq jekk il-GtA kienx jipprovdi fażola tas-sojja (minflok żejt tal-fażola tas-sojja) għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(76) It-tieni inċiż tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku jgħid li jkun hemm kontribuzzjoni finanzjarja fejn il-gvern: "jinkariga jew jidderieġi korp privat biex iwettaq waħda jew iktar mit-tip ta' funzjonijiet deskritti fil-punti (i), (ii) u (iii) li normalment ikunu responsabbiltà tal-gvern, u l-prattika, fl-ebda sens, ma tkun differenti mill-prattiċi normali segwiti minn gvernijiet". It-tip ta' funzjonijiet deskritti mill-Artikolu 3(1)(a)(iii) tar-Regolament bażiku jseħħu fejn "il-gvern jipprovdi oġġetti jew servizzi apparti mill-infrastruttura ġenerali, jew jixtri oġġetti…". Dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu l-paragrafi (iii) u (iv) tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim dwar l-SCM u għandhom ikunu interpretati u applikati fid-dawl tal-każistika rilevanti tad-WTO.

([9]) Ara l-Memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza, 30 ta' Jannar 2018, p. 6.

([10]) Għal analiżi simili, ara r-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/387 tas-17 ta' Marzu 2016 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid fondut duttili (magħruf ukoll bħala grafit ta' ħadid fondut sferojdali), li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 73, 18.3.2016, p. 1).

(77) Il-Panel tad-WTO fi Stati Uniti – Restrizzjonijiet tal-Esportazzjoni ddeċieda li t-tifsiriet ordinarji taż-żewġ kelmiet "jinkariga" u "jidderieġi" fl-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim dwar l-SCM jeżiġu li l-azzjoni tal-gvern tkun trid tinkludi kunċett ta' delega (fil-każ ta' inkarigu) jew ta' kmand (fil-każ ta' direzzjoni) ([11]). Huwa rrifjuta l-"argument tal-kawża u l-effett" tal-Istati Uniti u talab azzjoni espliċita u affermattiva ta' delega jew kmand ([12]).

(78) Madankollu, f'każ sussegwenti, il-Korp tal-Appell iddeċieda li s-sostituzzjoni tal-kliem "jinkariga" u "jidderieġi" b'"delega" u "kmand" hija standard riġidu wisq ([13]). Skont il-Korp tal-Appell, "inkarigar" iseħħ fejn gvern jagħti responsabbiltà lil korp privat u "direzzjoni" tirreferi għal sitwazzjonijiet fejn il-gvern jeżerċita l-awtorità tiegħu fuq korp privat ([14]).

(79) Fiż-żewġ każijiet, il-gvern juża korp privat bħala institur sabiex iwettaq il-kontribuzzjoni finanzjarja, u "fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, wieħed jistenna li l-inkarigar jew id-direzzjoni ta' korp privat jinvolvu xi forma ta' theddid jew persważjoni" ([15]). Fl-istess waqt, il-paragrafu (iv) tal-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim dwar l-SCM ma jippermettix lill-Membri li jimponu miżuri kumpensatorji għal prodotti "kull meta l-gvern ikun sempliċiment qed jeżerċita s-setgħat regolatorji ġenerali tiegħu" ([16]) jew fejn l-intervent tal-gvern "jista' jkollu jew ma jkollux riżultat partikolari sempliċiment ibbażat fuq iċ-ċirkustanzi fattwali partikolari u l-eżerċizzju tal-għażla libera mill-atturi f'dak is-suq" ([17]). L-inkarigar u d-direzzjoni pjuttost jimplikaw "rwol aktar attiv tal-gvern milli sempliċi azzjonijiet ta' inkoraġġiment" ([18]).

(80) Barra minn hekk, id-WTO ma qisitx li "li korp privat jingħata diskrezzjoni neċessarjament imur kontra l-inkarigar jew id-direzzjoni ta' dak il-korp privat […] Għalkemm jista' jkun hemm każijiet fejn l-estent tad-diskrezzjoni li titħalla lill-korp privat ikun tali li jsir impossibbli li wieħed jikkonkludi kif xieraq li l-korp privat ġie inkarigat jew dirett (li jwettaq kompitu partikolari), din hija kwistjoni fattwali/evidenzjarja li għandha tiġi indirizzata fuq il-bażi ta' każ b'każ." ([19])

(81) F'konformità ma' dawk id-deċiżjonijiet tad-WTO, mhux il-miżuri kollha tal-gvern li jistgħu jagħtu benefiċċji ekwivalenti għal kontribuzzjoni finanzjarja taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 1.1(a) tal-Ftehim dwar l-SCM. Irid ikun hemm evidenza ta' politika jew programm tal-gvern li jippromwovi l-industrija investigata (f'dan il-każ partikolari l-industrija tal-bijodiżil/bijofjuwils), permezz tal-eżerċitar tal-awtorità fuq korpi pubbliċi jew privati jew l-għoti ta' responsabbiltà lilhom (hawnhekk il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja) sabiex jipprovdu fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(82) Fi ftit kliem, id-deċiżjonijiet rilevanti tad-WTO jipprovdu li:

(i) id-determinazzjoni ta' jekk hemmx "kontribuzzjoni finanzjarja" taħt l-Artikolu 1.1(a)(1) tal-Ftehim dwar l-SCM għandha tiffoka fuq in-*natura* tal-azzjoni tal-gvern, aktar milli fuq l-*effetti* jew ir-*riżultati* tal-azzjoni tal-gvern ([20]). Fi kliem ieħor, huwa rikonoxxut sew li l-gvernijiet jintervjenu fis-suq bħala *regolaturi* u, meta jagħmlu dan, jikkawżaw *effetti* fuq is-suq u l-operaturi tiegħu. F'dan is-sens, gvern jista', pereżempju, jimponi leġittimament taxxi fuq l-esportazzjoni sabiex jiġġenera dħul f'każ ta' komodità kompetittiva ħafna fis-swieq internazzjonali. Iżda ma teżistix tali impożizzjoni leġittima ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni meta jkun

([11]) Ir-Rapport tal-Panel tad-29 ta' Ġunju 2001, DS194 Stati Uniti — Miżuri li jittrattaw ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni bħala sussidji, paragrafu 8.29.
([12]) Rapport tal-Panel, DS 194, paragrafu 8.44.
([13]) Rapport tal-Korp tal-Appell tal-21 ta' Frar 2005, DS296 Stati Uniti – Investigazzjoni dwar dazji kumpensatorji fuq Memorja Dinamika b'Aċċess Każwali (DRAMS) mill-Korea, paragrafi 110-111.
([14]) Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, para.116.
([15]) Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, para.116.
([16]) Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, para.115.
([17]) Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, para. 114, li jaqbel mar-Rapport tal-Panel, DS 194, para. 8.31. dwar dak il-punt.
([18]) Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, para.115.
([19]) Rapport tal-Panel, DS 296, paragrafu 7.38. Din il-konklużjoni ma ġietx appellata.
([20]) Rapport tal-Panel, *US – Export Restraints* (Stati Uniti - Restrizzjonijiet fuq l-Esportazzjoni) (WT/DS194/R), iċċirkolat fid-29 ta' Ġunju 2001, paragrafi 8.33-8.34.

evidenti li l-użu ta' tali strumenti flimkien ma' mekkaniżmi oħrajn biex il-komoditajiet jinżammu domestikament u jisfurzaw lill-forniturі jbigħu taħt il-prezzijiet tas-suq huwa parti minn skema usa' maħduma mill-gvern sabiex jappoġġa industrija partikolari jew sett ta' industriji biex jixpruna l-kompetittività tagħhom. B'hekk, in-natura tal-azzjoni tal-gvern, inkluż il-kuntest, l-għan u l-iskop tagħha, hija rilevanti fl-evalwazzjoni tal-element ta' "kontribuzzjoni finanzjarja";

(ii) "l-inkarigar" jew "id-direzzjoni" jinvolvu azzjoni espliċita u affermattiva indirizzata lil parti partikolari b'rabta ma' kompitu jew dover partikolari, li huwa differenti ħafna mis-sitwazzjoni li fiha gvern jintervjeni fis-suq b'xi mod, li jista' jkollu jew ma jkollux *riżultat* partikolari minħabba ċ-ċirkustanzi fattwali u l-eżerċizzju tal-għażla libera mill-atturi f'dak is-suq. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kwistjoni ewlenija wara l-kunċetti ta' inkarigar jew direzzjoni hija jekk l-imġiba inkwistjoni, jiġifieri l-kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' provvediment ta' oġġett għal remunerazzjoni inqas minn adegwata, hijiex attribwita lill-gvern jew għadhiex l-għażla libera tal-operaturi privati fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tas-suq, bħal restrizzjonijiet regolatorji ([21]);

(iii) l-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim dwar l-SCM huwa, essenzjalment, dispożizzjoni kontra l-evażjoni u, għalhekk, sejba ta' inkarigar jew direzzjoni teħtieġ li l-gvern jagħti responsabbiltà lil korp privat jew jeżerċita l-awtorità tiegħu fuq korp privat sabiex jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja. F'ħafna każijiet, wieħed jistenna li l-inkarigar jew id-direzzjoni ta' korp privat jinvolvu xi forma ta' theddida jew persważjoni, li tista' sservi bħala evidenza ta' inkarigar jew direzzjoni ([22]). Madankollu, il-gvernijiet aktarx ikollhom mezzi oħrajn disponibbli sabiex jeżerċitaw awtorità fuq korp privat li wħud minnhom jistgħu jkunu "aktar sottili" minn kmand jew mhux bilfors jinvolvu l-istess grad ta' kompulsjoni ([23]);

(iv) irid ikun hemm "konnessjoni li tista' tintwera" bejn l-att tal-gvern u l-imġiba tal-korp privat ([24]). Mhemmx raġuni għalfejn każ ta' inkarigar jew direzzjoni mill-gvern ma għandux ikun premess fuq evidenza ċirkostanzjali (bħal pereżempju atti impliċiti u informali ta' delega jew kmand), sakemm din l-evidenza tkun probatorja u konvinċenti ([25]). F'dan ir-rigward, l-evidenza tal-intenzjoni tal-gvern li jappoġġa l-industrija downstream (pereżempju permezz ta' politiki jew deċiżjonijiet governattivi dikjarati pubblikament jew azzjonijiet governattivi oħrajn) jew l-eżistenza ta' miżuri governattivi oħrajn li jiżguraw riżultat partikolari fuq is-suq (pereż. restrizzjoni ta' esportazzjoni flimkien ma' miżura tal-gvern li ma tħallix lill-operaturi soġġetti għal dawk ir-restrizzjonijiet milli jaħżnu l-prodotti tagħhom), tista' tkun rilevanti biex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' "kontribuzzjoni finanzjarja" taħt l-Artikolu 1.1(a)(1)(iv) tal-Ftehim dwar l-SCM (b'mod partikolari bħala mod indirett għall-gvern biex jipprovdi oġġetti, kif previst fis-subparagrafu (iii)). F'ċerti ċirkustanzi, "gwida" minn gvern *tista'* tkun direzzjoni ([26]). Il-preżenza ta' effetti partikolari fis-suq (bħat-traħħis ta' prezzijiet) tista' wkoll tkun fattur li għandu jitqies flimkien ma' kull evidenza oħra disponibbli, inkluża l-possibbiltà ta' antiċipazzjoni ta' dawk l-effetti f'kuntest partikolari. Fl-aħħar nett, skont iċ-ċirkustanzi, korp privat jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx funzjoni li ġie inkarigat jew dirett biha, minkejja l-konsegwenzi negattivi possibbli li jistgħu jirriżultaw. Madankollu, dan waħdu, ma jurix li l-korp privat ma kienx inkarigat jew dirett ([27]).

(83) F'konformità ma' din il-każistika, il-Kummissjoni rrevediet b'attenzjoni kbira n-natura tal-intervent tal-GtA (jekk l-intervent tal-GtA jinvolvix l-inkarigar jew id-direzzjoni lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja?), in-natura tal-korpi inkarigati (il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma korpi privati fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku?), u l-azzjoni tal-korpi inkarigati jew diretti (il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja inkarigati jew diretti pprovdew fażola tas-sojja lill-industrija tal-bijodiżil Arġentina għal remunerazzjoni inqas minn adegwata u għalhekk jaġixxu bħala institur għall-GtA?). Barra minn hekk, il-Kummissjoni vverifikat jekk il-funzjoni mwettqa normalment tkunx vestita fil-Gvern (il-provvista ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata lill-kumpaniji produtturi taż-żejt tas-sojja fl-Arġentina hija attività normali tal-Gvern?) u jekk din il-funzjoni ma tvarjax, f'sens reali, mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet (il-provvediment attwali ta' fażola tas-sojja mill-kultivaturi, fis-sens reali, ivarja minn dak li l-Gvern innifsu kien jagħmel?).

([21]) Rapport tal-Panel, *US – Export Restraints*, paragrafi 8.29-8.31.
([22]) Rapport tal-Korp tal-Appell, *US –DRAMS (WT/DS296/AB/R)*, iċċirkolat fis-27 ta' Ġunju 2005, paragrafu 116.
([23]) Rapport tal-Korp tal-Appell, *US –DRAMS*, para.115.
([24]) Rapport tal-Korp tal-Appell, *US –DRAMS*, para. 112.
([25]) Ara r-Rapport tal-Panel, *Korea – Commercial Vessels* (Korea - Vetturi Kummerċjali) (WT/DS273/R), iċċirkolat fis-7 ta' Mejju 2005, para. 7.373.
([26]) Rapport tal-Korp tal-Appell, *US –DRAMS* (WT/DS296/A/R), para. 114.
([27]) Rapport tal-Korp tal-Appell, *US –DRAMS* (WT/DS296/A/R), para. 124.

3.2.2.2. L-inkarigar jew id-direzzjoni tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja mill-Gvern tal-Arġentina

(84) Fid-dawl tal-każistika tal-WTO msemmija fil-premessi minn (77) sa (82), il-Kummissjoni analizzat l-ewwel jekk l-appoġġ tal-GtA lill-industrija tal-bijodiżil Arġentina huwiex effettivament għan ta' politika tal-gvern u mhux sempliċi "effett kollaterali" tal-eżerċitar ta' setgħat regolatorji ġenerali. L-investigazzjoni eżaminat b'mod partikolari jekk id-distorsjonijiet fil-prezz misjuba kinux parti mill-għanijiet tal-Gvern, jew jekk il-prezzijiet orħos tal-fażola tas-sojja kinux pjuttost prodott sekondarju "involontarju" ta' regolamentazzjoni ġenerali tal-Gvern. F'konformità mal-konklużjonijiet milħuqa fil-premessa (64), il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża parzjalment fatti disponibbli sabiex tiddetermina jekk kienx hemm inkarigar jew direzzjoni tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja mill-GtA.

(85) Għadd ta' dokumenti juru li l-GtA espliċitament segwa l-appoġġ u l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil bħala għan politiku, b'mod partikolari billi fittex li jnaqqas il-prezz domestiku tal-materjali ta' input (il-fażola tas-sojja) u b'hekk ta kontribuzzjoni finanzjarja għall-produzzjoni tal-bijodiżil.

(86) Dan l-appoġġ jinkiseb permezz ta' bosta miżuri attribwibbli lill-GtA (inklużi taxxi fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja, sussidji lill-produtturi tal-fażola tas-sojja sabiex ikomplu jipproduċu u jbigħu domestikament lill-produtturi tal-bijodiżil, kontromiżuri fuq il-produzzjoni ta' qmuħ oħra bħal pereżempju, permezz tal-impożizzjoni ta' kwoti ta' esportazzjoni, u dikjarazzjonijiet pubbliċi sabiex iħeġġeġ lill-produtturi tal-fażola tas-sojja biex ma jwaqqfux il-produzzjoni tagħhom, iżda biex ikomplu jbigħu domestikament) ([28]). Dawn il-miżuri, għalkemm modifikat diversi drabi minn meta ġie introdott fl-1994 ([29]), ġie kostantament applikat sabiex, kif iddikjara l-GtA nnifsu fil-leġiżlazzjoni (ara l-premessi minn (89) sa (100), inaqqas il-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet dinjija u għall-benefiċċju tal-iżvilupp tal-katina tal-valur miżjud fl-Arġentina, li fost l-oħrajn, tinkludi l-industrija tal-bijodiżil.

(87) It-taxxi fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja huma għodda importanti użata mill-GtA sabiex jappoġġa lill-industrija tal-bijodiżil. Skont l-OECD, b'mod partikolari permezz tal-iskema tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tiegħu, il-GtA jimponi *"rati ogħla għal materja prima jew produtturi ta' inputs filwaqt li japplika rati aktar baxxi għall-prodotti lesti. […] Il-vantaġġ tal-prezz mogħti lill-industriji downstream domestiċi jista' joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u jnaqqasha kemm fis-suq domestiku kif ukoll f'dawk barranin"* ([30]). Barra minn hekk, l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (International Renewable Energy Agency - IRENA) iddikjarat f'rapport iddedikat lill-Arġentina li *"Taxxi differenzjali fuq l-esportazzjoni għal bijofjuwils versus prodotti oħra ġejjin mill-istess materja prima inkoraġġixxew l-esportazzjoni tal-bijofjuwils, speċjalment tal-bijodiżil"* ([31]). Il-Bank Dinji ddikjara li l-GtA jimponi taxxi għoljin fuq l-esportazzjoni li għandhom l-effett li *"jwaqqgħu l-kost tal-materja prima domestikament u jinkoraġġixxu l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil"* ([32]).

(88) Il-GtA ddikjara li l-ebda pubblikazzjonijiet tal-OECD, l-IRENA u l-Bank Dinji ma semmew objettiv espliċitu tal-GtA li jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil Arġentin. Madankollu, il-GtA ma kkontradixxiex il-korrettezza tal-kunsiderazzjonijiet misjuba mill-Kummissjoni. Kuntrarju għall-GtA, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-analiżijiet magħmula f'dawk il-pubblikazzjonijiet li jsostnu s-sejba li l-GtA espliċitament jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil Arġentina.

(89) L-Arġentina kellha stabbilita taxxa fissa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja bir-rata ta' 3,5 % sa mill-1994. Kif se jintwera bil-bidliet kollha tal-leġiżlazzjoni deskritti fil-premessi minn (91) sa (100), il-miżuri użati biex jaġġustaw it-taxxa fuq l-esportazzjoni lil hinn mir-rata inizjali juru l-għan espliċitu tal-GtA li jnaqqas il-prezzijiet domestiċi fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet tas-suq globali. Waqt l-investigazzjoni l-GtA ddikjara li t-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja u fuq iż-żejt tal-fażola tas-sojja kienet stabbilita għal raġunijiet ta' żieda fid-dħul. Minkejja diversi talbiet tal-Kummissjoni għal dokumenti li jappoġġaw din id-dikjarazzjoni, il-GtA ma pprovda xejn.

([28]) Dikjarazzjonijiet mill-ex Ministru tal-Ekonomija, Axel Kicillof, pereż. http://www.telam.com.ar/notas/201410/82669-kicillof-productores-venta-de-granos.php, http://www.lavoz.com.ar/politica/nueva-advertencia-de-kicillof-productores-que-retienen-granos, https://www.minutouno.com/notas/341839-kicillof-advirtio-los-sojeros-que-se-apuren-porque-el-precio-va-caer, aċċessat fit-3 ta' Settembru 2018.

([29]) Nomenclatura Comun Del Mercosur, Decreto Nacional 2275/1994, Artikolu 7 u Anness VI.

([30]) The Economic Impact of Export Restrictions on Raw Materials (L-Impatt Ekonomiku tar-Restrizzjonijiet fuq l-Esportazzjoni ta' Materja Prima), ippubblikat fl-2010, p. 18, disponibbli fuq: http://www.oecd.org/publications/the-economic-impact-of-export-restrictions-on-raw-materials-9789264096448-en.htm, aċċessat fit-13 ta' Lulju 2018.

([31]) Rapport dwar il-Politika dwar l-Enerġija Rinnovabbli Arġentina, Ġunju 2015, disponibbli fuq: http://www.iberglobal.com/files/2016/argentina_renewable_energy.pdf, aċċessat fit-13 ta' Lulju 2018, p. 4.

([32]) Bijofjuwils Likwidi: Rapport ta' Sfond dwar l-Istrateġija tas-Settur tal-Enerġija tal-Grupp tal-Bank Dinji, Dokument ta' Sfond dwar l-istrateġija tas-settur tal-Enerġija tal-Grupp tal-Bank Dinji, Marzu 2010, disponibbli fuq http://siteresources.worldbank.org/EXTESC/Resources/Biofuel_brief_Web_version.pdf, aċċessat fit-13 ta' Lulju 2018, p. 9.

(90) Barra minn hekk, l-ebda att leġiżlattiv mill-2002 'l hawn relatat mal-aġġustamenti fit-taxxa tal-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja, iż-żejt tal-fażola tas-sojja jew il-bijodiżil ma jagħti ż-żieda fid-dħul bħala raġuni għal-livell ta' taxxa ta' esportazzjoni. Dawk l-atti leġiżlattivi jiddikjaraw, pjuttost, kif spjegat fil-premessi minn (91) sa (100), li l-iskop tat-taxxa tal-esportazzjoni huwa li tħeġġeġ lill-forniturituri tal-fażola tas-sojja jkomplu jbigħu domestikament bi prezz aktar baxx mill-prezzijiet internazzjonali. B'hekk, minflok miżura fiskali ta' dħul, il-GtA juża t-taxxi tal-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja bħala għodda sabiex jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija domestika tal-bijodiżil.

(91) Wara dikjarazzjoni pubblika ta' emerġenza ([33]), it-taxxa tal-esportazzjoni żdiedet minn 3,5 % għal 13,5 % fl-2002 permezz tar-Riżoluzzjoni 11/2002 ([34]). Din ir-riżoluzzjoni kienet tinkludi din id-dikjarazzjoni: "*l-effetti ta' kwalunkwe bidla sostanzjali fil-prezzijiet internazzjonali ta' produzzjonijiet agrikoli għandhom jitqiesu wkoll*" (enfasi miżjuda), li turi li din il-miżura ttieħdet sabiex tinfluwenza l-prezz tas-suq domestiku tal-fażola tas-sojja meta mqabbel mal-prezz tas-suq dinji.

(92) Ir-rata żdiedet iktar fl-istess sena minn 13,5 % għal 23,5 % permezz tar-Riżoluzzjoni 35/2002 ([35]), li tiddikjara li "*Il-Liġi Nru 22415 tippermetti l-impożizzjoni ta' importazzjonijiet ta' oġġetti għall-konsum sabiex jistabbilizzaw il-prezzijiet domestiċi sakemm jilħqu livelli konvenjenti u jżommu provvista li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq domestiku*". Skont it-test legali dawn il-miżuri kienu tranżitorji u temporanji sakemm il-kundizzjonijiet ekonomiċi ġenerali attwali kellhom jibqgħu jippersistu. Madankollu, dawn it-taxxi fuq l-esportazzjoni għadhom fis-seħħ, f'livell simili għal meta kien hemm l-emerġenza pubblika, filwaqt li għal qmuħ oħrajn it-taxxa fuq l-esportazzjoni ġiet iffissata għal 0 % ([36]).

(93) Fl-2007, bdew joperaw l-ewwel produtturi tal-bijodiżil fuq skala kbira fl-Arġentina. F'dik is-sena l-GtA ppubblika żewġ riżoluzzjonijiet li żiedu t-taxxa tal-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja minn 23,5 % għal 27,5 % ([37]) u saħansitra għal 35 % ([38]). Iż-żewġ riżoluzzjonijiet iddikjaraw bħala raġuni għat-taxxa tal-esportazzjoni addizzjonali li minbarra żieda fid-domanda domestika u internazzjonali għal dawn il-prodotti, il-prodotti koperti minn dawn ir-riżoluzzjonijiet (l-aktar prodotti relatati mal-fażola tas-sojja) japplikaw għal użi produttivi ġodda, u b'mod espliċitu jagħtu l-bijofjuwils bħala eżempju.

(94) Barra minn hekk, ir-Riżoluzzjoni 10/2007 ([39]) iddikjarat b'mod espliċitu li "il-prezzijiet internazzjonali tal-qmuħ żdiedu b'mod sostanzjali […] *tinħass il-konvenjenza li jinħolqu dazji addizzjonali fuq l-esportazzjoni fuq għadd mill-oġġetti msemmija qabel*" (enfasi miżjuda).

(95) Ir-Riżoluzzjoni 369/2007 ([40]) innutat ukoll b'mod espliċitu li ż-żieda fit-taxxa fuq l-esportazzjoni hija meħtieġa biex "*tnaqqas il-prezzijiet domestiċi, issaħħaħ it-titjib fid-distribuzzjoni tad-dħul u tistimula l-valur miżjud*" (enfasi miżjuda).

(96) Fl-2008 permezz tar-Riżoluzzjoni 125/2008 ([41]) il-GtA stabbilixxa formula li abbażi tagħha jiġi kkalkulat ammont fiss ta' taxxa fuq l-esportazzjoni, skont il-livell tal-prezz frank abbord uffiċjali stabbilit kuljum mill-Gvern (Ministeru tan-Negozju Agrikolu).

(97) Ir-Riżoluzzjoni 125/2008 iddikjarat il-politika li ġejja: "***Il-prezzijiet internazzjonali tal-qmuħ ċereali u taż-żieragħ żejtnija żdiedu b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin, b'volatilità għolja tar-rati tal-varjazzjoni tagħhom matul is-sena. Il-persistenza ta' tali xenarju jista' jkollha effetti negattivi fuq l-ekonomija inġenerali, bħalma huma prezzijiet domestiċi ogħla,*** *distribuzzjoni tal-ġid inqas ġusta u żieda fl-inċertezza dwar id-deċiżjonijiet ta' investiment fl-agrikoltura u fl-industrija tal-bhejjem. L-emenda proposta għall-iskema ta' dazji fuq l-esportazzjoni applikabbli għal sottogrupp ewlieni ta' qmuħ ċereali u żieragħ żejtnija hija għodda xierqa biex jissolvew il-problemi msemmija*." (enfasi miżjuda).

([33]) Ley 25.561 Declárase la emergencia pública en materia social, económica, administrativa, financiera y cambiaria. Régimen cambiario. Modificaciones a la Ley de Convertibilidad. Reestructuración de las obligaciones afectadas por el régimen de la presente ley. Obligaciones vinculadas al sistema financiero.

([34]) Ministerio de Economía y Infraestructura, Comercio Exterior, Resolucion 11/2002 Fíjanse derechos a la exportación para consumo de diversas mercaderías comprendidas en la Nomenclatura Común del Mercosur. Alcances and Ministerio de Economía, Comercio Exterior.

([35]) Ministerio de Economía y Infraestructura, Comercio Exterior, Resolucion 35/2002 Fíjase un derecho a la exportación para consumo de determinadas mercaderías comprendidas en posiciones arancelarias de la Nomenclatura Común del Mercosur.

([36]) Ministerio de Agroindustria, Decreto 133/2015 Derecho de exportación. Alícuota.

([37]) Ministerio de Economía y Producción, Nomenclatura Común del MERCOSUR, Resolución 10/2007 Fijase un derecho de exportación adicional para mercaderías comprendidas en determinadas posiciones arancelarias.

([38]) Ministerio de Economía y Producción, Comercio Exterior, Resolución 369/2007 Nomenclatura Común del MERCOSUR (NCM). Sustituyese en el Anexo XIV del Decreto No 509/2007 y sus modificaciones, el derecho de exportación para determinados productos.

([39]) Ministerio de Economía y Producción, Nomenclatura comun del Mercosur, Resolución 10/2007, Fíjase un derecho de exportación adicional para mercaderías comprendidas en determinadas posiciones arancelarias, 11.1.2007.

([40]) Ministerio de Economía y Producción, Comercio exterior, Resolución 369/2007, Nomenclatura Común del MERCOSUR (NCM). Sustitúyese en el Anexo XIV del Decreto Nº 509/2007 y sus modificaciones, el derecho de exportación para determinados productos, 7.11.2007.

([41]) Ministerio de Economía y Producción, Nomenclatura Comun del Mercosur, Resolución 125/2008, 10/3/2008, Derechos de exportación. Fórmula de determinación aplicable a determinadas posiciones arancelarias correspondientes a cereales y oleaginosas ("Dazji fuq l-esportazzjoni. Formula għall-kalkolu tad-dazji fuq l-esportazzjoni applikabbli għal ċerti kodiċijiet tat-tariffi għall-qmuħ ċereali u għaż-żieragħ żejtnija").

(98) Għal darb'oħra fl-2008, permezz tar-Riżoluzzjoni 64/2008 ([42]) il-GtA emenda l-formula għall-kalkolu tat-taxxa fuq l-esportazzjoni u ddikjara mill-ġdid l-għan tal-politika tiegħu: "*L-iskop tal-iskema ta' dazji varjabbli fuq l-esportazzjoni* ***huwa li ttaffi l-impatt fuq il-prezzijiet domestiċi taż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali tal-qmuħ u taż-żrieragħ żejtnija*** *u l-prodotti sekondarji tagħhom,* ***u b'hekk tikkontribwixxi għat-titjib fid-distribuzzjoni tad-dħul.***" (enfasi miżjuda).

(99) Fl-2012, il-GtA ppubblika riżoluzzjoni konġunta fejn iddikjara li l-Arġentina kienet qed tadotta għadd ta' politiki pubbliċi sabiex issaħħaħ l-industrija nazzjonali tal-bijodiżil, speċjalment bil-promulgazzjoni tal-Liġi Nru 26.093. Ir-riżoluzzjoni konġunta nnutat ukoll li d-dazji fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil u t-taħlitiet tiegħu kienu konsistenti mad-dazji fuq l-esportazzjoni applikati fuq prodotti sekondarji oħrajn fis-settur taż-żrieragħ żejtnija, u jikkunsidraw il-kostijiet ta' produzzjoni differenti u jżommu differenzjali sabiex ir-rata effettiva għall-bijodiżil kienet inqas minn dik għall-input prinċipali tagħha, **u b'hekk jippromwovu ż-żieda fil-valur fl-Arġentina u jgħinu biex tingħata spinta lill-industrija tal-bijodiżil** ([43]).

(100) Għalkemm fl-aħħar tal-2015 il-GtA li kien għadu kemm ġie elett elimina t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq għelejjel oħra tal-qamħ, it-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja baqgħet għolja. Id-Digriet Nru 133/2015 ([44]) li jistabbilixxi l-eliminazzjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-qamħ u li jaġġusta l-perċentwal tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja għal 30 % iddikjara dan l-għan ta' politika li ġej: "Fil-każ tal-fażola tas-sojja u l-prodotti sekondarji tagħha, iż-żieda fl-art miżrugħa u l-ħsad rekord tal-istaġun l-ieħor ma **pprevenewx it-tnaqqis fil-kompetittività u l-profittabbiltà tal-katina tal-valur assoċjata kollha tagħha**" (enfasi miżjuda). Il-katina tal-valur f'dan il-każ tirrigwarda, fost l-oħrajn, l-industrija tal-bijodiżil.

(101) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA u CARBIO tennew id-dikjarazzjoni tagħhom li kull effett fuq il-produzzjoni tal-bijodiżil tat-taxxi fuq l-esportazzjoni applikata tas-sojja kienet tapplika għall-fażola tas-sojja jekk effett bħal dan jeżisti, b'mod ċar jikkostitwixxi l-iktar l-iktar effett sekondarju tal-miżura ta' ġbir tad-dħul.

(102) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din id-dikjarazzjoni. Id-digrieti, kif iċċitati fil-premessi minn (91) sa (100), ma jistgħux jitqiesu biss "sempliċi dikjarazzjoni ta' politika". Din il-leġiżlazzjoni tirrifletti ripetutament l-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil, filwaqt li, għall-kuntrarju tat-twemmin tal-GtA, id-digrieti ma jindikawx li l-ġbir tad-dħul huwa l-għan ta' taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja. L-ebda mil-leġiżlazzjoni li ressaq il-GtA fis-sottomissjoni tiegħu ma rreferiet għal funzjoni li żżid id-dħul għat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja.

(103) Bl-impożizzjoni ta' taxxi fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja, il-GtA jpoġġi lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja Arġentini f'sitwazzjoni ekonomikament irrazzjonali, li ġġiegħlhom ibigħu l-prodotti tagħhom domestikament għal prezz aktar baxx milli jistgħu jiksbu fin-nuqqas ta' dawk it-taxxi ta' esportazzjoni. Għaldaqstant huma mċaħħda minn għażla razzjonali u mġiegħla jikkonformaw mal-għan ta' politika tat-taxxa fuq l-esportazzjoni.

(104) Din is-sitwazzjoni irrazzjonali kompliet tikber minħabba restrizzjonijiet oħrajn fuq l-esportazzjoni, bħal pereżempju kwoti ta' esportazzjoni fuq prodotti agrikoli oħrajn minbarra l-fażola tas-sojja mill-2006 sal-2015, li skoraġġew l-esportazzjoni ta' għelejjel oħrajn u jidderieġu lill-kultivaturi biex ikomplu jipproduċu l-fażola tas-sojja (minflok qmuħ oħrajn) u li komplew ibaxxu l-prezz domestiku. Il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja komplew jipproduċu u jbigħu l-produzzjoni tagħhom lokalment billi dan il-prodott agrikolu ma jistax jinħażen u ma jistax jinżamm għal żmien medju jew twil.

(105) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA ddikjara li ma kienx hemm kwoti tal-esportazzjoni fuq il-qamħirrum u l-qamħ għal 10 snin. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li din id-dikjarazzjoni kienet fattwalment inkorretta. Ir-Riżoluzzjoni 543/2008 ([45]) espliċitament irregolat id-determinazzjoni tal-kwantitajiet massimi għall-esportazzjoni tal-qamħ u l-qamħirrum, fost oħrajn. Din il-miżura kienet fis-seħħ sal-aħħar tas-sena 2015 ([46]).

([42]) Ministerio de Economía y Producción, Nomenclatura Comun del Mercosur, Resolución Resolución 64/2008, 30/5/2008, Cereales y Oleaginosas. Fíjanse para diversas variedades de trigo, maíz, soja y girasol, comprendidas en determinadas posiciones arancelarias de la Nomenclatura Común del MERCOSUR (N.C.M.), derechos de exportación para distintos precios FOB ("Qmuħ u Żrieragħ żejtnija. Il-ħolqien ta' dazji fuq l-esportazzjoni fuq varjetajiet ta' qamħ, qamħirrum, fażola tas-sojja u ġirasol inklużi fil-kodiċijiet tat-tariffi tan-Nomenklatura Komuni tal-MERCOSUR (NCM) għall-prezzijiet franki abbord").

([43]) Ministerio de Economía y Finanzas Públicas, Ministerio de Industria y Ministerio de Planificación Federal, Inversión Pública y Servicios, Comercio Exterior, Resolución Conjunta (Riżoluzzjoni Konġunta) Nru 438/2012, 269/2012, 1001/2012 créanse el Registro de Operadores de Soja Autorizados (ROSA) y la "Unidad Ejecutiva Interdisciplinaria de Monitoreo". Derógase la Resolución Nº 109/09.

([44]) Ministerio de Agroindustria, Decreto 133/2015 Derecho de exportación. Alícuota.

([45]) Oficina Nacional de Control Comercial Agropecuario, Comercio Exterior, Resolución 543/2008, Establécense los requisitos a que deberán sujetarse los exportadores de granos y/o sus derivados, que soliciten su inscripción en el "Registro de Declaraciones Juradas de Ventas al Exterior", denominado "R.O.E. Verde", al que se refiere la Ley Nº 21.453.


([46]) Ministerio de Agroindustria, Ministerio de Hacienda y finanzas publicas y Ministerio de produccion, Resolución Conjunta 4/2015, 7/2015 y 7/2015, 28.12.2015.

(106) Barra minn hekk, fl-2009 il-GtA stabbilixxa projbizzjoni temporanja fuq l-importazzjoni tal-fażola tas-sojja u iddikjara li l-użu ta' materja prima domestika għandu jkun privileġġat fuq oħrajn importati u b'hekk iżidu l-valur tal-prodott Arġentin fis-suq internazzjonali, u li l-importazzjoni temporanja ta' inputs prodotti lokalment tfixkel dan l-għan ([47]). Fl-2012 il-GtA waqqaf ir-"Reġistru għall-Operaturi Liċenzjati tas-Sojja", u neħħa l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ([48]). Madankollu, l-importazzjoni tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina xorta waħda baqgħet ineffiċjenti sakemm saru emendi ulterjuri f'dan ir-reġistru fl-2016 ([49]). Il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni flimkien mat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja jikkonferma li l-għan ta' politika tal-GtA kien li jagħti spinta lill-industrija domestika tal-bijodiżil inkluż il-kontenut lokali fil-katina tal-provvista. Hija toħloq output artifiċjali mmexxi mill-gvern tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina għall-konsum domestiku li jiżgura li d-domanda lokali għall-fażola tas-sojja huwa sodisfatt fuq il-bażi ta' provvista lokali orjentata lejn il-kisba tal-miri tal-politika msemmija.

(107) Minbarra dan, perjodu twil ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' għelejjel oħrajn wassal għal żieda konsiderevoli fil-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, l-hekk imsejħa "sojización" ([50]) tal-agrikoltura Arġentina. Anki wara t-tneħħija tal-kwoti tal-esportazzjoni fl-2015 ([51]) il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja ma naqsitx b'mod sinifikanti meta mqabbla ma' għelejjel oħrajn u baqgħet pjuttost stabbli, ara l-Graff 1 hawn taħt:

Graff 1

Il-produzzjoni Arġentina ta' fażola tas-sojja, qamħirrum u qamħ għal kull sena ta' ħsad



Sors: http://datosestimaciones.magyp.gob.ar/

(108) Barra minn hekk, fl-2017 il-GtA ppubblika riżoluzzjoni li tistabbilixxi skema ta' stimulu għall-bdiewa tal-fażola tas-sojja, ([52]) bħala parti mill-Pjan Belgrano ([53]). Il-Pjan Belgrano ġie stabbilit fl-2016 bħala pjan ta' żvilupp tal-infrastruttura u tal-industrija f'għaxra mill-provinċji tat-Tramuntana tal-Arġentina, li storikament kienu inqas żviluppati meta mqabbla mal-bqija tal-pajjiż. Din ir-riżoluzzjoni tat inċentivi finanzjarji lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fl-għaxar provinċji l-inqas żviluppati fl-Arġentina ([54]) mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Awwissu 2017 u b'hekk kompliet tidderieġi lill-kultivaturi lejn il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja u żżid il-provvista domestika ta' fażola tas-sojja għall-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil.

(109) Il-Kummissjoni qieset li fid-dawl tal-evidenza disponibbli, il-GtA assuma "rwol aktar attiv minn sempliċi atti ta' inkoraġġiment", kif meħtieġ mill-Korp tal-Appell ([55]). Il-miżuri li ħa l-GtA jirrestringu l-libertà tal-azzjoni tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja billi fil-prattika jillimitaw id-deċiżjoni tan-negozju tagħhom dwar b'liema prezz u fejn għandhom ibigħu l-prodott tagħhom.

([47]) Ministerio de Producción, Resolución 109/2009, Exclúyese del Régimen de Importación Temporaria para Perfeccionamiento Industrial a ciertas mercaderías que se clasifican en la posición arancelaria de la Nomenclatura Común del Mercosur.
([48]) Ministerio de Economía y Finanzas Públicas, Ministerio de Industria y Ministerio de Planificación Federal, Inversión Pública y Servicios, Comercio Exterior, Resolución Conjunta (Riżoluzzjoni Konġunta) No. 438/2012, 269/2012, 1001/2012 créanse el Registro de Operadores de Soja Autorizados (ROSA) y la "Unidad Ejecutiva Interdisciplinaria de Monitoreo". Derógase la Resolución Nº 109/09.
([49]) Ministerio de Producción y Ministerio de Hacienda y Finanzas Públicas, Resolución Conjunta 5/2016 y 7/2016, modificación Resolución Conjunta Nº 438/2012, Nº 269/2012 y Nº 1001/2012.
([50]) https://www.lanacion.com.ar/1492219-sojizacion-de-nuestra-agricultura
([51]) Permezz tar-Riżoluzzjonijiet Konġunti 4/2015 u 7/2015.
([52]) Ministerio de Agroindustria y Administración Federal de Ingresos Públicos, Estimulo Agricola Plan Belgrano, Resolución General Conjunta 3993-E/2017, 15.2.2017.
([53]) Jefatura de Gabinete de Ministros, Modifícase la distribución del Presupuesto General de la Administración Nacional - Recursos Humanos - Ejercicio 2016, Decreta 435/2016, 1.3.2016.
([54]) Il-provinċji ta' Salta, Jujuy, Formosa, Santiago del Estero, Tucuman, Corrientes, Misiones, Catamarca, La Rioja u Chaco.
([55]) Rapport tal-Korp tal-Appell, DS 296, para.115.

(110) Ma jitħallewx jimmassimizzaw id-dħul tagħhom li jkunu jistgħu jiksbu fin-nuqqas tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja (pereż. billi jesportaw il-produzzjoni tagħhom biex jibbenefikaw minn prezzijiet ogħla jew billi jżidu l-prezzijiet domestiċi) kif ukoll miżuri restrittivi simili oħrajn.

(111) Dan huwa appoġġat ukoll mid-Digriet 133/2015 u d-Digriet 640/2016 li fih il-GtA jieħu miżuri speċifiċi biex jgħin lill-industrija tal-fażola tas-sojja u l-katina tal-valur assoċjata tagħha biex ireġġgħu lura t-tnaqqis li seħħ fil-kompetittività u l-profittabbiltà tal-katina tal-valur assoċjata kollha tagħha. Għalhekk, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma mħeġġa jew diretti mill-GtA sabiex iżommu l-produzzjoni biex ifornu s-suq domestiku anki jekk fornitur razzjonali jadatta l-output u l-prezzijiet tiegħu f'sitwazzjoni fejn l-esportazzjonijiet ikunu ġew diżinċentivati.

(112) Għaldaqstant, permezz ta' dawn il-miżuri l-GtA jipperswadi lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja sabiex iżommu l-fażola tas-sojja fl-Arġentina billi ma jistgħux ibigħu bi prezzijiet aħjar li jista' jkun hemm fl-Arġentina mingħajr dawn il-miżuri.

(113) F'dan is-sens, il-produtturi tal-input huma "inkarigati" jew "diretti" mill-GtA sabiex jipprovdu prodotti lill-utenti domestiċi tal-fażola tas-sojja, jiġifieri lill-produtturi tal-bijodiżil, għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja għandhom ir-responsabbiltà li joħolqu suq domestiku artifiċjali, kompartimentalizzat u rħis fl-Arġentina.

(114) Fi kliem ieħor, meta japplika s-sett ta' miżuri deskritti, il-GtA jaf kif il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja se jirreaġixxu għall-miżuri u liema konsegwenzi se jkollhom. Filwaqt li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jistgħu ibaxxu l-produzzjoni domestika tagħhom xi ftit b'reazzjoni għat-taxxi fuq l-esportazzjoni u miżuri restrittivi oħra, l-evidenza turi li l-produzzjoni ma waqfitx, u lanqas ma naqset b'mod sinifikanti (ara t-Tabella 1 hawn taħt u spjega iktar fid-dettall fil-premessa (139)). Il-Kummissjoni kkonkludiet li dan huwa riżultat tal-inkarigar u d-direzzjoni tal-GtA tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex ikomplu l-produzzjoni u l-esportazzjoni.

(115) Kif spjegat, fis-settur tat-tkabbir tal-fażola tas-sojja l-adattament tal-produzzjoni se jibqa' moderat, li se jirriżulta fi prezzijiet domestiċi aktar baxxi. F'dan ir-rigward, l-effetti huma stabbiliti fuq bażi *ex-ante*, mhux *ex-post* u għaldaqstant mhumiex "involontarji". Hemm "konnessjoni li tista' tintwera" ċara bejn il-politika u l-imġiba tal-korpi privati involuti, li qegħdin jaġixxu bħala instituri għall-GtA biex iwettaq il-politika tiegħu li jipprovdi fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata lill-industrija tal-bijodiżil.

(116) Il-GtA nnifsu rrikonoxxa li s-sett ta' miżuri tiegħu rnexxielu jikseb l-għanijiet ta' politika ddikjarati ta' appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil. Fir-riżoluzzjoni konġunta msemmija hawn taħt li l-GtA ppubblika fl-2012, huwa ddikjara li l-politiki pubbliċi adottati kienu jinkludu firxa ta' mekkaniżmi li jippromwovu l-industrija tal-bijodiżil. Huwa ddikjara wkoll li dan jispjega s-suċċess tal-prestazzjoni ta' dan is-settur produttiv, li l-marġnijiet gross tiegħu għall-input ewlieni tiegħu matul l-istadju tal-ipproċessar jaqbżu l-25 % ([56]). Dawn il-marġnijiet jidhru li ġew prodotti l-aktar mid-differenzi bejn id-dazji fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja u tal-bijodiżil.

(117) B'konklużjoni, il-Kummissjoni sabet li l-GtA kien inkariga jew iddirieġa lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja sabiex jimplimentaw il-politika tiegħu biex joħolqu suq domestiku kompartimentalizzat u biex jipprovdu l-fażola tas-sojja lill-industrija domestika tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(118) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA ddikjara li l-Kummissjoni wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni ta' inkarigu jew direzzjoni, u enfasizzat it-termini inċentiv u gwida, filwaqt li l-ħtiġijiet mid-WTO jimplikaw li l-attribuzzjoni ta' responsabbiltà għandha tikkostitwixxi azzjoni espliċita u affermattiva, tiġi indirizzata lil parti partikolari u jkollha bħala l-għan tagħha kompitu jew dmir partikolari. Is-sempliċi dikjarazzjonijiet ta' politika minn gvern ma jistgħux jikkostitwixxu ordni u l-allegata ordni jew inkarigar ma jistgħux ikunu involontarji jew sempliċiment prodott sekondarju tar-regolamentazzjoni governattiva.

(119) Il-Kummissjoni ma qablitx. Kif intqal fil-premessa (117), fid-dawl tal-każistika tad-WTO msemmija fil-premessa (93), il-Kummissjoni sabet evidenza sostanzjali sabiex tikkonkludi li l-GtA ħadet azzjoni espliċita u affermattiva li

([56]) Ir-Riżoluzzjoni Konġunta 438/2012, 269/2012 u 1001/2012 tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi Pubbliċi, il-Ministeru tal-Industrija u l-Ministeru tal-Ippjanar Federali, l-Investiment u s-Servizzi Pubbliċi.

jinkarigaw jew jidderieġu l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex ibigħu l-fażola tas-sojja tagħhom għal remunerazzjoni inqas minn adegwata lill-industrija tal-bijodiżil. Hemm "konnessjoni li tista' tintwera" bejn l-azzjonijiet tal-gvern u l-aġir tal-bdiewa tal-fażola tas-sojja b'mod li l-azzjonijiet tagħhom jistgħu jiġu attribwiti lill GtA. Il-GtA ma ssostanzjax id-dikjarazzjoni tiegħu li l-evidenza li nstabet mill-Kummissjoni setgħet biss tiġi meqjusa bħala sempliċi dikjarazzjonijiet ta' politika mill-GtA. B'mod partikolari, il-GtA ma kkontestax l-eżistenza talgħanijiet tal-politika ddikjarata, li jirriżultaw minn dawk id-dikjarazzjonijiet; lanqas ma kkontesta li saru dikjarazzjonijiet jiċċelebraw is-suċċess tal-miżuri restrittivi fil-kisba tal-miri ta' politika b'appoġġ għall-industrija talbijodiżil Arġentin. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(120) Barra minn hekk, il-GtA saħaq li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-eżistenza ta' mekkaniżmi differenti fi skema usa' ddiżinjata mill-GtA biex jappoġġa industrija partikolari hija rilevanti sabiex tiġi ddeterminata n-natura talazzjoni hija ovvjament żbaljata, billi t-taxxi fuq l-esportazzjoni mhumiex inklużi fil-paragrafi minn (i) sa (iii) tal-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku (jew tal-Ftehim SCM) u ma jaqgħux taħt il-paragrafu (iv) tal-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku.

(121) Is-sempliċi fatt li t-taxxi fuq l-esportazzjoni mhumiex espliċitament imsemmija fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku ma jeskludihomx milli jkollhom in-natura potenzjali ta' kontribuzzjoni finanzjarja u għalhekk ikunu jaqgħu fid-definizzjoni ta' sussidju skont ir-Regolament bażiku u l-Ftehim SCM. Il-Kummissjoni pprovdiet biżżejjed evidenza li t-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja kienet użata bħala għodda, flimkien ma' strumenti oħra, biex tħeġġeġ lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jikkonformaw mal-objettivi ta' politika ddikjarati b'mod li jammonta għal sussidju ta' kumpens kif speċifikat fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament bażiku. Billi l-GtA ma ssostanzjax ir-raġunament għala t-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja ma setgħetx titqies bħala sussidju kompensatorju, il-Kummissjoni ma laqgħetx din id-dikjarazzjoni.

(122) Wara l-iżvelar finali, il-GtA ma qabilx mas-sejba tal-Kummissjoni fil-premessa (121) li l-GtA ma ssostanzjax irraġunament tiegħu għala t-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja ma setgħetx titqies bħala sussidju kumpensatorju.

(123) Għalkemm matul l-investigazzjoni l-GtA ddikjara li l-impożizzjoni ta' taxxi fuq l-esportazzjoni għandhom għan ta' ġenerazzjoni ta' dħul, il-GtA naqas milli jipprovdi evidenza biex jappoġġa din id-dikjarazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe mill-atti leġiżlattivi li jimponu jew jimmodifikaw il-livell tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tassojja. Fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qieset li t-taxxi fuq l-esportazzjoni huma għodod fost oħrajn li l-GtA uża biex jappoġġa l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil. Għaldaqstant, il-Kummissjoni waslet għal konklużjoni differenti spjegata fil-premessi minn (89) sa (90) hawn fuq u ċaħdet id-dikjarazzjoni inizjali tal-GtA.

(124) CARBIO sostnew li l-Kummissjoni injorat l-istandard għoli meħtieġ biex tingħata evidenza ta' inkarigu jew direzzjoni. Il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jibqgħu liberi li jiddeċiedu jekk jipproduċux, ibigħux u jesportawx ilfażola tas-sojja tagħhom. L-ebda element ta' taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja ma jinkariga jew jidderieġi lill-produtturi tal-fażola tas-sojja biex jieħdu xi waħda minn dawn id-deċiżjonijiet.

(125) Il-Kummissjoni ma qablitx li l-istandard tal-inkarigu jew id-direzzjoni, kif spjegat fil-premessa (82), ma ntlaħaqx f'dal-każ. Barra minn hekk, l-istqarrija ta' CARBIO li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma liberi li jistabbilixxu lprezz tal-fażola tas-sojja hija żbaljata. Matul iż-żjara ta' verifika, il-GtA spjega kif il-prezz frank abbord talesportazzjonijiet tal-fażola tas-sojja huwa stabbilit mill-gvern. Billi kemm il-prezz tal-esportazzjoni u l-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja huma ferm inqas mill-prezz tas-suq dinji, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma limitati fil-libertà tagħhom li jistabbilixxu l-prezz tagħhom. Fl-aħħar nett, CARBIO tinjora li t-taxxa fuq lesportazzjoni mhijiex l-unika għodda mfassla mill-GtA biex tidderieġi l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja. Għaldaqstant din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(126) CARBIO kkontestat ukoll is-sejba tal-Kummissjoni fil-premessa (112) li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja ma jistgħux ibigħu bi prezzijiet aħjar fl-Arġentina daqskemm kienu jkunu jistgħu fin-nuqqas ta' dawn il-miżuri, u biex issostni l-argument irreferiet għal studju mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Intern li jiddikjara li t-tneħħija tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja kienet tirriżulta f'żieda tal-prezzijiet tal-fażola tas-sojja domestika ta' 1,2 % biss ([57]).

([57]) W. Deese and J. Reeder, Export Taxes on Agricultural Products: Recent History and Economic Modeling of Soybean Export Taxes in Argentina, USITC Journal of International Commerce and Economics, 2007.

(127) Madankollu, il-Kummissjoni nnutat li skont studju ppubblikat fl-American Journal of Agricultural Economics ([58]), il-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja fin-nuqqas ta' taxxa ta' esportazzjoni jista' jkun ħafna akbar, sa 26,0 %. Barra minn hekk, l-istudju msemmi minn CARBIO indika ukoll li l-eliminazzjoni ta' taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja twassal għal tnaqqis fil-prezz tas-suq dinji tal-fażola tas-sojja bi 18 %. Dan ifisser li mat-tneħħija teoretika ta' taxxa ta' esportazzjoni ta' 23,5 % kważi ma tibqax differenza bejn l-Arġentina u l-prezz tas-suq dinji.

(128) Għalhekk, il-Kummissjoni tenniet il-konklużjoni li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jkunu imħeġġa jkomplu jkabbru u jbigħu il-fażola tas-sojja fl-Arġentina mingħajr ma jitħallew ibigħu bi prezzijiet aħjar, kif kieku jiġri fl-Arġentina mingħajr dawn il-miżuri.

(129) Wara l-iżvelar finali, il-GtA u CARBIO tennew id-dikjarazzjonijiet tagħhom li:

— ma hemm l-ebda sett ta' miżuri li jħeġġu lill-kultivaturi domestiċi tal-fażola tas-sojja biex ibigħu l-fażola tas-sojja lokalment b'remunerazzjoni inqas minn adegwata;

— il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma liberi li jiffissaw il-prezz tal-fażola tas-sojja tagħhom;

— ma sseħħ l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja permezz ta' taxxi fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja; li kwalunkwe effett tat-taxxi tal-esportazzjoni applikat lill-fażola tas-sojja fuq il-produzzjoni tal-bijodiżil jikkostitwixxi, fl-aħjar każ, effett sekondarju ta' miżura ta' ġbir ta' dħul;

— in-natura u l-iskop ta' ġbir tad-dħul tat-taxxi fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-allegat inkarigu jew direzzjoni; u

— għalhekk ma jkun ingħata l-ebda benefiċċju.

(130) Il-GtA u CARBIO ma qablux anqas mal-interpretazzjoni legali tal-Kummissjoni tat-termini "inkarigar" u "direzzjoni". Il-GtA ddikjara li l-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni tixbah ħafna l-hekk imsejjaħ "approċċ fuq il-bażi tal-effetti", li kien espliċitament u kategorikament miċħud mill-ġurisprudenza tad-WTO.

(131) CARBIO sostniet ukoll li l-prezz tas-suq dinji attwali tal-fażola tas-sojja ma jirriflettix xi jkun il-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina fin-nuqqas tat-taxxa fuq l-esportazzjoni.

(132) Minħabba li l-GtA jew CARBIO sempliċiment irrepetew l-argumenti li kienu saru qabel iżda naqsu milli jissostanzjaw wieħed minn dawn l-argumenti, il-Kummissjoni ċaħdithom.

3.2.2.3. Inkarigar jew direzzjoni ta' korpi privati fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku

(133) Il-Kummissjoni mbagħad evalwat jekk il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina humiex entitajiet privati inkarigati jew diretti mill-GtA fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

(134) Il-produtturi esportaturi Arġentini fil-kampjun kienu qed jixtru l-fażola tas-sojja kollha użata fil-produzzjoni tal-bijodiżil minn sorsi domestiċi. Dawn kienu mixtrija minn farms tas-sojja privati, minbarra l-volumi żgħar ta' fażola tas-sojja miksuba mill-kumpanija YPF li hija proprjetà tal-istat.

(135) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-kultivaturi kollha tal-fażola tas-sojja huma korpi privati li ġew inkarigati mill-GtA fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku sabiex jipprovdu fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

3.2.2.4. Il-provvediment ta' fażola tas-sojja mill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata

(136) Fl-istadju sussegwenti, il-Kummissjoni vverifikat jekk il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja effettivament implimentawx il-politika tal-Gvern Arġentin sabiex jipprovdu l-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Dan kien jeħtieġ analiżi dettaljata tal-iżviluppi tas-suq fl-Arġentina mqabbla ma' punt ta' riferiment xieraq. F'konformità mal-konklużjonijiet milħuqa fil-premessa (64), il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża parzjalment fatti disponibbli sabiex tiddetermina jekk kienx hemm provvediment ta' fażola tas-sojja mill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

([58]) A. Bouet, C. Estrades, u D. Laborde, Differential Export Taxes along the Oilseeds Value Chain: A Partial Equilibrium Analysis, American Journal of Agricultural Economics, 2014, paġna 924 https://academic.oup.com/ajae/article/96/3/924/2737494

(137) Permezz tas-sett ta' miżuri deskritt fil-premessi minn (84) sa (116), il-GtA pperswada lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja sabiex ibigħu lokalment bi prezzijiet baxxi milli mod ieħor (jiġifieri kieku ma kienx hemm dawk il-miżuri, il-produtturi tal-fażola tas-sojja kienu jesportaw il-fażola tas-sojja bil-prezz ħafna ogħla tas-suq dinji jew sempliċiment kienu jibdlu l-provvista tagħhom biex jakkomodaw ir-restrizzjonijiet tas-suq.). Għall-kuntrarju, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja ma għamlux dan minħabba l-politika tal-GtA li jsaħħaħ l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil downstream.

(138) Kif jidher fit-Tabella 1, prattikament il-konsum domestiku kollu tal-fażola tas-sojja jkompli jiġi pproċessat billi jintaħan f'żejt tal-fażola tas-sojja. Id-*data* rigward il-produzzjoni, l-esportazzjoni, l-importazzjoni u t-tħin domestiku tal-fażola tas-sojja matul is-snin hija kif ġej:

Tabella 1

Fażola tas-sojja, żejt tas-sojja u produzzjoni tal-bijodiżil Arġentini

	Produzzjoni tal-fażola tas-sojja (t)	Esportazzjonijiet tal-fażola tas-sojja (t)	Importazzjonijiet tal-fażola tas-sojja (t)	Tħin tal-fażola tas-sojja (t)	Produzzjoni ta' żejt tal-fażola tas-sojja (t)	Konsum domestiku taż-żejt tal-fażola tas-sojja (t)	Produzzjoni tal-bijodiżil (t)
2007	47 482 787	11 843 248	2 245 391	36 268 044	6 962 206	474 078	
2008	46 238 890	11 733 588	2 891 771	31 709 219	6 024 101	1 078 022	711 864
2009	30 989 474	4 292 321	823 924	30 285 623	5 772 026	1 348 922	1 179 103
2010	52 676 218	13 616 012	189	36 824 921	7 000 075	2 118 336	1 820 385
2011	48 878 774	10 420 216	12 862	37 339 854	7 113 681	2 996 512	2 429 964
2012	40 100 197	6 158 407	1 428	33 333 313	6 353 359	2 841 121	2 456 578
2013	49 306 202	7 784 236	1 615	34 040 869	6 432 942	2 448 560	1 997 809
2014	53 397 720	7 360 901	2 227	37 936 186	7 096 392	3 184 146	2 584 290
2015	61 446 556	11 509 272	566	40 940 319	7 895 905	2 407 954	1 810 659
2016	58 799 258	8 910 323	853 849	44 482 510	8 670 493	3 137 953	2 659 275
2017	54 971 626	7 369 126	1 897 833	41 824 091	8 065 602	3 264 784	2 871 435

Sors: Sottomissjoni tal-GtA li ġejja minn diversi bażijiet tad-data Arġentini disponibbli għall-pubbliku.


(139) Kif jidher fit-Tabella 1, il-produzzjoni ta' fażola tas-sojja żdiedet minn 26,7 miljun tunnellata (t) fl-2001 għal 40,5 miljun t fl-2006 ([59]). Iż-żieda fit-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja ma wasslitx għat-tnaqqis tal-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, iżda għal żieda irrazzjonali minn perspettiva ekonomika. Tabilħaqq, mingħajr l-inċentiv maħluq mid-diversi miżuri tal-GtA, il-forniturituri soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni kienu jadattaw għall-kundizzjonijiet tas-suq. Madankollu, f'dan il-każ, minflok naqqsu l-produzzjoni tagħhom, il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jibbenefikaw ukoll mill-għan ta' politika li jsaħħaħ u jiżviluppa industrija kompetittiva tal-bijodiżil li, min-naħa tagħha, kienet teħtieġ li kwantitajiet ta' fażola tas-sojja jkunu disponibbli għall-produtturi tal-bijodiżil fi prezzijiet irħas minn dawk internazzjonali.

([59]) http://datosestimaciones.magyp.gob.ar/reportes.php?reporte=Estimaciones

(140) Ix-xejra tidher fil-Graff 2 hawn taħt (f't):

Graff 2

L-ipproċessar tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina



Sors: Data pprovduta fit-tabella fil-premessa (138).

(141) It-Tabella 1 u l-Graff 2 juru li prattikament il-produzzjoni kollha tal-fażola tas-sojja li ġiet ikkunsmata domestikament spiċċat miħuna u l-konsum domestiku taż-żejt tal-fażola tas-sojja li rriżulta kien użat prinċipalment għall-produzzjoni tal-bijodiżil.

(142) Wara l-iżvelar finali, CARBIO ddikjarat li l-Kummissjoni kienet qed tasserixxi li l-fażola tas-sojja kollha mibjugħa domestikament intużat esklussivament għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Il-Kummissjoni speċifikat li dan mhuwiex il-każ. Kif stipulat fil-premessa (141), il-fażola tas-sojja tinbiegħ domestikament biex tintaħan u ssir żejt tas-sojja u sojja miħuna. Iż-żejt tas-sojja li jirriżulta jintuża biex isir il-bijodiżil, billi ma hemmx suq domestiku sinifikanti għaż-żejt tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina. Xi żejt tal-fażola tas-sojja u sojja miħuna huma esportati.

(143) Barra minn hekk, il-fażola tas-sojja tiġi esportata biss meta l-konsum domestiku għat-ħin tal-fażola tas-sojja u għall-produzzjoni tal-bijodiżil ikun kompletament sodisfatt. It-Tabella 1 u l-Graff 2 juru wkoll l-importazzjonijiet ineżistenti jew limitati ħafna tal-fażola tas-sojja matul is-snin li fihom ġew applikati r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-mudell kummerċjali osservat fost il-produtturi esportaturi fil-kampjun. L-ebda wieħed minnhom ma importa l-fażola tas-sojja għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Minflok, huma importaw il-fażola tas-sojja esklussivament għall-użu fl-impjanti tat-ħin tagħhom imbagħad esportaw iż-żejt u d-dqiq kollu tal-fażola tas-sojja li rriżulta barra mill-Arġentina.

(144) Għaldaqstant, l-għan ewlieni tal-miżuri tal-GtA ntlaħaq: il-fażola tas-sojja prodotta domestikament issodisfat kompletament id-domanda domestika għal input għall-produzzjoni domestika tal-bijodiżil għad-detriment tal-produtturi tal-fażola tas-sojja li jippreferu jottimizzaw il-qligħ tagħhom u, jew jesportaw il-prodott kollu tagħhom, jew ibigħuh domestikament bi prezzijiet oġħla iżda huma limitati mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni.

(145) Skont il-każistika rilevanti tad-WTO kif spjegat b'mod partikolari fil-premessa (78), f'ħafna każijiet irid ikun hemm xi forma ta' theddida jew persważjoni mill-gvern lill-fornituri ta' inputs biex tintwera l-eżistenza ta' inkarigar u direzzjoni. Il-ftit marġni ta' diskrezzjoni ma teskludix awtomatikament dik il-konklużjoni. Din l-analiżi ta' każ b'każ hija bbażata fuq l-evidenza. F'dan il-każ, il-fatt li l-esportazzjonijiet huma pjuttost limitati f'suq ta' komoditajiet ferm internazzjonali li permezz tiegħu l-Arġentina hija waħda mill-produtturi ewlenin fid-dinja ta' fażola tas-sojja huwa notevoli, speċjalment meta wieħed iqis li l-prezz fis-swieq internazzjonali huwa ferm oġħla mill-prezz domestiku fl-Arġentina (ara l-Graff 3 fil-premessa (158).

(146) L-evidenza li tinsab fil-leġiżlazzjoni Arġentina (ara l-premessi minn (91) sa (99) turi li l-għan tal-politika tal-GtA huwa li jiżviluppa u jiffavorixxi l-valur miżjud ogħla tal-industriji downstream, inkluż il-bijodiżil. Barra minn hekk, il-GtA ddikjara b'mod ċar l-għan tiegħu li jipproteġi lill-industriji downstream miż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali.

(147) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, CARBIO ddikjarat li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi kwalunkwe evidenza għad-dikjarazzjoni li l-produtturi tas-sojja kienu jippreferu jottimizzaw il-profitti tagħhom.

(148) Billi l-Kummissjoni ma rċevietx informazzjoni diretta mill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja, kif spjegat fil-premessi minn (61) sa (64), il-Kummissjoni assumiet li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma operaturi ekonomiċi razzjonali f'ekonomija tas-suq li fejn jistgħu u jkun possibbli jottimizzaw il-benefiċċji tagħhom. Għalhekk, hija meqjusa deċiżjoni irrazzjonali li tiżdied il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja meta l-prezzijiet ikunu naqsu minħabba żieda tat-taxxi fuq l-esportazzjoni. Li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jkomplu jfornu l-fażola tas-sojja minkejja d-diversi miżuri restrittivi adottati mill-GtA huwa r-riżultat tal-azzjonijiet adottati mill-GtA li jħajru lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja bħala entitajiet jimplimentaw l-objettivi politiċi ddikjarati biex tappoġġa l-industrija tal-bijodiżil. Għaldaqstant din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(149) Il-GtA afferma li l-ebda evidenza ma ntweriet li l-ipproċessar tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina nbidel b'xi mod bħala riżultat ta' taxxi fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja.

(150) Il-Kummissjoni ma qablitx. L-ewwel nett, il-Kummissjoni tfakkar li l-GtA ma għenx lill-Kummissjoni biex tikseb l-informazzjoni neċessarja mingħand il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex jivvalutaw aħjar l-imġiba tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, miżuri tal-GtA (inkluża t-taxxa tal-esportazzjoni) bidlet l-imġiba tal-kultivaturi tas-sojja biex jinkisbu l-effetti maħsuba mill-GtA. Kif wieħed jista' jara fit-Tabella 1, minkejja żieda fit-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja fl-2007, jiġifieri fil-bidu ta' produzzjoni fuq skala kbira ta' bijodiżil, il-produzzjoni tal-fażola tas-sojja żdied b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, l-esportazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja ġiet sostitwita b'mod sinifikanti mill-esportazzjoni tal-bijodiżil matul l-istess perjodu, li juri li l-miżuri tal-GtA inċentivaw bidla strutturali biex itejbu l-kompetittività tal-industrija tal-bijodiżil. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(151) Huwa ċar ukoll li, għalkemm mhumiex formalment miżmuma mill-GtA milli jesportaw il-prodotti tagħhom, dawn il-politiki jġiegħlu lill-għadd kbir ta' bdiewa żgħar tal-fażola tas-sojja (madwar 64 000) jbigħu kważi l-produzzjoni tagħhom kollha fis-suq domestiku u bi prezz aktar baxx minn dak li jistgħu jiksbu fis-swieq internazzjonali. Ma hemm ebda evidenza dokumentata li l-GtA qiegħed b'xi mod jipprova jħeġġeġ u/jew jappoġġa attivament, direttament jew indirettament, żieda fl-esportazzjonijiet u allura massimizzazzjoni tal-qligħ għall-bdiewa tal-fażola tas-sojja minkejja d-diffikultajiet magħrufa tal-bdiewa ż-żgħar biex isibu klijenti barra mill-pajjiż, jikkomunikaw f'lingwa barranija u jirranġaw il-formalitajiet amministrattivi diffiċli kollha għall-esportazzjonijiet.

(152) Fin-nuqqas ta' evidenza oħra dokumentata rigward il-kuntrarju, u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni suffiċjenti mill-GtA li jipprovdi evidenza u informazzjoni rilevanti f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonkludiet li din l-evidenza turi l-persważjoni tal-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex ibigħu l-prodott tagħhom fis-suq domestiku għall-benefiċċju tal-industriji downstream inklużi l-produtturi tal-bijodiżil minflok jimmassimizzaw ir-redditu tagħhom pereżempju billi jsibu mezzi oħra bħall-adattament tal-produzzjoni tagħhom jew saħansitra jaqilbu għal xi tip ta' produzzjoni oħra (pereż. qmuħ oħrajn).

(153) Il-fatt li għad hemm ċertu grad ta' diskrezzjoni, tal-inqas formalment, biex il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jbigħu barra mill-pajjiż u li fir-realtà ftit li xejn kien hemm esportazzjonijiet, ma jeliminax il-konklużjoni ewlenija li ġew inkarigati jew diretti skont il-każistika tad-WTO fi DRAMS ([60]).

(154) Barra minn hekk, il-Kummissjoni analizzat l-impatt potenzjali tal-provvista ta' fażola tas-sojja kkawżat mill-miżuri tal-GtA fuq il-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja.

(155) Il-Kummissjoni użat il-prezz domestiku medju tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina li huwa bbażat fuq *data* ta' kull xahar mill-Buenos Aires Grain Exchange għal Rosario, Bahia Blanca, u Quequen ipprovdut mill-Ministeru tan-Negozju Agrikolu fil-livell tal-pajjiż.

([60]) Rapport tal-Panel, DS 296, paragrafu 7.38. Filwaqt li r-Rapport tal-Panel ġie appellat, din il-konklużjoni b'mod partikolari, ma ġietx appellata.


(156) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun importaw xi fażola tas-sojja. Għalkemm dawn il-kumpaniji ma użawx dawn l-importazzjonijiet għall-produzzjoni tal-bijodiżil – intużaw biex jagħmlu ż-żejt tas-sojja li mbagħad ġiet esportat, il-prezz ta' dawn l-importazzjonijiet seta' jitqies rappreżentattiv, billi l-fażola tas-sojja kienet importata biex tintaħan u esportata mill-ġdid bħala żejt tal-fażola tas-sojja u l-prezz tagħha kien jirrifletti l-prezz tas-suq dinji għall-fażola tas-sojja.

(157) Il-prezz domestiku kien imqabbel mal-prezz medju FOB tal-importazzjoni ta' fażola tas-sojja mill-produtturi esportaturi fil-kampjun fuq bażi ta' kull xahar.

(158) Il-Graff 3 hawn taħt turi l-varjazzjonijiet fil-prezz matul il-perjodu ta' analiżi u d-differenza fil-prezz f'perċentwal bejn il-prezz domestiku Arġentin u l-prezz tas-suq dinji.

Graff 3

Il-prezz domestiku Arġentin imqabbel mal-prezz tas-suq dinji



Sors: Bloomberg u s-sottomissjoni tal-GtA bbażata fuq data disponibbli għall-pubbliku.

(159) Il-Graff 3 turi differenza fil-prezz bejn il-prezz domestiku Arġentin u l-prezz tas-suq dinji li tista' tiġi spjegata primarjament mit-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja. Il-politika ta' direzzjoni tal-GtA ma tħallix lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja jagħmlu qligħ skont il-prezzijiet tas-suq dinji. Il-kultivaturi tal-fażola tas-sojja huma effettivament imċaħħda mill-għażla razzjonali li jbigħu fis-swieq internazzjonali bi prezzijiet ferm ogħla.

(160) Minflok, qegħdin jiksbu qligħ simili kemm fis-suq domestiku kif ukoll dak internazzjonali, billi jkollhom inaqqsu l-prezzijiet domestiċi bl-ammont tat-taxxa tal-esportazzjoni. Permezz ta' dan, il-GtA jrażżan il-prezzijiet domestiċi għall-benefiċċju tal-industrija domestika tal-ipproċessar.

(161) Il-GtA jidderieġi billi jċaħħad lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja minn għażla razzjonali. Barra minn hekk, kif jista' jiġi osservat miċ-ċart, id-differenza fil-prezz bejn il-prezzijiet domestiċi u l-prezzijiet internazzjonali mhux biss baqgħet sostanzjali, iżda pproteġiet ukoll lill-industrija tal-bijodiżil u lill-industriji downstream l-oħrajn ukoll (bħat-taħħana, li huma prinċipalment integrati mal-produtturi tal-bijodiżil) mill-ogħla żidiet fil-prezzijiet fis-suq internazzjonali.

(162) Għaldaqstant, is-sett ta' miżuri tal-GtA kiseb il-mira definita minn qabel tiegħu, jiġifieri li jnaqqas il-prezzijiet domestiċi fil-kuntest ta' żieda fil-prezzijiet internazzjonali għall-benefiċċju tal-industrija domestika ta' valur miżjud, inkluża dik tal-bijodiżil.

(163) Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina kienu inkarigati jew diretti biex jipprovdu fażola tas-sojja lill-industrija domestika tal-bijodiżil għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

3.2.2.5. Il-funzjoni li normalment tkun vestita fil-gvern u l-prattika, li, fl-ebda sens reali, tvarja mill-prattiki li normalment isegwu l-gvernijiet

(164) Fir-rigward tal-kriterju "normalment vestit", li l-Panel ma kompliex jiċċara ([61]) sa issa, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-provvediment ta' materja prima li tinsab f'pajjiż lill-kumpaniji nazzjonali huwa funzjoni li normalment tkun vestita fil-gvern. Taħt il-liġi ġenerali internazzjonali, l-Istati għandhom is-sovranità fuq ir-riżorsi naturali tagħhom. Filwaqt li jgawdu minn diskrezzjoni wiesgħa dwar kif jorganizzaw l-isfruttament tar-riżorsi naturali tagħhom, is-sovranità tagħhom normalment tinbidel f'setgħa governattiva regolatorja biex jagħmlu dan. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti jekk gvern abitwalment jidħolx jew le għal din il-funzjoni ([62]). Għaldaqstant il-Kummissjoni sabet li l-provvediment ta' fażola tas-sojja li titkabbar fl-Arġentina għall-industrija tal-bijodiżil hija funzjoni li normalment hija vestita fil-gvern.

(165) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, CARBIO oġġezzjonat għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li Stat Membru għandu jinżamm responsabbli għad-deċiżjonijiet meħuda minn forniturі privati ta' fażola tas-sojja mkabbra f'dak l-istat. Biex tissodisfa l-kriterju "normalment l-awtorità", CARBIO ddikjarat, li d-deċiżjonijiet kollha rigward il-fażola tas-sojja għandhom jittieħdu għal skop pubbliku. Madankollu, kif iddikjarat CARBIO fil-preżentazzjoni tagħha, "Stat jista' jagħżel li jieħu azzjoni fir-rigward tar-riżorsi naturali tiegħu." Dan jikkonferma l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tali sovranità normalment tissarraf f'setgħa governattiva regolatorja biex torganizza l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tal-istat. Għaldaqstant, mhux meħtieġ li d-deċiżjonijiet kollha rigward il-fażola tas-sojja jittieħdu għal skop pubbliku sabiex jissodisfaw tal-kriterju "normalment l-awtorità". Inkella, dawn l-entitajiet jistgħu jiġu kkunsidrati bħala "korpi pubbliċi" u l-azzjonijiet tagħhom jiġu attribwiti lill-Istat, li mhuwiex il-każ fix-xenarju ta' inkarigu jew direzzjoni. Skont dan l-aħħar każ, ma hemmx bżonn li l-azzjonijiet kollha minn korpi privati jistgħu jiġu attribwiti lill-Istat, iżda biss l-azzjoni speċifika eżaminata (jiġifieri l-forniment ta' inputs għal remunerazzjoni inqas minn adegwata). Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet ir-raġunament u kkonkludiet li l-provvista ta' materja prima, bħalma hi l-fażola tas-sojja, sabiex jintlaħqu għanijiet ta' interess pubbliku (bħall-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil) hija funzjoni li normalment hija fl-awtorità tal-gvern.

(166) Fir-rigward tal-kriterju ta' "fl-ebda sens reali, tvarja", il-Kummissjoni nnutat li l-lingwaġġ oriġina mir-Rapport tal-Panel tal-1960 dwar l-Eżami Skont l-Artikolu XVI:5, li fih intuża lingwaġġ simili fir-rigward tal-imposti ffinanzjati mill-produtturi li tqiesu li mhumiex differenti, fi kwalunkwe sens reali, mill-prattiki governattivi tat-tassazzjoni u tas-sussidji ([63]). F'dan l-isfond, dan il-kriterju jeħtieġ sejba affermattiva li l-provvediment tal-oġġetti mill-korpi privati inkarigati ma jvarjax, fl-ebda sens reali, mill-ipoteżi li l-gvern kien ipprovda tali oġġetti huwa stess. Il-Kummissjoni tqis li dan huwa l-każ. Minflok jipprovdi l-inputs direttament lill-industrija tal-bijodiżil sabiex jikseb l-għanijiet ta' politika pubblika tal-GtA li jsaħħaħ l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil, inkluż il-potenzjal ta' esportazzjoni tagħha, il-GtA jġiegħel lill-entitajiet privati jagħmlu dan f'ismu permezz ta' sett ta' miżuri.

(167) Wara l-iżvelar finali, il-GtA u CARBIO sostnew li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi kwalunkwe evidenza li turi li d-deċiżjonijiet meħuda minn forniturі privati fuq il-produzzjoni u l-bejgħ tal-fażola tas-sojja, imkabbra fuq art privata fl-Arġentina, jirriflettu funzjoni li hija normalment tal-GtA.

(168) Kif stipulat fil-premessa (164), il-Kummissjoni qieset li l-provvista ta' materja prima li tinsab f'pajjiż lil kumpaniji nazzjonali hija funzjoni li normalment tkun tal-gvern. Il-GtA jew CARBIO ma pprovdew l-ebda argument jew evidenza sostantiva li tirribatti din il-konklużjoni u għalhekk din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda. Il-GtA juża l-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex jikseb għan politiku partikolari li ma jvarjax minn sitwazzjoni fejn il-GtA stess ikun il-kultivatur tal-fażola tas-sojja direttament.

([61]) Panel, DS 194, paragrafu 8.59.
([62]) Panel, DS 194, paragrafu 8.59 li jiċħad l-argument tal-Kanada magħmul fi 8.56 għal dak l-għan.
([63]) Il-Panel, Eżami Skont l-Artikolu XVI.5, L/1160, adottat fl-24 ta' Mejju 1960 (BISD 9S/188), para. 12.

3.2.2.6. Konklużjoni

(169) Permezz ta' sett ta' miżuri, inklużi taxxi fuq l-esportazzjoni, restrizzjonijiet kwantitattivi, sussidji lill-produtturi domestiċi, u dikjarazzjonijiet ta' politika pubblika, il-GtA pperswada lill-kultivaturi domestiċi tal-fażola tas-sojja sabiex ibigħu l-fażola tas-sojja lokalment u "inkarigahom" jew "iddireġihom" sabiex jipprovdu din il-materja prima fl-Arġentina għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Il-miżuri inkwistjoni kisbu l-effett mixtieq li jfixklu s-suq domestiku tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina u li jnaqqsu l-prezz għal livell artifiċjalment baxx għall-benefiċċju tal-industrija downstream tal-bijodiżil. Il-funzjoni ta' provvediment ta' fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata normalment tkun vestita fil-gvern fid-dawl tal-għan pubbliku ta' appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil u l-prattika tal-kumpaniji kultivaturi tal-fażola tas-sojja li jwettquha, fl-ebda sens reali ma tvarja mill-prattiki normalment segwiti mill-gvernijiet meta jsegwu għanijiet ta' politika simili permezz ta' forom ta' appoġġ oħrajn (bħalma huma għotjiet jew dħul mitluf).

(170) Għaldaqstant il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GtA pprovda kontribuzzjoni finanzjarja indiretta fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) u (iii) tar-Regolament bażiku, kif interpretat u applikat f'konformità mal-istandard rilevanti tad-WTO skont l-Artikolu 1.1(a)(iv) u (iii) tal-Ftehim dwar l-SCM.

3.2.2.7. Appoġġ għall-prezz jew għad-dħul

(171) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kategoriji ta' "kontribuzzjoni finanzjarja"/"appoġġ għad-dħul jew għall-prezz" mhumiex reċiprokament esklussivi. Il-Korp tal-Appell ikkonferma li l-"medda ta' miżuri tal-gvern kapaċi li jipprovdu sussidji [taħt 'kontribuzzjoni finanzjarja'] titwessa' aktar bil-kunċett ta' 'appoġġ għad-dħul jew għall-prezz' fil-paragrafu (2) tal-Artikolu 1.1(a)" ([64]). Din l-interpretazzjoni hija wkoll konsistenti mal-għan tal-Ftehim dwar l-SCM, jiġifieri, "li jżid u jtejjeb dixxiplini GATT relatati mal-użu kemm ta' sussidji kif ukoll ta' miżuri kumpensatorji" ([65]).

(172) L-Artikolu XVI tal-GATT 1994 ikopri "kwalunkwe sussidju inkluża kwalunkwe forma ta' appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet, li jopera direttament jew indirettament sabiex iżid l-esportazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott mit-territorju tiegħu, jew biex inaqqas l-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott fit-territorju tiegħu".

(173) Il-kliem "kwalunkwe forma" jindika l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ta' din il-kategorija, fis-sens li jindika l-forom kollha li direttament jew indirettament jipprovdu appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet. F'dan is-sens, it-tifsira tad-dizzjunarju bl-Ingliż ta' "forma" tirreferi għal "wieħed mill-modi differenti li fiha oġġett jeżisti jew jimmanifesta ruħu; speċi, tip, jew varjetà" u wkoll "manjiera, metodu, mod" ([66]). B'hekk, "kwalunkwe forma" jinkludi kwalunkwe mod jew manjiera li fihom il-gvern jipprovdi appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet lil xi ħadd.

(174) "Appoġġ" jindika "l-azzjoni ta' kontribuzzjoni għas-suċċess jew iż-żamma tal-valur ta' xi ħaġa" ([67]). Il-kelma "appoġġ" spiss tintuża fil-kuntest tal-agrikoltura, bħala li tirreferi għal programmi ta' appoġġ tal-gvern ([68]). F'dan il-każ, it-tifsira ta' "appoġġ" fl-Artikolu 1.1(a)(2) tal-Ftehim dwar l-SCM tirreferi għall-azzjoni tal-gvern li tikkontribwixxi għas-suċċess jew iżżomm il-valur tal-prezzijiet jew tad-dħul li wieħed jirċievi.

(175) Finalment, ir-referenza "fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994" timplika l-forom kollha ta' appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet li direttament jew indirettament iżidu l-esportazzjonijiet ta' "kwalunkwe prodott" minn territorju ta' Membru tad-WTO jew inaqqsu l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott fit-territorju tiegħu. Dan l-effett, potenzjali jew attwali, huwa espliċitament kontemplat fl-Artikolu XVI:1 tal-GATT 1994: "…inkluża kwalunkwe forma ta' appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet, li jopera direttament jew indirettament sabiex iżid l-esportazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott mit-territorju tiegħu, jew biex inaqqas l-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott fit-territorju tiegħu".

([64]) WT/DS257/AB/R, para. 52.
([65]) Rapport tal-Korp tal-Appell, *US – Carbon Steel* (DS213), paragrafu 73, nota ta' qiegħ il-paġna 65.
([66]) Dizzjunarju online tal-Ingliż Oxford, entrati I.5.b u I.10.
([67]) Dizzjunarju online tal-Ingliż Oxford, entrata I.3.b.
([68]) Ftehim dwar l-SCM, l-Artikolu 15.4 ("…jekk kienx hemm piż akbar fuq il-programmi ta' appoġġ tal-gvern"); ara wkoll il-Ftehim dwar l-Agrikoltura, l-Artikolu 6 u l-Annessi II u III ("appoġġ domestiku").

(176) Fil-qosor, l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku jkopri l-miżuri tal-gvern fi kwalunkwe forma li direttament jew indirettament jipprovdu appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet lil xi ħadd u dan għandu effett, potenzjali jew attwali ([69]), billi jżid l-esportazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott minn territorju ta' Membru tad-WTO jew inaqqas l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott fit-territorju tiegħu. Din l-interpretazzjoni hija wkoll konsistenti mal-għan tal-Ftehim dwar l-SCM, jiġifieri, "li jżid u jtejjeb dixxiplini GATT relatati mal-użu kemm ta' sussidji kif ukoll ta' miżuri kumpensatorji" ([70]).

(177) F'konformità ma' din l-interpretazzjoni, minbarra li eżaminat jekk is-sett ta' miżuri adottati mill-GtA setax ikun ikkaratterizzat bħala "kontribuzzjoni finanzjarja" fil-forma ta' provvediment ta' oġġetti għal remunerazzjoni inqas minn adegwata, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk is-sett ta' miżuri tal-GtA setax ikun ikkaratterizzat ukoll bħala appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku. Meta għamlet dan, il-Kummissjoni eżaminat l-ewwel jekk il-GtA għandux l-intenzjoni li jappoġġa l-ħolqien u l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil; it-tieni, x'tip ta' miżuri adotta l-GtA sabiex jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil; u t-tielet, jekk dawk il-miżuri kinux jikkwalifikaw bħala "kwalunkwe forma ta' appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet" fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994.

(178) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA u CARBIO ddikjaraw li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq interpretazzjoni wiesgħa b'mod inaċċettabbli tat-termini "xi tip ta' appoġġ fir-rigward ta' dħul jew prezzijiet" użati fl-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku, bl-argument li din l-interpretazzjoni tinkludi "it-tipi kollha li direttament jew indirettament jipprovdu appoġġ fir-rigward ta' dħul jew prezzijiet" u "kull mod u manjiera li bih il-gvern jipprovdi appoġġ fir-rigward ta' dħul jew prezzijiet".

(179) Il-Kummissjoni ċaħdet din id-dikjarazzjoni. Din id-determinazzjoni tagħha għamlitha skont il-ġurisprudenza u l-interpretazzjoni tad-WTO ta' "appoġġ fir-rigward ta' dħul jew prezzijiet". Kif spjegat fil-premessi minn (186) sa (195) hawn taħt, il-Kummissjoni ma ħarsitx biss lejn l-effetti tal-miżuri meħuda mill-GtA, iżda wkoll analizzat bir-reqqa l-objettivi ta' politika meħuda mill-GtA kif ukoll in-natura u d-disinn, u kkonkludiet li l-prezz tal-bijodiżil u l-fażola tas-sojja fis-suq domestiku Arġentin "*jinkludu intervent dirett tal-gvern fis-suq bil-għan li jiffissa l-prezz ta' oġġett f'livell partikolari*". ([71]) B'riżultat tal-objettivi ta' politika segwiti mill-GtA, il-prezzijiet domestiċi tal-bijodiżil, meta mqabbla mal-prezz tal-bijodiżil esportat, huma ffissati f'livell artifiċjalment għoli, b'appoġġ għall-industrija domestika tal-bijodiżil (ara l-premessi (189) u (195). Fl-istess waqt, il-prezz tal-fażola tas-sojja huwa ffissat għal livell artifiċjalment baxx permezz ta' taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja li jappoġġa wkoll lill-industrija domestika tal-bijodiżil.

(180) Wara l-iżvelar finali, il-GtA ma qabilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li l-kategoriji ta' "kontribuzzjoni finanzjarja"/"appoġġ fir-rigward ta' dħul jew prezzijiet" ma jeskludux lil xulxin, minħabba l-konġunzjoni "jew" fl-Artikolu 1.1.(a)(2) tal-Ftehim SCM.

(181) Fil-premessa (171), il-Kummissjoni spjegat għaliex hija ma kkunsidratx li dawn il-kategoriji jeskludu lil xulxin. L-ispjegazzjoni lingwistika sempliċi tal-kelma "jew" fit-test tal-Ftehim SCM ma biddlitx ir-raġunament tal-Kummissjoni u għalhekk id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(182) Il-GtA tenna l-affermazzjoni tiegħu li s-sejbiet tal-Kummissjoni huma bbażati fuq interpretazzjoni wiesgħa mhux xierqa tat-termini "xi tip ta' appoġġ fir-rigward ta' dħul jew prezzijiet" kif użata fl-Artikolu 1.1.(a)(2) tal-Ftehim SCM u li biex ir-reġim tat-taxxa tal-esportazzjoni jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1.1.(a)(2), il-Kummissjoni tapplika "approċċ ibbażat fuq l-effetti", li huwa inkonsistenti mal-ġurisprudenza tad-WTO.

(183) Billi l-GtA ma ppreżenta l-ebda evidenza ġdida li tirribatti l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ċaħdet id-dikjarazzjonijiet.

([69]) "Effetti"potenzjali jirreferu għal dawk l-effetti li naturalment isegwu mill-istruttura, id-disinn u l-iskema ġenerali tal-miżura, minħajr il-ħtieġa ta' effetti "osservati" jew attwali fuq is-suq.
([70]) Rapport tal-Korp tal-Appell, *US – Carbon Steel* (DS213), paragrafu 73, nota ta' qiegħ il-paġna 65.
([71]) Rapport tal-Panel, US – GOES (WT/DS414/R), para. 7.85.

(184) Wara l-iżvelar finali, CARBIO kkontestat ukoll is-sejbiet tal-Kummissjoni ta' appoġġ fir-rigward ta' dħul u prezzijiet, u kkwotat favurihom parti oħra tar-Rapport tal-Bord China – GOES ([72]). Skont CARBIO, l-appoġġ fir-rigward ta' dħul u prezzijiet ma jkoprix sitwazzjonijiet fejn "moviment fil-prezzijiet huwa effett indirett ta' forma oħra ta' intervent mill-gvern" ([73]).

(185) Il-Kummissjoni qieset li r-referenza ta' CARBIO għall-każistika minn China – GOES mhix rilevanti f'dan il-każ fejn il-konklużjonijiet dwar l-appoġġ fir-rigward ta' dħul/prezzijiet mhumiex ibbażati fuq l-effetti indiretti fuq il-prezzijiet, iżda fuq azzjonijiet attribwibbli lill-GtA li huma ppjanati, u li għandhom bħala l-għan tagħhom, effetti fuq il-prezzijiet li jappoġġaw l-industrija tal-bijodiżil. Għaldaqstant din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

3.2.2.8. L-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-industrija domestika tal-bijodiżil

(186) L-atti leġiżlattivi msemmija fil-premessi minn (89) sa (100) juru li l-GtA għandu politika espliċita sabiex jappoġġa l-ħolqien u l-iżvilupp tal-industrija domestika tal-bijodiżil. B'mod partikolari, permezz tal-Liġi 26.093 tat-12 ta' Mejju 2006 ([74]), il-GtA stabbilixxa skema sabiex jippromwovi l-produzzjoni domestika u l-użu ta' bijofjuwils, inkluż il-bijodiżil. Din il-liġi waqqfet awtorità tal-infurzar bil-kompitu li tippromwovi u tikkontrolla l-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijofjuwils ([75]). Barra minn hekk, din il-liġi tipprovdi li d-Dipartiment tal-Agrikoltura, tal-Bhejjem, tas-Sajd u tal-Ikel għandu jippromwovi għelejjel destinati għall-produzzjoni tal-bijofjuwils li jinkoraġġixxu d-diversifikazzjoni produttiva tas-settur agrikolu, id-Dipartiment tal-Impriżi Żgħar u Medji għandu jippromwovi l-akkwist ta' assi kapitali mill-impriżi żgħar u medji għall-produzzjoni tal-bijofjuwil, u d-Dipartiment tax-Xjenza, tat-Teknoloġija u tal-Innovazzjoni Produttiva għandu jippromwovi r-riċerka, il-kooperazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-impriżi żgħar u medji u istituzzjonijiet rilevanti tas-Sistema Nazzjonali Pubblika tax-Xjenza, t-Teknoloġija u l-Innovazzjoni ([76]).

(187) Il-GtA pprovda appoġġ espliċitu sa mill-2001, meta daħal fis-seħħ id-Digriet 1396 ([77]). Dan id-digriet waqqaf il-Pjan ta' Kompetittività għall-Bijodiżil, li jeżenta lill-produtturi mit-taxxi *"sabiex jippromwovi l-iżvilupp tal-bijodiżil"* u jiddikjara *"li l-komponent tat-taxxa ta' fjuwils likwidu u ta' gass naturali huwa għodda fundamentali biex jintbagħtu sinjali ekonomiċi"* (enfasi miżjuda). Dan il-Pjan kien appoġġat mis-Sottosegretarju tal-Fjuwils fl-2001, li assigura lill-promoturi ta' proġetti ta' produzzjoni tal-bijodiżil li l-bijodiżil se jibqa' ħieles mit-taxxa u afferma r-rwol tal-GtA billi wieġħed l-istabbiliment ta' qafas regolatorju stabbli u ħabbar li l-proġetti tal-bijodiżil se jkunu qed igawdu l-benefiċċji tal-iskema u l-krediti ta' promozzjoni industrijali. Huwa ddikjara wkoll li l-produtturi agrikoli għandhom ikunu l-protagonisti tal-iżvilupp tal-bijodiżil ([78]).

(188) Il-promozzjoni tal-bijodiżil domestiku kienet ikkonsolidata mir-Riżoluzzjoni 1156 fl-2004, li ħolqot il-Programm Nazzjonali għall-Bijofjuwils ([79]) li ppromwova l-iżvilupp teknoloġiku tal-industrija domestika tal-bijodiżil mill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Produzzjoni ([80]). Il-GtA espliċitament ikkunsidra l-promozzjoni tal-industrija domestika tal-bijodiżil bħala parti mill-mudell makroekonomiku Arġentin ([81]).

([72]) Rapport tal-Panel, iċ-Ċina – GOES, premessi 7.85 – 7.87.
([73]) Ibid.
([74]) Régimen de Regulación y Promoción para la Producción y Uso Sustentables de Biocombustibles. Autoridad de aplicación. Funciones. Comisión Nacional Asesora. Habilitación de plantas productoras. Mezclado de Biocombustibles con Combustibles Fósiles. Sujetos beneficiarios del Régimen Promocional. Infracciones y sanciones.
([75]) L-Artikolu 4(a) tal-Liġi 26.093 mit-12.5.2006.
([76]) L-Artikolu 15(5), (6), u (7) tal-Liġi 26.093.
([77]) Decreto 1396/2001, 4.11.2001, Plan de Competitividad para el Combustible Biodiesel. Modificaciones al Impuesto sobre los Combustibles Líquidos y el Gas Natural. Normas Complementarias.
([78]) Dikjarazzjonijiet mill-ex Sottosegretarju tal-Fjuwils, Cristian Folgar, ara https://www.lanacion.com.ar/326725-el-gobierno-apoyo-los-proyectos-de-biodiesel, aċċessat fl-4.9.2018.
([79]) Resolution 1156/2004, 10.11.2004, Secretaría de Agricultura, Ganadería, Pesca y Alimentos, BIOCOMBUSTIBLES, Créase el Programa Nacional de Biocombustibles. Principales objetivos. Misiones y funciones.
([80]) Ara riċerka oħra: Georges Gérard Flexor, Karina Yoshie Martins Kato and Marina Yesica Recalde, El mercado del biodiésel y las políticas públicas: Comparación de los casos argentino y brasileño, reviżjoni CEPAL, 2012 (disponibbli fuq https://www.researchgate.net/publication/262960724_El_mercado_del_biodiesel_y_las_politicas_publicas_Comparacion_de_los_casos_Argentino_y_Brasileno_The_biodiesel_market_and_public_policy_Comparison_of_Argentine_and_Brazilian_cases, aċċessat fl-4.9.2018) u Dr. Cesar Petrusansky, El Desarrollo del Mercado de Biocombustibles en Argentina, Ejecutivos de Finanzas, 2008 (disponibbli fuq http://www.iaef.org.ar/files/revista/212/desarrollo.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.).
([81]) Secretaría de Política Económica, Ministerio de Economía y Finanzas Públicas, Instrumentos para el Desarrollo Productivo en la Argentina, 2011 (disponibbli fuq https://www.economia.gob.ar/peconomica/basehome/instrumentos_desarrollo_prod_argentina.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.).

(189) Fl-2011 is-Centro de Economía Internacional iddikjara ([82]) li l-iżvilupp tal-bijodiżil domestiku kien immirat biex jimmassimizza l-valur miżjud tas-sojja, u mhux biex inaqqas l-użu tal-fjuwils fossili. Ir-raġunijiet għall-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil mogħtija minn dan il-korp ta' riċerka kienu, fost oħrajn, l-opportunità akbar li jiġu pprovduti l-ħtiġijiet tas-swieq esterni u d-differenzi f'termini ta' dazji fuq l-esportazzjoni, li jinkoraġġixxu produzzjoni b'valur miżjud akbar minflok dik ta' prodotti bażiċi bħall-fażola tas-sojja ([83]).

(190) Barra minn hekk, studju li sar minn entità governattiva, l-Istitut Nazzjonali tat-Teknoloġija Agrikola ("Instituto Nacional de Tecnología Agropecuaria", INTA) fl-2011 ([84]) ikkonkluda li "huwa komuni għas-suq tal-bijodiżil li jkun stimolat mill-Istat għal diversi raġunijiet permezz ta' politiki differenti", "[f]i kliem ieħor, huwa probabbli li s-suq ikun stimulat artifiċjalment u li, minħajr il-preżenza tal-Istat, jitlef ir-rilevanza ekonomika tiegħu", u li "il-konklużjoni ovvja hija li l-bijodiżil ma jidhirx li jimbotta l-produzzjoni tal-fażola tas-sojja iżda li l-kawżalità tmur fid-direzzjoni opposta".

(191) Dan l-appoġġ kompla sa wara l-perjodu ta' investigazzjoni, billi fi Frar 2018 il-Ministru tal-Enerġija, il-Gvernatur ta' Santa Fe u CARBIO qablu li jistabbilixxu grupp konġunt ta' ħidma sabiex ifassal aħjar u jtejjeb l-istrateġija nazzjonali għall-bijodiżil ([85]).

(192) Fl-2010, il-GtA stabbilixxa mandat ta' taħlit għas-suq domestiku, fejn eżiġa li l-kumpaniji tal-fjuwil fl-Arġentina jixtru l-bijodiżil u jħalltuh ma' diżil minerali qabel ibigħuh ([86]). Dan il-mandat ta' taħlit twaqqaf flimkien ma' Ftehimiet ta' Forniment tal-Bijodiżil bejn il-GtA u l-produtturi tal-bijodiżil mill-2010 sal-2015. Dawn il-Ftehimiet ta' Forniment ġew stabbiliti "minħabba l-importanza tal-inserzjoni tal-bijofjuwils fl-iskema tal-enerġija tal-pajjiż" u għaldaqstant kien "meħtieġ li jiġu stabbiliti linji gwida ċari li jiżguraw b'mod effiċjenti u effettiv il-kisba tal-għanijiet proposti mis-setgħa eżekuttiva nazzjonali", ([87]) u wkoll "fid-dawl tal-għanijiet tal-istat nazzjonali li jippromwovi l-attività agroindustrijali billi jiġġenera valur miżjud għall-materja prima prodotta fit-territorju nazzjonali" ([88]).

(193) Kif diskuss fil-premessi minn (265) sa (267) il-GtA ma ffirma ebda Ftehim ta' Forniment tal-Bijodiżil wara l-2015 iżda baqa' jalloka kwoti u jiffissa l-prezz li bih il-kumpaniji tat-taħlit kellhom jixtru l-bijodiżil. Il-kwota kienet ibbażata fuq il-kwantità meħtieġa mistennija mis-suq domestiku sabiex jiġi sodisfatt il-mandat ta' taħlit. Il-bqija tal-produzzjoni Arġentina setgħet biss tiġi esportata.

(194) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz tal-bijodiżil fis-suq domestiku kien jiġi stabbilit kull xahar, u kien ivarja għal kumpaniji kbar, kbar mhux integrati, u kumpaniji żgħar u medji. Il-prezz domestiku tal-bijodiżil kien ibbażat fuq il-formula li ġejja:

Il-kost taż-żejt tal-fażola tas-sojja (kif ippubblikat mill-Ministeru tal-Agrikoltura) + il-kost tal-metanol + il-kost lavorattiv + kostijiet oħrajn + redditu tal-kapital (stabbilit għal 3 %) ([89])

([82]) Centro de Economia Internacional (CEI) – Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Arġentina, Los biocombustibles ya froman parte de las agendas global y hemisférica, 2011 (disponibbli fuq http://www.cei.gob.ar/userfiles/cei%20NOTA%2012.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.).

([83]) Dan huwa ripetut f'Marcelo Regunaga, u Agustin Tejeda Rodriguez, La politica de Comercio Agricola de Argentina y el Desarrollo Sustentable, Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli – ICTSD, 2015, (disponibbli fuq https://www.ictsd.org/sites/default/files/research/La%20Politica%20de%20Comercio%20Agricola%20de%20Argentina%20y%20el%20Desarrollo%20Sustentable.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.), Maria Marta Di Paola, La producción de biocombustibles en Argentina, Informe ambiental anual – FARN (Fundation ambiente y recursos naturales), 2013, (disponibbli fuq http://www.farn.org.ar/wp-content/uploads/2014/07/informe2013-1.186-209.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.), Evelina Goldstein u Graciela Gutman, Biocombustibles y biotecnologia. Contexto internacional, situation en Argentina, CEUR (Ċentru urban u reġjonali tal-istudji), 2010 (disponibbli fuq http://www.ceur-conicet.gov.ar/archivos/publicaciones/biocombustibles2.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.), u Ricardo Rozemberg u Martina Chidiak, Biocombustibles en la Argentina, Integration y Comercio (Interamerican Development Bank), 2015 (disponibbli fuq http://www19.iadb.org/intal/icom/data/Biocombustibles%20en%20la%20Argentina.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.).

([84]) Jorge A. Hilbert, Rodrigo Sbarra, Martin Lopez Amoros, Produccion de biodiesel a partir de aceite de soja – Context y Evolucion Reciente, Istituto Nacional de Tecnologia Agropecuaria – Ministerio de Agricultura, Ganaderia y Pesca, 2011, paġna 124 (disponibbli fuq https://inta.gob.ar/sites/default/files/script-tmp-inta_biodiesel_de_aceite_de_soja_en_argentina.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.).

([85]) Artiklu għall-istampa fi Clarin fit-2.2.2018, Acuerdan crear una mesa de trabajo para potenciar la cadena del biodiésel (disponibbli fuq https://www.clarin.com/rural/acuerdan-crear-mesa-trabajo-potenciar-cadena-biodiesel_0_BJ3nrSflf.html, aċċessat fl-4.9.2018).

([86]) Secretaria de Energia, Ratifícase el Acuerdo de Abastecimiento de Biodiesel para su Mezcla con Combustibles Fósiles en el Territorio Nacional del 20 de enero de 2010. Pautas a cumplir para el abastecimiento de Biodiesel al mercado de combustibles fósiles, Resolucion 7/2010 mill-4.2.2010.

([87]) Secretaria de Energia, Ratifícase el Acuerdo de Abastecimiento de Biodiesel para su Mezcla con Combustibles Fósiles en el Territorio Nacional del 20 de enero de 2010. Pautas a cumplir para el abastecimiento de Biodiesel al mercado de combustibles fósiles, Resolucion 7/2010 mill-4.2.2010.

([88]) Secretaria de Energia, Ratifícase el Acuerdo de Abastecimiento de Biodiesel para su Mezcla con Combustibles Fósiles en el Territorio Nacional del 5 de enero de 2010. Modifícase la Resolución Nº 7/2010, Resolución 554/2010 mis-6.7.2010, ripetuta f'Secretaría de Energía, Resolución 450/2013 mis-6.8.2013 u Secretaría de Energía, Acuerdo de Abastecimiento de Biodiesel para su Mezcla con Combustibles Fósiles en el Territorio Nacional. Ratificación, Resolución 660/2015 mill-20.8.2015.

([89]) http://www.energia.gob.ar/contenidos/verpagina.php?idpagina=3818, aċċessat fl-4.9.2018.

(195) Ebda wieħed mill-gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun ma rċieva kwota u forna lis-suq domestiku waqt il-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, il-prezzijiet medji ffissati fis-suq domestiku jidhru li huma ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni, speċjalment għall-produtturi tal-bijodiżil żgħar, medji u kbar mhux integrati. Għaldaqstant, bl-iffissar artifiċjali tal-prezz tal-bijodiżil domestiku f'livell artifiċjalment għoli, il-GtA segwa politika li jipprovdi appoġġ għall-prezzijiet lill-industrija tal-bijodiżil żgħira u medja li tbigħ fis-suq domestiku.

(196) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA kkontesta s-sejba li l-prezz domestiku tal-bijodiżil huwa ffissat f'livell artifiċjalment għoli.

(197) Il-Kummissjoni ma qablitx. Biex tevalwa l-livell tal-prezzijiet domestiċi tal-bijodiżil, il-Kummissjoni użat *data* pubblika pprovduta mill-GtA. Din id-*data* pubblika wriet li l-prezz domestiku huwa stabbilit mill-GtA u b'hekk ma titħalliex f'idejn il-forzi tas-suq. Il-GtA ma kkontestax li huwa jiffissa l-prezzijiet domestiċi tal-bijodiżil. Barra minn hekk, id-*data* pubblika wriet li l-prezzijiet fis-suq domestiku mħallsa mill-kumpaniji li għandhom aċċess għal dak is-suq (jiġifieri kumpaniji żgħar u ta' daqs medju) kienu ogħla, bħala kwistjoni ta' fatt, mill-prezz tal-esportazzjoni. Il-GtA anqas ma kkontesta dik id-differenza fil-prezz. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezz domestiku tal-bijodiżil huwa ffissat f'livell artifiċjalment għoli. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(198) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA ddikjara li r-rabta kawżali bejn l-allegat appoġġ fir rigward ta' dħul jew prezzijiet u l-effett sussegwenti ta' żieda fl-esportazzjoni jew tnaqqis fl-importazzjoni ma jistax jiġi aċċertat b'mod pożittiv u li l-akbar produtturi huma ostakolati milli jbigħu fis-suq domestiku.

(199) Il-Kummissjoni ċaħdet din id-dikjarazzjoni. Bir-regolamentazzjoni tas-suq domestiku tal-bijodiżil u bl-għoti ta' kwota biss lill-kumpaniji iżgħar tal-bijodiżil, il-GtA stabbilixxa industrija fejn l-akbar produtturi ma jitħallewx ibigħu domestikament u b'hekk huma orjentati kompletament lejn l-esportazzjoni, u b'hekk iħeġġu l-kompetittività tal-esportazzjoni tal-industrija tal-bijodiżil. Barra minn hekk, it-Tabella 2 fil-premessa (209) tipprovdi *data* dwar il-produzzjoni tal-bijodiżil Arġentin mill-2008 (meta l-Arġentina bdiet il-produzzjoni fuq skala kbira) u l-esportazzjoni tal-bijodiżil. It-Tabella 2 turi li l-appoġġ ta' dħul għall-industrija tal-bijodiżil kellu effett pożittiv fuq l-esportazzjoni minħabba li din ġiet maħluqa bħala industrija orjentata lejn l-esportazzjoni u għadha hekk sa llum.

(200) Kif spjegat fil-premessi minn (186) sa (191), il-GtA evidentement kellu l-intenzjoni li jappoġġa l-industrija domestika tal-bijodiżil sħiħa, irrispettivament jekk hux orjentata domestikament jew lejn l-esportazzjoni. Madankollu, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma kellu xi bejgħ domestiku rilevanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-produtturi esportaturi kollha fil-kampjun spjegaw li bil-provvista ta' kumpaniji żgħar u medji li ngħataw kwoti mill-GtA, id-domanda domestika kienet sodisfatta. Il-fatt li ġie stabbilit prezz speċjali għal kumpaniji kbar ma bidilx il-fatt li l-ebda waħda mill-kumpaniji l-kbar ma biegħu fis-suq domestiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni. B'riżultat, billi impedixxa l-industrija tal-bijodiżil milli tbigħ domestikament, il-GtA xpruna l-prestazzjoni fl-esportazzjoni tal-industrija tal-bijodiżil Arġentin.

(201) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-intenzjoni tal-GtA li jappoġġa l-ħolqien u l-iżvilupp tal-industrija tal-bijodiżil Arġentina hija evidenti.

3.2.2.9. Miżuri ta' appoġġ għall-industrija tal-bijodiżil

(202) Kif diskuss fil-premessi minn (186) sa (201), il-GtA fittex li jappoġġa l-industrija tal-bijodiżil billi jadotta sett ta' miżuri, inklużi t-taxxi fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja, kwoti tal-esportazzjoni fuq il-produzzjoni ta' qmuħ oħrajn minbarra l-fażola tas-sojja, projbizzjoni ta' importazzjoni fuq il-fażola tas-sojja matul il-perjodu qabel il-perjodu ta' investigazzjoni u l-għoti ta' sussidji lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja fl-aktar provinċji sottożviluppati fl-Arġentina. Dawn il-miżuri ħolqu suq domestiku artifiċjali, kompartimentalizzat u bi prezz baxx għall-fażola tas-sojja fl-Arġentina għall-benefiċċju tal-industrija domestika tal-bijodiżil. Barra minn hekk, bil-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils ([90]) il-GtA waqqaf skema ta' promozzjoni għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Kif imsemmi wkoll fil-premessa (191), dan l-appoġġ kien kompla anki wara l-perjodu ta' investigazzjoni meta l-GtA, flimkien ma' awtoritajiet oħrajn u operaturi waqqaf grupp konġunt ta' ħidma sabiex ifassal aħjar u jtejjeb l-istrateġija nazzjonali għall-bijodiżil. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli li fl-aħħar 10 snin il-GtA stabbilixxa sett ta' miżuri sabiex joħloq, jiżviluppa u jappoġġa lill-industrija tal-bijodiżil.

([90]) Il-Liġi 26.093 tal-2006.

3.2.2.10. Is-sett ta' miżuri adottati mill-GtA jikkwalifika bħala "kwalunkwe forma ta' appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet" fis-sens tal-Artikolu XVI tal-GATT 1994

(203) Permezz tas-sett ta' miżuri deskritti fil-premessa minn (186) sa (201), il-GtA jipprovdi appoġġ għad-dħul lill-industrija tal-bijodiżil. Anki kieku jista' jiġi argumentat li l-miżuri stabbiliti mill-GtA għall-produtturi tal-fażola tas-sojja mhumiex inkarigar jew direzzjoni, *quod non*, tal-inqas huma kundizzjonijiet regolatorji li b'mod artifiċjali jippermettu lill-produtturi tal-bijodiżil jiksbu l-fażola tas-sojja bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk disponibbli fuq livell internazzjonali. Riżoluzzjoni tal-2012 ([91]) tal-GtA rrikonoxxiet li l-industrija tal-bijodiżil għamlet qligħ li kważi laħaq il-25 % fl-2012 minħabba s-sett ta' miżuri adottati mill-GtA.

(204) Barra minn hekk, il-GtA stabbilixxa rekwiżiti obbligatorji ta' taħlit biex il-kumpaniji tal-fjuwil fl-Arġentina jkollhom jixtru l-bijodiżil bi prezzijiet artifiċjalment għalja stabbiliti mill-GtA. Kif spjegat fit-Taqsima 3.3, il-Kummissjoni ma tikkontrobattix il-Ftehimiet ta' Forniment tal-Bijodiżil billi l-produtturi esportaturi ma bbenefikawx minn din il-miżura fil-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, li s-sistema hija stabbilita jindika li l-GtA jipprovdi wkoll appoġġ għall-prezzijiet għall-industrija tal-bijodiżil.

(205) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li permezz tal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils ([92]) il-GtA waqqaf skema ta' promozzjoni għall-produzzjoni tal-bijodiżil, li tinkludi l-għoti ta' inċentivi b'appoġġ għall-iżvilupp ta' din l-industrija.

(206) Dawn il-miżuri kollha juru li l-industrija tal-bijodiżil Arġentina hija appoġġata u stimulata b'mod artifiċjali. Dan huwa rikonoxxut ukoll mill-GtA f'waħda mill-pubblikazzjonijiet tal-Istitut Nazzjonali tat-Teknoloġija Agrikola, fejn jingħad li "probabbilment is-suq huwa stimulat b'mod artifiċjali u mingħajr il-preżenza tal-istat, jitlef ir-rilevanza ekonomika" ([93]) u li "id-differenza fit-taxxa fuq l-esportazzjoni hija inċentiv ċar għall-produzzjoni tal-bijodiżil, u li mingħajr l-assistenza tal-istat, is-suq tal-bijodiżil għall-kumpaniji li jiddependu fuq ix-xiri taż-żejt fis-suq ma jkunx sostenibbli bħala l-uniku prodott għall-bejgħ" ([94]).

(207) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li permezz tas-sett ta' miżuri msemmija hawn fuq il-GtA jipprovdi direttament jew indirettament appoġġ għad-dħul jew għall-prezz għall-industrija tal-bijodiżil, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kompetittività tiegħu.

(208) Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessi (199) u (200), l-industrija tal-bijodiżil Arġentina hija settur li ġie stabbilit bħala orjentat lejn l-esportazzjoni fejn jipprevalu l-prezzijiet tas-suq dinji.

(209) Kif jidher fit-Tabella 2, l-industrija tal-bijodiżil Arġentina inizjalment kienet stabbilita bħala industrija orjentata lejn l-esportazzjoni, fejn speċjalment fl-ewwel snin kważi l-produzzjoni kollha tal-bijodiżil kienet esportata u daħlet fl-akbar swieq ta' esportazzjoni tagħha taħt is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi b'tariffa żero ([95]).

Tabella 2

Il-produzzjoni u l-esportazzjoni Arġentini tal-bijodiżil (f'tunnellati)

Sena	Produzzjoni	Total ta' esportazzjonijiet	Esportazzjonijiet lejn l-Unjoni	Esportazzjonijiet (% tal-produzzjoni)
2008	711 864	680 219	mhux applikabbli	96
2009	1 179 103	1 142 283	mhux applikabbli	97

([91]) Ir-Riżoluzzjoni Konġunta Nru 438/2012, 269/2012 u 1001/2012 tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi Pubbliċi, il-Ministeru tal-Industrija u l-Ministeru tal-Ippjanar Federali, l-Investiment u s-Servizzi Pubbliċi.

([92]) Ara l-Kapitolu II fil-Liġi 26.093 tal-2006, disponibbli fuq http://servicios.infoleg.gob.ar/infolegInternet/anexos/115000-119999/116299/norma.htm.

([93]) Jorge A. Hilbert, Rodrigo Sbarra, Martin Lopez Amoros, Produccion de biodiesel a partir de aceite de soja – Context y Evolucion Reciente, Istituto Nacional de Tecnologia Agropecuaria – Ministerio de Agricultura, Ganaderia y Pesca, 2011, paġna 124 (disponibbli fuq https://inta.gob.ar/sites/default/files/script-tmp-inta_biodiesel_de_aceite_de_soja_en_argentina.pdf, aċċessat fl-4.9.2018.).

([94]) Jorge A. Hilbert, Rodrigo Sbarra, Martin Lopez Amoros, Produccion de biodiesel a partir de aceite de soja – Context y Evolucion Reciente, Istituto Nacional de Tecnologia Agropecuaria – Ministerio de Agricultura, Ganaderia y Pesca, 2011, paġna 131 (disponibbli fuq https://inta.gob.ar/sites/default/files/script-tmp-inta_biodiesel_de_aceite_de_soja_en_argentina.pdf, aċċessat fl-4.9.2018).

([95]) Centro de Economia Internacional (CEI) – Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Arġentina, Los biocombustibles ya froman parte de las agendas global y hemisférica, 02.2011 (disponibbli fuq http://www.cei.gob.ar/userfiles/cei%20NOTA%2012.pdf, aċċessat fl-4.9.2018).

Sena	Produzzjoni	Total ta' esportazzjonijiet	Esportazzjonijiet lejn l-Unjoni	Esportazzjonijiet (% tal-produzzjoni)
2010	1 820 385	1 342 318	mhux applikabbli	74
2011	2 429 964	1 649 352	mhux applikabbli	68
2012	2 456 578	1 543 094	1 387 667	63
2013	1 997 809	1 149 259	478 750	58
2014	2 584 290	1 602 695	802 415	62
2015	1 810 659	788 226	6 250	44
2016	2 659 275	1 626 264	0	61
2017	2 871 435 (*)	1 650 119 (*)	638 091	57

Sors: Ministeru tal-Enerġija, GtA u INDEC, GtA - * = stima.

(210) Għaldaqstant, l-appoġġ lill-industrija domestika tal-bijodiżil kien jiffavorixxi l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil li permezz tagħhom il-produtturi tal-bijodiżil setgħu jikkompetu b'mod inġust mal-produtturi tal-bijodiżil f'pajjiżi oħrajn li ma jibbenefikawx minn prezzijiet aktar baxxi għall-input. Kostijiet aktar baxxi rriżultaw fi dħul ogħla, li seta' jinbidel fi qligħ addizzjonali jew jintuża biex jitnaqqas il-prezz, jew it-tnejn li huma. L-industrija Arġentina tal-bijodiżil baqgħet tiffoka prinċipalment fuq is-swieq tal-esportazzjoni, b'mod partikolari s-suq tal-Unjoni.

(211) Wara l-iżvelar finali, il-GtA ma qabilx mas-sejba tal-Kummissjoni li "sett ta' miżuri" li ġew adottati mill-GtA jikkwalifikaw bħala "xi tip ta' appoġġ fir-rigward ta' dħul jew prezzijiet" fis-sens tal-Artikolu XIV tal-GATT 1994 u l-Artikolu 1.1(a)(2) tal-Ftehim SCM, li jirriżulta f'żieda ta' esportazzjonijiet tal-bijodiżil.

(212) Billi l-GtA ma pprovda l-ebda raġuni oħra biex isostni din id-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni ċaħdet din id-dikjarazzjoni.

3.2.2.11. Konklużjoni

(213) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li permezz ta' sett ta' miżuri, il-GtA direttament jew indirettament ipprovda appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet lill-industrija tal-bijodiżil li rriżulta f'żieda fl-esportazzjoni tal-bijodiżil, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament bażiku.

3.2.2.12. Benefiċċju

(214) Ladarba stabbiliet li s-sett ta' miżuri jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GtA permezz tal-inkarigar jew id-direzzjoni ta' korpi privati u appoġġ għad-dħul jew għall-prezzijiet, il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont ta' sussidjar f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevitur, li nstab li jeżisti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, skont l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

(215) Billi l-parti l-kbira tal-miżuri tal-GtA kienu mmirati biex ibaxxu artifiċjalment il-prezz domestiku tal-fażola tas-sojja li rriżulta fi dħul ogħla għall-produtturi tal-bijodiżil Arġentini, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-appoġġ tal-GtA lill-industrija tal-bijodiżil kienx jagħti benefiċċju b'referenza għad-differenza bejn il-prezzijiet imħallsa mill-produtturi domestiċi tal-bijodiżil u punt ta' riferiment ibbażat fuq il-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti fl-Arġentina għall-fażola tas-sojja.

(216) Il-Kummissjoni assumiet li tali differenza rriżultat fi qligħ akbar miksub mill-produtturi tal-bijodiżil Arġentini u b'hekk mill-inqas kien ugwali għall-benefiċċji miksuba permezz tal-appoġġ tal-GtA għad-dħul/għall-prezzijiet. Dan il-metodu komparattiv żgura wkoll li ma kienx hemm għadd doppju ta' sussidji oħrajn kkumpensati f'din l-investigazzjoni u li jipprovdu wkoll appoġġ għad-dħul/għall-prezzijiet lill-produtturi tal-bijodiżil Arġentini.

(217) Il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkulat il-prezz medju ppeżat tax-xiri tal-fażola tas-sojja mħallas mill-produtturi Arġentini fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-medja ppeżata kienet ikkalkulata xahar b'xahar u kif mogħtija mill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja lill-impjant tal-bijodiżil fl-Arġentina.

(218) Il-prezz medju tax-xiri kien ibbażat fuq il-prezzijiet, netti mill-VAT, u l-kwantitajiet indikati fl-elenki ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni ta' fatturi ppreżentati mill-kumpaniji u vverifikati waqt iż-żjarat ta' verifika.

(219) Dan il-prezz medju ried jitqabbel ma' punt ta' riferiment xieraq. Taħt l-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku l-adegwatezza ta' remunerazzjoni għandha tiġi determinata b'referenza għall-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti għall-prodott jew servizz inkwistjoni fil-pajjiż tal-għoti jew tax-xiri, jiġifieri l-Arġentina, inkluż il-prezz, il-kwalità, id-disponibbiltà, kemm hu kummerċjabbli, it-trasport u kundizzjonijiet oħra tax-xiri ([96]). Dan jirrifletti l-Artikolu 14(d) tal-Ftehim dwar l-SCM u għandu jkun interpretat u applikat fid-dawl tiegħu.

(220) Il-fażola tas-sojja hija komodità, u l-fażola tas-sojja importata fl-Arġentina hija komparabbli mal-fażola tas-sojja mkabbra domestikament. Il-produtturi esportaturi fil-kampjun importaw il-fażola tas-sojja kollha fuq il-bażi ta' CIF, li bħala medja għandu l-istess livell tal-prezz irrispettivament mill-oriġini. Il-prezzijiet tal-importazzjoni attwali mogħtija fuq termini ta' CIF lill-impjanti tat-tħin kienu fuq l-istess livell ta' prezz bħall-prezz tas-suq dinji, li huwa kkwotat bħala FOB Golf tal-Messiku. Ix-xiri ta' fażola tas-sojja mkabbra domestikament instab li sar fuq bosta Incoterms. Madankollu, l-maġġoranza sinifikanti tax-xiri ta' fażola tas-sojja mkabbra domestikament ukoll ġiet ikkonsenjata lill-impjanti tat-tħin domestiċi. L-importazzjonijiet tal-fażola tas-sojja kienu jirrappreżentaw volum sinifikanti ta' xiri mill-produtturi esportaturi fil-kampjun, jiġifieri 4,6 %. Dan ix-xiri kien mifrux fuq mijiet ta' tranżazzjonijiet. Għalkemm il-produtturi esportaturi fil-kampjun kellhom fornituri differenti minn diversi pajjiżi ġirien, il-prezz tal-importazzjoni kien fl-istess livell fil-medja, kif deskritt fil-premessa (223).

(221) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-prezzijiet attwali mħallsa mill-produtturi esportaturi fil-kampjun għall-fażola tas-sojja importata huma meqjusa li jirriflettu kundizzjonijiet tas-suq mhux distorti fl-Arġentina, inklużi l-ispejjeż ta' kunsinna applikabbli ġeneralment inklużi fil-prezz finali ([97]).

(222) Il-fatt li dawk l-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma ntużawx għall-produzzjoni tal-bijodiżil iżda għall-produzzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja ma jibdilx din il-konklużjoni, billi matul il-perjodu ta' investigazzjoni d-domanda għall-fażola tas-sojja għall-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Arġentina kienet koperta kompletament mill-provvista domestika ta' fażola tas-sojja. Fl-istess ħin ma hemm ebda differenza fil-kwalità bejn il-fażola tas-sojja differenti disponibbli li tagħmel il-fażola tas-sojja importata inutilizzabbli għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Għaldaqstant il-Kummissjoni kkunsidrat li dak ix-xiri jikkostitwixxi punt ta' riferiment xieraq.

(223) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni użat il-prezz attwali li bih il-produtturi esportaturi fil-kampjun importaw il-fażola tas-sojja fl-Arġentina, li ġiet kollha minn pajjiżi ġirien, bħala l-eqreb indikatur possibbli għall-prezzijiet domestiċi Arġentini mhux distorti għal dawn il-prodotti. Tabilħaqq, dawk il-prezzijiet kienu fl-istess livell tal-prezzijiet tas-suq dinji u kienu fi prezz medju ta' 6 043 ARS/t matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(224) Il-Kummissjoni mbagħad qabblet il-prezz imħallas għall-fażola tas-sojja mkabbra domestikament mill-produtturi Arġentini mal-prezz attwali medju ppeżat tal-importazzjoni tal-fażola tas-sojja fuq bażi ta' xahar b'xahar. Dawn l-importazzjonijiet kollha saru taħt skema ta' importazzjoni temporanja u għaldaqstant ma kinux soġġetti għal dazji tal-importazzjoni u l-prezz attwali mħallas mill-produtturi esportaturi fil-kampjun huwa meqjus adegwat fit-termini tas-suq u l-kundizzjonijiet prevalenti fl-Arġentina.

(225) L-ammont totali tad-differenza jirrappreżenta l-"iffrankar" miksub mill-produtturi Arġentini tal-bijodiżil li jixtru l-fażola tas-sojja fis-suq distort Arġentin imqabbel mal-prezz li kienu jħallsu fl-assenza ta' distorsjonijiet. Finalment, dan l-ammont totali jirrappreżenta l-benefiċċju li ngħata lill-produtturi Arġentini mill-GtA matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

([96]) Ara WT/DS436/AB/R Stati Uniti – Miżuri Kumpensatorji fuq Ċerti Prodotti Ċatti tal-Azzar bil-Karbonju Rrumblati bis-Sħana mill-Indja, 8 ta' Diċembru 2014, para. 4.244.

([97]) Ara f'dan ir-rigward, is-sejbiet tal-Korp tal-Appell f'WT/DS436/AB/R Stati Uniti – Miżuri Kumpensatorji fuq Ċerti Prodotti Ċatti tal-Azzar bil-Karbonju Rrumblati bis-Sħana mill-Indja, 8 ta' Diċembru 2014, paragrafi 4.292-4.322.

(226) Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawn l-ammonti ta' sussidju fuq il-fatturat totali tal-produzzjoni bbażata fuq il-fażola tas-sojja tal-produtturi esportaturi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni bħala denominatur xieraq, billi s-sussidju ta benefiċċju lill-produzzjoni sħiħa tal-prodotti bbażati fuq il-fażola tas-sojja u mhux biss lill-prodott ikkonċernat jew lill-produzzjoni destinata għall-esportazzjoni.

(227) Għall-perjodu ta' wara dak tal-investigazzjoni, il-GtA adotta d-Digriet 1343/2016 ([98]) li jistabbilixxi r-rata tat-taxxa ta' esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja u taż-żejt tal-fażola tas-sojja. Ir-rata se titnaqqas kull xahar b'0,5 % mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2019. B'riżultat ta' dan, it-taxxa fuq l-esportazzjoni għall-fażola tas-sojja se tonqos għal 18 % sal-aħħar tal-2019.

(228) Fit-3 ta' Settembru 2018 il-GtA adotta d-Digriet 793/2018 ([99]), li jiffissa r-rata ta' taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja għal 18 % minn dakinhar, iżda jimplimenta taxxa addizzjonali fuq l-esportazzjoni ta' ARS 4 għal USD esportat, li permezz tagħha t-taxxa hija kkalkulata fuq il-valur FOB tal-fażola tas-sojja esportata espress f'USD. Dan juri li l-GtA jista' jiddeċiedi li jibdel il-livell tat-taxxa fuq l-esportazzjoni fi kwalunkwe ħin.

(229) Avvenimenti wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma timponix miżuri proviżorji f'Settembru 2018 kompla jikkonferma li l-GtA huwa intitolat li jaġġusta s-sistema fiskali tal-esportazzjoni regolarment. B'mod partikolari, il-limitu massimu ta' 12 % fuq it-taxxa tal-esportazzjoni introdotta b'Digriet f'Settembru kienet diġà żdiedet għal 33 % fil-liġi dwar l-adozzjoni tal-baġit għall-2019, u tali limitu massimu jista' jibqa' fis-seħħ sal-aħħar tal-2020 ([100]).

(230) Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li jkun fadal jingħata benefiċċju wara l-perjodu ta' investigazzjoni skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

(231) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA u CARBIO ddikjaraw li l-valur referenzjarju tal-fażola tas-sojja importata ma jirriflettix il-kundizzjonijiet tas-suq fl-Arġentina.

(232) L-argument tal-GtA li l-prezz tal-importazzjoni jirrifletti valur referenzjarju tas-suq alternattiv juri interpretazzjoni żbaljata tal-fatti. Il-Kummissjoni użat bħala valur referenzjarju il-prezz tal-importazzjoni tal-fażola tas-sojja effettivament imħallas mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Il-Kummissjoni qieset dan il-prezz valur referenzjarju xieraq, għar-raġuni speċifika li dan il-prezz kien jirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq fl-Arġentina mingħajr mhu affettwat mill-miżuri tal-GtA (kif verifikat meta wieħed iqabbel dawk il-prezzijiet tal-importazzjoni mal-prezzijiet internazzjonali). Il-Kummissjoni kkunsidrat il-prezz tal-importazzjoni CIF adegwat, billi dan irrifletta bil-prezz fl-impjant tat-tħin, li jinsab fil-port.

(233) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li jenħtieġ li l-valur referenzjarju jirrispetta kwalunkwe vantaġġ komparattiv tal-pajjiż prevalenti. Madankollu, la l-GtA u lanqas CARBIO ma jissostanzjaw jew jagħtu xi evidenza biex jappoġġaw l-allegazzjoni li l-valur referenzjarju magħżul fil-pajjiż ma jirriflettix il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Arġentina. Għaldaqstant, dawn id-dikjarazzjonijiet ġew miċħuda.

(234) Wara l-iżvelar finali, il-GtA u CARBIO kkontestaw li l-prezz imħallas għall-fażola tas-sojja importata kien jikkostitwixxi valur referenzjarju xieraq billi dan ma kienx jirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq fl-Arġentina.

(235) Il-Kummissjoni spjegat b'mod estensiv fil-premessi (220) u minn (232) sa (233) għala qieset li l-fażola tas-sojja importata kemm rappreżentattiva kif ukoll mixtrija abbażi tal-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fl-Arġentina. Billi l-GtA u CARBIO ma pprovdew l-ebda evidenza b'appoġġ għan-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' din il-konklużjoni, il-Kummissjoni ċaħdet din id-dikjarazzjoni.

(236) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-produtturi esportaturi fil-kampjun sostnew li l-valur referenzjarju li huwa bbażat fuq il-prezz tal-istess prodott f'reġjun kompletament differenti mhuwiex affidabbli. Il-Kummissjoni nnotat li l-produtturi esportaturi fil-kampjun importaw biss fażola tas-sojja minn pajjiżi ġirien. Għaldaqstant, din id-*data* kienet l-eqreb indikatur għall-prezz mhux distort fl-Arġentina mingħajr l-appoġġ tal-GtA u l-iktar affidabbli. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(237) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, CARBIO ddikjarat ukoll li minħabba li t-taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja tnaqqset minn 30 % għal 18 % ma għadx hemm benefiċċju.

([98]) Id-Digriet 1343/2016 tal-Ministeru tal-Agroindustrija, Derecho de exportación. Alícuota - Modificación, 2.1.2017.
([99]) Id-Digriet 793/2018, Poder Ejecutivo Nacional, Derechos de exportación – Modificación, 3.9.2018.
([100]) https://www.minhacienda.gob.ar/onp/presupuestos/2019, Proyecto de Ley, Articulo 83.

(238) Il-Kummissjoni nnutat li l-fehma ta' CARBIO tal-livell ta' taxxa fuq l-esportazzjoni hija żbaljata. Id-Digriet Nru 793/2018 jistabbilixxi l-livell tal-esportazzjoni għal 18 %, iżda jimplementa wkoll taxxa tal-esportazzjoni addizzjonali ta' 12 %, b'limitu massimu ta' 4 ARS għal kull USD esportati. Effettivament, dan ifisser li t-taxxa fuq l-esportazzjoni kien ġiet stabbilita għal madwar 28 %, meta mqabbla ma' 30 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(239) Il-Kummissjoni osservat li din il-bidla seħħet wara l-perjodu ta' investigazzjoni għal sussidju. Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament bażiku l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni normalment ma titqiesx. CARBIO ma pprovdiet l-ebda raġuni konvinċenti għaliex din l-informazzjoni għandha tiġi kkunsidrata.

(240) Barra minn hekk, CARBIO ma pprovdietx evidenza għall-affermazzjoni tagħha li kull allegazzjoni ta' sussidju jew benefiċċju minħabba l-eżistenza tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja m'għadhiex ġustifikata. Il-Kummissjoni kkonkludiet li tnaqqis żgħir ta' madwar 2 % mit-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja ma wrietx li s-sussidji ma għadhomx jagħtu xi benefiċċju lill-esportaturi involuti. Il-Kummissjoni kkunsidrat li jenħtieġ li kwalunkwe effett ta' aktar tnaqqis jew it-trażżin tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja tiġi eżaminata fil-kuntest ta' reviżjoni, għall-kuntrarju tal-investigazzjoni attwali.

(241) Barra minn hekk, CARBIO sostniet li kwalunkwe allegat benefiċċju konferit lill-produtturi Arġentini miż-żieda fit-taxxa fuq il-fażola tas-sojja jkun ikkumpensat miż-żieda fit-taxxa fuq l-esportazzjoni diretta tal-bijodiżil u għalhekk jenħtieġ li, skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament bażiku, jitnaqqas mill-ammont tas-sussidju totali kkalkulat.

(242) CARBIO ma pprovdiet l-ebda ġustifikazzjoni li t-taxxa fuq l-esportazzjoni imposta fuq il-bijodiżil li ġie esportat lejn l-Unjoni kienet speċifikament maħsuba biex tpaċi s-sussidju, kif iddikjarat fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament bażiku. CARBIO naqset ukoll milli turi kif it-taxxa attwali fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil tikkumpensa għall-appoġġ mogħti mill-miżuri tal-GtA, inkluż permezz tat-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din id-dikjarazzjoni.

(243) CARBIO għamlet kummenti oħra speċifiċi dwar il-bidliet fis-sistema tat-taxxa fuq l-esportazzjoni wara t-tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, inkluża ż-żieda fit-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil, u l-bidliet fit-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja. Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li dawn il-bidliet għamlu xi differenza għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

(244) L-ewwel nett, it-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil imposta wara tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ma kellha l-ebda effett ovvju fuq l-ammont tal-benefiċċju mogħti lill-produtturi tal-bijodiżil ibbażat fuq il-provvista tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(245) It-tieni nett, għad hemm taxxa fuq l-esportazzjoni fuq il-fażola tas-sojja, u ma ġiet ipprovduta ebda evidenza li wara l-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina żdied, u li b'hekk teoretikament hemm tnaqqis fl-ammont tal-benefiċċju.

(246) Wara l-iżvelar finali, il-GtA enfasizza li l-Artikolu 81 tal-Liġi tal-Baġit ma jżidx għal 33 % kwalunkwe "limitu massimu fuq it-taxxa fuq l-esportazzjoni globali introdotta bid-Digriet 783/2018 f'Settembru", billi l-Artikolu 83 stabbilixxa limitu tar-rata tat-taxxa fuq l-esportazzjoni għal 30 % tal-valur taxxabbli jew il-prezz FOB uffiċjali.

(247) Anki jekk it-taxxa ta' esportazzjoni kienet limitata għal 30 %, il-konklużjoni tal-Kummissjoni li jkun fadal jingħata benefiċċju wara l-perjodu ta' investigazzjoni skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, għadha valida.

(248) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-produtturi esportaturi fil-kampjun ressqu kummenti dwar il-kalkolu tal-benefiċċju pprovduti bil-provvista tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Dawn il-kummenti kienu speċifiċi għall-kumpaniji u prinċipalment irreferew għal żbalji klerikali jew talbiet għal aktar aġġustament.

(249) Fejn instab żball klerikali ġie kkoreġut, pereżempju l-inklużjoni ta' tranżazzjonijiet bi kwantità żero sabiex jiżguraw li l-prezz għal kull kg mixtri kien korrett. Madankollu, meta kumpanija talbet li *data* li kienet ġiet ivverifikata tinbidel wara l-verifiki tagħhom fil-post, tali talba ġiet miċħuda billi l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonferma l-eżattezza tad-*data* l-ġdida mhux ivverifikata.

(250) Wara l-iżvelar finali, iż-żewġ produtturi esportaturi li kienu talbu li *data* vverifikata tinbidel, reġgħu għamlu l-istess talba, u għal darb'oħra ġiet miċħuda għall-istess raġunijiet ta' qabel.

(251) Waqt seduta wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, CARBIO sostniet li għall-kalkolu tal-benefiċċju l-Kummissjoni għandha tirrifjuta dawn l-akkwisti ta' fażola tas-sojja magħmula minn kumpaniji relatati għall-kalkolu tal-prezz tax-xiri fl-Arġentina. Il-Kummissjoni nnotat li x-xiri tal-fażola tas-sojja fl-Arġentina magħmula mill-produtturi esportaturi matul il-perjodu ta' investigazzjoni sar kemm mingħand fornituri relatati u mhux relatati, u l-prezzijiet kienu l-istess. Din hija indikazzjoni ċara li x-xiri minn fornituri relatati sar f'kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta. Il-Kummissjoni għalhekk ma rat l-ebda raġuni biex ma jintużawx dawn it-tranżazzjonijiet biex tikkalkula l-benefiċċju lill-produttur tal-bijodiżil, li ġie kkalkulat abbażi ta' medji ta' kull xahar għal kull kilo ta' fażola tas-sojja mixtrija. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

3.2.2.13. Speċifiċità

(252) Is-sett ta' miżuri tal-GtA kien intiż biex jibbenefika lil ċerti industriji, inkluża l-industrija domestika tal-bijodiżil. Tabilħaqq, għalkemm id-distorsjonijiet fuq il-fażola tas-sojja jibbenefikaw ukoll lil prodotti downstream oħrajn minbarra l-bijodiżil, il-benefiċċju huwa disponibbli biss għal ċerti industriji fl-Arġentina, li huma dawk fil-katina ta' valur tas-sojja. Barra minn hekk, anki jekk l-appoġġ mogħti għall-bijodiżil huwa mogħti wkoll permezz ta' diversi miżuri għal bijofjuwils oħrajn, dawk il-miżuri huma limitati għal grupp ta' impriżi jew industriji. Għaldaqstant huma speċifiċi taħt l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

(253) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, CARBIO ddikjarat li l-miżuri mhumiex limitati għall-industrija tal-bijodiżil u għalhekk mhumiex speċifiċi. CARBIO rrepetiet din id-dikjarazzjoni wara l-iżvelar finali mingħajr ma pprovdiet xi evidenza ġdida. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-karatteristiċi inerenti tal-prodott ipprovdut, fażola tas-sojja, jillimita l-possibbiltà tal-użu tiegħu għal ċerti impriżi biss ([101]). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet ir-raġunament ta' CARBIO li s-sussidju mhuwiex speċifiku għall-industrija tal-bijodiżil.

3.2.3. *Konklużjoni*

(254) Il-Kummissjoni sabet li permezz ta' sett ta' miżuri l-GtA ta appoġġ lill-industrija tal-bijodiżil inkluż permezz tal-provvediment tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. Il-GtA ta benefiċċju lir-riċevituri li huwa speċifiku u għalhekk jammonta għal sussidju kumpensabbli.

(255) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, CARBIO ddikjarat li l-Kummissjoni kienet qed tibbaża ruħha biss fuq it-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja biex tilħaq il-konklużjoni tagħha ta' kontribuzzjoni finanzjarja u/jew appoġġ fid-dħul u fil-prezzijiet.

(256) Il-Kummissjoni ma qablitx. Mill-bidu ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li kien hemm għodod oħrajn użati mill-GtA (apparti t-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja) li jkunu investigat bħala parti mill-appoġġ tal-GtA għall-industrija tal-bijodiżil ([102]). Kif spjegat qabel, il-Kummissjoni qieset it-taxxa fuq l-esportazzjoni bħala wieħed mill-istrumenti għall-forniment tal-fażola tas-sojja għal remunerazzjoni inqas minn adegwata fis-suq domestiku Arġentin, li tikkostitwixxi sussidju kumpensatorju. Il-miżuri l-oħra li ttieħdu mill-GtA juru li l-GtA dderieġa lill-kultivaturi tal-fażola tas-sojja biex ibigħu l-fażola tas-sojja tagħhom għal prezz artifiċjalment baxx lill-industrija tal-bijodiżil u l-GtA għalhekk kellu intenzjoni ċara li jappoġġa lill-industrija domestika tal-bijodiżil.

(257) Għalkemm il-Kummissjoni sabet li wħud mis-sussidji l-oħra allegati fl-ilment ma kinux jikkostitwixxu sussidju kompensatorju matul il-perjodu tal-investigazzjoni (b'mod partikolari, il-Ftehim ta' Forniment tal-Bijodiżil jew ċerti eżenzjonijiet mit-taxxa), dawn kienu jiffurmaw parti integrali mis-sett ta' miżuri li jsegwu l-appoġġ tal-industrija tal-bijodiżil u enfasizzat l-eżistenza ta' appoġġ fir-rigward ta' dħul/prezzijiet għall-industrija tal-bijodiżil.

([101]) Rapport tal-Panel, l-Istati Uniti — Final Countervailing Duty Determination with Respect to Certain Softwood Lumber from Kanada, WT/DS257/R u Corr.1, adottat fis-17 ta' Frar 2004, kif immodifikat mir-Rapport tal-Bord tal-Appell WT/DS257/AB/R, para. 7.116. Ara wkoll ir-Rapport tal-Korp tal-Appell WT/DS436/AB/R Stati Uniti – Miżuri Kumpensatorji fuq Ċerti Prodotti Ċatti tal-Azzar bil-Karbonju Rrumblati bis-Sħana mill-Indja, 8 ta' Diċembru 2014, para. 4398.

([102]) Ara l-Memorandum dwar is-suffiċjenza ta' evidenza, it-30 ta' Jannar 2018, p. 6 ("Dawn l-elementi jkunu eżaminati matul l-investigazzjoni. Madankollu, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni tqis li hemm biżżejjed evidenza li tindika l-eżistenza ta' sussidju kompensatorju. B'mod partikolari, taxxi fuq l-esportazzjoni jidhru li huma waħda mill-għodod diretti mfassal mill-GtA biex jidderieġi l-produtturi tal-fażola tas-sojja u taż-żejt tas-sojja biex jipprovdu l-inputs tagħhom lill-produtturi tal-bijodiżil. Il-GtA jidher ukoll li pprovda inċentivi biex il-fornituri tal-input iżommu l-produzzjoni artifiċjalment għolja tagħhom għall-benefiċċju tal-produtturi tal-bijodiżil") u p. 14 ("Fejn l-ilment ma jipprovdix evidenza biżżejjed ta' sussidju jew programm ta' sussidju partikolari, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet tagħha li tinvestigahom matul dawn il-proċedimenti skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament Bażiku").

Fi kliem ieħor, il-fatt li xi sussidji ma nstabux li kienu użati mill-produtturi esportaturi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni ma jikkontestax l-eżistenza tas-sett ta' miżuri tal-GtA li jappoġġa lill-industrija domestika tal-bijodiżil.

(258) Il-Kummissjoni eżaminat it-totalità tal-evidenza disponibbli f'din l-investigazzjoni biex issostni s-sejbiet tagħha. Kif irrikonoxxa l-Korp tal-Appell f'US - Countervailing Duty Investigation on DRAMS, "*biċċiet individwali ta' evidenza ċirkostanzjali x'aktarx ma jistabbilixxix inkarigu jew direzzjoni; is-sinjifikat ta' biċċiet individwali ta' evidenza jista' jidher ċar biss meta wieħed jaraha flimkien ma' evidenza oħra*" ([103]).

(259) Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat mhux biss it-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja iżda sett ta' miżuri tal-GtA li jappoġġaw lill-industrija tal-bijodiżil u f'dak il-proċess, il-Kummissjoni poġġiet l-evidenza kollha, diretta u ċirkustanzjali, flimkien biex tasal għal determinazzjoni li, fuq il-bażi tat-totalità ta' evidenza, kien hemm inkarigu jew direzzjoni ta' korpi privati u/jew appoġġ fir-rigward ta' dħul/prezzijiet.

3.2.4. *Il-kalkolu tal-ammont ta' sussidju*

(260) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' dan is-sett ta' miżuri matul il-perjodu ta' investigazzjoni għall-produtturi esportaturi fil-kampjun tammonta għal:

Tabella 3

L-appoġġ tal-GtA għall-industrija tal-bijodiżil

Kumpanija/grupp	Rata ta' sussidju
LDC Argentina SA	26,14 %
Group Renova	25,05 %
Group T6	33,15 %

3.3. **Ix-xiri b'mandat mill-Gvern ta' bijodiżil domestiku għal remunerazzjoni u/jew appoġġ għad-dħul jew għall-prezz aktar minn adegwati (Ftehim dwar il-Provvista ta' Bijodiżil)**

3.3.1. *Introduzzjoni*

(261) L-ilmentatur jallega li l-GtA kkonkluda Ftehimiet ta' Forniment tal-Bijodiżil ("Ftehimiet") ma' produtturi tal-bijodiżil fl-Arġentina, skont il-Kapitolu II tal-Liġi dwar il-Bijofjuwils tal-2006 (il-Liġi 26.093 tal-2006) ([104]). Dawn il-Ftehimiet kienu mfassla sabiex jipprovdu bijodiżil lis-suq domestiku minħabba l-mandat ta' taħlit fis-seħħ matul il-perjodu sa mill-2010. Dan il-mandat jeħtieġ li l-kumpaniji ta' taħlit jixtru l-bijodiżil u jħalltuh ma' diżil minerali qabel ibigħuh.

(262) It-GtA stabbilixxa kwoti individwali u kollettivi għall-bijodiżil sabiex iforni s-suq domestiku, u l-ilmentatur jallega li l-partijiet għal dawk il-Ftehimiet kienu jinkludu produtturi esportaturi fil-kampjun bħal LDC, Vicentin u Renova.

(263) Il-Ftehimiet jistabbilixxu li l-produtturi bi kwoti huma obbligati jfornu bijodiżil lil kumpaniji tat-taħlit bi prezz iffissat mill-GtA, f'livell li deliberatament jiżgura li l-kost tal-produzzjoni tal-produtturi jkun kopert, flimkien mal-qligħ.

(264) Abbażi tal-iffissar ta' prezz artifiċjalment għoli u l-kwantità li trid tingħata mill-produtturi lill-kumpaniji tat-taħlit, l-ilmentatur jallega li dan huwa sussidju kumpensatorju.

([103]) Rapport tal-Korp tal-Appell, US –DRAMS, para. 154.
([104]) Il-Liġi 26.093 tat-12 ta' Mejju 2006. Régimen de Regulación y Promoción para la Producción y Uso Sustentables de Biocombustibles. Autoridad de aplicación. Funciones. Comisión Nacional Asesora. Habilitación de plantas productoras. Mezclado de Biocombustibles con Combustibles Fósiles. Sujetos beneficiarios del Régimen Promocional. Infracciones y sanciones.

3.3.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(265) Waqt l-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni sabet li mill-2015 ma kien ġie ffirmat ebda Ftehim ta' Forniment tal-Bijodiżil. Dan il-Ftehim tal-2015 ma kienx ġie estiż u ma baqax aktar fis-seħħ.

(266) Madankollu, taħt il-Liġi 26.093 tal-2006 il-Ministeru tal-Enerġija u tal-Minjieri, bħala l-Awtorità ta' Infurzar tal-iskema tal-mandat ta' taħlit fis-seħħ, kompla jalloka kwoti u kompla jiffissa l-prezz li bih il-kumpaniji tat-taħlit iridu jixtru l-bijodiżil. Dan sar *de facto* fin-nuqqas ta' Ftehim ta' Forniment tal-Bijodiżil.

(267) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni l-Ministeru tal-Enerġija u l-Minjieri alloka kwoti, fuq il-bażi tad-domanda stmata, lill-kumpaniji fl-Arġentina b'kapaċità sa 50 000 tunnellata metrika ta' bijodiżil fis-sena.

(268) L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma rċieva kwota matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.3.3. *Konklużjoni*

(269) Minħabba li ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma rċieva kwota matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ebda waħda minn dawn il-kumpaniji ma biegħet bijodiżil fis-suq domestiku permezz tas-sistema ta' kwoti fis-seħħ waqt il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, l-ebda Ftehim ta' Forniment tal-Bijodiżil ma kien fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni fir-rigward tal-produtturi esportaturi. Għaldaqstant, ma kien hemm ebda benefiċċju minn kwalunkwe sistema ta' kwoti riċevut mill-produtturi esportaturi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.4. **L-għoti ta' self u finanzjament għall-esportazzjoni fuq termini preferenzjali u self preferenzjali**

3.4.1. *Introduzzjoni*

(270) L-ilmentatur afferma li l-Banco de la Nación Argentina ("BNA") huwa wieħed mill-akbar banek tal-pajjiż u huwa kollu proprjetà tal-istat. Huwa nnota li l-GtA effettivament jiġġestixxi l-BNA kuljum permezz tal-awtorità tiegħu li jaħtar il-membri kollha tal-Bord.

(271) L-ilmentatur allega li l-BNA jsellef flus lill-impriżi mikro, żgħar u medji għal kapital ta' investiment u għall-kapital operatorju, u li dan is-self sar b'rati preferenzjali.

3.4.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(272) Waqt iż-żjara ta' verifika lill-GtA, il-Kummissjoni talbet dettalji tas-self kollu li ta l-BNA u banek oħrajn pubbliċi, flimkien mat-termini tas-self u r-rata tal-imgħax mitluba.

(273) Is-self mogħti lill-kumpaniji fil-kampjun ġew eżaminati u mqabbla mas-self mogħti minn banek privati, biex jiġi vverifikat jekk sarx xi self b'termini preferenzjali. Dan kien eżaminat f'termini ta' rati tal-imgħax u wkoll kundizzjonijiet tas-self.

(274) Ma nstabet ebda evidenza ta' kwalunkwe self preferenzjali lill-produtturi esportaturi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.4.3. *Konklużjoni*

(275) Il-Kummissjoni kkonkludiet li ma ngħata ebda self preferenzjali lill-produtturi esportaturi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.5. **Dħul tal-gvern mitluf jew mhux miġbur taħt il-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwil**

3.5.1. *Introduzzjoni*

(276) L-ilmentatur allega li l-Artikolu 15 tal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils ([105]) jipprovdi għall-possibbiltà li l-produtturi tal-bijofjuwils inaqqsu l-bażi għat-taxxa li fuqha tiġi kkalkulata t-taxxa fuq l-introjtu minimu. L-ilmentatur allega wkoll li l-Artikolu 15.1 tal-istess liġi jawtorizza deprezzament aċċellerat għall-oġġetti kapitali.

([105]) BIOCOMBUSTIBLES Ley 26.093 Régimen de Regulación y Promoción para la Producción y Uso Sustentables de Biocombustibles. Autoridad de aplicación. Funciones. Comisión Nacional Asesora. Habilitación de plantas productoras. Mezclado de Biocombustibles con Combustibles Fósiles. Sujetos beneficiarios del Régimen Promocional. Infracciones y sanciones.

3.5.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(277) L-investigazzjoni sabet li ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma bbenefika mill-benefiċċji promozzjonali stipulati fl-Artikolu 15 tal-Liġi dwar il-Bijofjuwils matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.5.3. *Konklużjoni*

(278) Din il-miżura ma ġietx użata matul il-perjodu tal-investigazzjoni mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kinitx teħtieġ li tiġi kkumpensata.

3.6. **Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Cordoba**

3.6.1. *Bażi legali*

(279) L-ilmentatur allega li l-Provinċja ta' Cordoba tat eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali lill-industrija tal-bijodiżil taħt l-Att Provinċjali 9397 ([106]), li għadda fl-2007. L-Att jipprovdi li proġetti approvati mill-Awtorità tal-Infurzar għall-produzzjoni, l-iżvilupp u l-użu sostenibbli ta' bijofjuwils se jkunu eżenti għal 15-il sena mill-ħlas tat-taxxi.

3.6.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(280) L-investigazzjoni sabet li l-eżenzjonijiet mit-taxxa kienu disponibbli għall-produtturi tal-bijofjuwils lokalizzati fil-provinċja ta' Cordoba. L-Att Provinċjali 9397 jipprovdi taħt it-Taqsima 5 u 6 għal eżenzjonijiet mit-taxxi provinċjali għall-proġetti għall-produzzjoni, l-iżvilupp u l-użu sostenibbli ta' bijofjuwils. Il-Kummissjoni ma sabet ebda evidenza, u l-partijiet interessati lanqas ma allegaw li l-benefiċċji tat-taxxa mogħtija permezz tal-Att Provinċjali 9397 speċifikament lill-industrija tal-bijodiżil huma parti minn skema usa' ta' benefiċċji mit-taxxa disponibbli b'mod wiesa' fil-provinċja ta' Cordoba.

3.6.3. *Konklużjoni*

(281) Il-kumpaniji li jipproduċu l-bijodiżil li jinsabu fil-provinċja ta' Cordoba jibbenefikaw minn eżenzjonijiet tat-taxxa għal 15-il sena mit-taxxa fuq l-introjtu, mit-taxxa tal-boll, mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli, mill-fond għall-finanzjament tat-taxxa fuq is-sistema edukattiva u mill-fond għall-finanzjament tat-taxxa fuq ix-xogħlijiet ta' infrastruttura. Dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa huma mmirati biex jagħtu benefiċċju lill-kumpaniji domestiċi li jipproduċu l-bijodiżil, kif stipulat fl-Att Provinċjali 9397. Għalkemm produttur esportatur fil-kampjun kien lokalizzat fil-provinċja ta' Cordoba, ma kienx qed jipproduċi bijodiżil f'dik il-provinċja. Il-produtturi esportaturi l-oħrajn fil-kampjun ma kinux lokalizzati f'dik il-provinċja. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li dik l-eżenzjoni mit-taxxa ma ġietx użata mill-produtturi esportaturi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.7. **Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Buenos Aires**

3.7.1. *Bażi legali*

(282) L-ilmentatur allega li l-provinċja ta' Buenos Aires stabbiliet il-Liġi 13.719 li taderixxi mal-Liġi tal-2006 dwar il-Bijofjuwils, li teżenta lill-benefiċjarji mill-ħlas ta' taxxi jekk huma kkwalifikati u rreġistrati bħala produtturi tal-bijofjuwils taħt il-Liġi tal-2006.

3.7.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(283) L-investigazzjoni sabet li l-eżenzjonijiet mit-taxxa kienu disponibbli għall-produtturi tal-bijofjuwils lokalizzati fil-provinċja ta' Buenos Aires. Madankollu l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma kien lokalizzat fil-provinċja.

3.7.3. *Konklużjoni*

(284) Il-Kummissjoni sabet li ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma bbenefika mill-eżenzjonijiet tat-taxxa stipulati fil-Liġi Provinċjali 13.719 matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

([106]) Ley no 9397 Adhesion de la provincial a ley nacional no 26.093, y declaracion de interes public de la promocion de la produccion, procesamiento y uso sustentable de biocombustibles.

3.8. **Is-Sistema ta' Promozzjoni u ta' Żvilupp Industrijali tal-Provinċja ta' Santiago del Estero (System of Promotion and Industrial Development — "PSPID") — Liġi Provinċjali Nru 6.750**

3.8.1. *Bażi legali*

(285) L-ilmentatur allega li l-industriji fil-provinċja ta' Santiago del Estero setgħu jibbenefikaw minn diversi vantaġġi u eżenzjonijiet tat-taxxa taħt il-qafas tal-Liġi Provinċjali 6.750, li għaddiet fl-2005.

3.8.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(286) L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma kien lokalizzat f'dik il-provinċja.

3.8.3. *Konklużjoni*

(287) Il-Kummissjoni sabet li ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ma bbenefika mill-miżuri stipulati fil-Liġi Provinċjali 6.750 matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.9. **Ftehim dwar it-taxxi muniċipali bejn Louis Dreyfus Argentina u l-Muniċipalità ta' General Lagos**

3.9.1. *Introduzzjoni*

(288) L-ilmentatur allega li hemm ftehim dwar it-taxxi muniċipali bejn il-produttur esportatur Louis Dreyfus Argentina u l-muniċipalità ta' General Lagos. Il-ftehim ġie ppubblikat bħala l-Ordinanza Muniċipali 26/2016 ([107]). Dak il-ftehim jipprovdi li Louis Dreyfus Argentina jħallas somma f'daqqa darba fix-xahar lill-muniċipalità ta' General Lagos, minflok iħallas perċentwal (0,5 %) tad-dħul gross tiegħu.

3.9.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(289) L-investigazzjoni sabet li l-ftehim kien għadu fis-seħħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni ([108]). F'diskussjoni ma' rappreżentanti tal-muniċipalità ta' General Lagos, il-Kummissjoni sabet li l-ftehim se jibqa' validu sal-2020.

(290) Waqt il-verifika ta' LDC fi Buenos Aires, il-Kummissjoni vverifikat il-pagament tat-taxxi muniċipali minn LDC, u l-istima tat-taxxa li kienet tkun dovuta kieku l-ftehim ma kienx fis-seħħ. Il-Kummissjoni sabet li l-ammont li LDC ħallset lill-muniċipalità għall-2017 kien ogħla mill-ammont li LDC kienet tħallas taħt il-liġi standard dwar it-taxxa.

3.9.3. *Konklużjoni*

(291) Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li LDC ma bbenefikatx minn dik il-miżura matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.10. **Tnaqqis tar-rata tat-taxxa perċentwali taħt il-"Pacto Fiscal" (Digriet 14/1994)**

3.10.1. *Introduzzjoni*

(292) L-ilmentatur jallega li l-Pacto Fiscal, kif ippubblikat bid-Digriet 14/1994, jipprovdi għal eżenzjonijiet mit-taxxi. Il-Pacto Fiscal, jew "Patt Federali għall-Impjiegi, il-Produzzjoni u t-Tkabbir li sar bejn l-Istat Federali u l-Istati Provinċjali" kien ftehim bejn il-provinċji u l-Gvern Nazzjonali li stabbilixxa ċerti prinċipji għall-politika dwar it-taxxa provinċjali.

3.10.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(293) Il-Pacto Fiscal huwa ftehim qafas li jeħtieġ liġi provinċjali li timplimenta l-prinċipji tiegħu. Il-Kummissjoni għaldaqstant sabet li dan il-Pacto Fiscal kien ġie implimentat huwa stess mill-iskemi ta' taxxa provinċjali diġà diskussi.

3.10.3. *Konklużjoni*

(294) Il-Kummissjoni għaldaqstant ma sabet ebda benefiċċju separat taħt din il-miżura. Madankollu, bħal miżuri oħra li jistabbilixxu benefiċċji tat-taxxa għall-industrija domestika tal-bijodiżil, dik il-miżura hija rilevanti bħala parti minn sett ta' miżuri tal-GtA mfassla biex jappoġġaw din l-industrija.

([107]) Ordenanza 26/2016, General Lagos, 16 ta' Ġunju 2016.
([108]) Artikolu 2 tal-Ordenanza 26/2016, General Lagos, 16 ta' Ġunju 2016. Matul iż-żjara ta' verifika fil-bini tal-kumpanija s-servizzi tal-Kummissjoni vverifikaw il-validità tal-ftehim billi kkonfermaw il-pagamenti dovuti.

3.11. **Eżenzjoni tal-Proprjetà Immobbli taħt il-Liġi Industrijali ta' Santa Fe: eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tal-proprjetà immobbli taħt il-Liġi Provinċjali Nru 8.478/1979 (l-Artikolu 4) tal-Promozzjoni Industrijali; Eżenzjonijiet mit-taxxa provinċjali mogħtija mill-Provinċja ta' Santa Fe; L-Artikolu 183.29 Eżenzjoni mit-Taxxa fuq il-Boll ta' Santa Fe u l-Artikolu 127 Eżenzjoni mit-Taxxa fuq il-Fatturat għall-bejgħ għall-esportazzjoni ta' Santa Fe**

3.11.1. *Introduzzjoni*

(295) L-ilmentatur allega li l-Provinċja ta' Santa Fe tat diversi eżenzjonijiet mit-taxxa lill-industrija tal-bijodiżil domestika permezz tal-Liġi Provinċjali 8.478, l-Artikolu 183.29, l-Artikolu 127 u l-Liġi Provinċjali ta' Santa Fe 12.692 ([109]).

3.11.2. *Is-sejbiet tal-investigazzjoni*

(296) L-investigazzjoni sabet li l-Liġi 8.478, u l-Artikolu 183.29 u l-Artikolu 127 kienu ġew imħassra jew sostitwiti mod ieħor mil-Liġi Provinċjali 12.692. Il-liġi Provinċjali 12.692 tipprovdi għal eżenzjonijiet mit-taxxi provinċjali għall-kumpaniji domestiċi involuti fir-riċerka, l-iżvilupp, il-ġenerazzjoni, il-produzzjoni u l-użu ta' prodotti relatati mal-enerġija rinnovabbli, u b'mod partikolari l-produzzjoni tal-bijodiżil. Il-produzzjoni tal-bijofjuwil hija speċifikament imsemmija fil-Liġi Provinċjali 12.692 skont l-Artikolu 5(d). Il-Kummissjoni ma sabet ebda evidenza, u l-partijiet interessati lanqas ma allegaw li l-benefiċċji tat-taxxa mogħtija permezz ta' din il-miżura speċifikament lil kategorija ta' industriji, inkluża l-industrija tal-bijodiżil huma parti minn programm usa' ta' benefiċċji mit-taxxa disponibbli b'mod wiesa' fil-provinċja ta' Santa Fe.

3.11.3. *Konklużjoni*

(297) Il-kumpaniji li jipproduċu l-bijodiżil lokalizzati fil-provinċja ta' Santa Fe jibbenefikaw minn eżenzjonijiet tat-taxxa għal 15-il sena mit-taxxa fuq l-introjtu, mit-taxxa tal-boll, mit-taxxa fuq il-proprjetà immobbli u mid-dazji għall-vetturi. Din l-eżenzjoni mit-taxxa tikkonċerna lil kumpaniji domestiċi li jipproduċu l-bijodiżil, kif stipulat fil-liġi Provinċjali 12.692. Għaldaqstant l-eżenzjoni mit-taxxa hija sussidju minħabba d-dħul mitluf mill-GtA, u *de jure* speċifiku għal ċerti industriji, inkluża l-industrija tal-bijodiżil. Għaldaqstant huwa benefiċċju minn sussidju kumpensabbli.

3.11.4. *Il-kalkolu tal-ammont ta' sussidju*

(298) L-ammont ta' sussidju kumpensabbli kien ikkalkulat f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-riċevituri matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-benefiċċju kien ikkalkulat bħala d-differenza bejn it-total tat-taxxa pagabbli skont ir-rata tat-taxxa normali u t-total tat-taxxa attwalment imħallsa matul il-perjodu ta' investigazzjoni mill-prodotturi esportaturi fil-kampjun.

(299) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni u l-kalkoli li jakkumpanjawh lill-prodotturi esportaturi fil-kampjun kif ukoll wara d-divulgazzjoni finali, tnejn mill-kumpaniji sostnew li l-bażi tal-allokazzjoni għandha tkun differenti (fuq il-fatturat totali tal-prodotti bbażati fuq is-sojja jew fuq il-fatturat tal-attivitajiet industrijali kollha fil-Provinċja ta' Santa Fe). Billi l-kumpaniji rċevew biss l-eżenzjoni mit-taxxa minħabba l-produzzjoni tal-bijodiżil tagħhom, il-Kummissjoni qieset din l-eżenzjoni speċifika għall-produzzjoni ta' bijodiżil u, għalhekk, ikkonkludiet li din l-eżenzjoni għandha biss tiġi allokata għall-fatturat ta' bijodiżil u mhux għall-fatturat totali tal-kumpanija. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

Tabella 4

Dħul provinċjali mitluf taħt il-Liġijiet Provinċjali ta' Santa Fe

Kumpanija/grupp	Rata ta' sussidju
LDC Argentina SA	0,06 %
Group Renova	2,15 %
Group T6	0,28 %

([109]) Ley no 8478 Santa Fe, u Registrada bajo el no 12.692 la Legislatura de la Provincia de Santa Fe.

3.12. **Konklużjoni dwar is-sussidjar**

(300) Il-Kummissjoni kkalkulat l-ammont ta' sussidji kumpensabbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku għall-produtturi esportaturi fil-kampjun billi eżaminat kull sussidju jew programm ta' sussidju, u żiedet dawn iċ-ċifri flimkien biex tikkalkula ammont totali ta' sussidjar għal kull produttur esportatur għall-perjodu ta' investigazzjoni. Sabiex tikkalkula s-sussidjar globali, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkulat il-perċentwal ta' sussidjar, li huwa l-ammont ta' sussidju bħala perċentwal tal-fatturat totali tal-kumpanija. Imbagħad dan il-perċentwal intuża biex jiġi kkalkulat is-sussidju allokat għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Imbagħad ġie kkalkulat l-ammont ta' sussidju għal kull tunnellata ta' prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u ġew ikkalkulati l-marġnijiet li ġejjin bħala perċentwal tal-valur tal-Kost, l-Assigurazzjoni u n-Noll ("CIF") tal-istess esportazzjonijiet għal kull tunnellata.

(301) Skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament bażiku, l-ammont totali tas-sussidju għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-ammont medju totali ppeżat ta' sussidji kumpensabbli stabbiliti għall-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw bl-esklużjoni ta' ammonti negliġibbli kif ukoll l-ammont ta' sussidji stabbilit għal oġġetti li huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku.

(302) Madankollu, il-Kummissjoni ma injoratx is-sejbiet relatati mal-appoġġ tal-GtA lill-industrija tal-bijodiżil, anki jekk kellha tiddependi parzjalment fuq fatti disponibbli sabiex tiddetermina l-eżistenza ta' sussidjar.

(303) Tabilħaqq, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-fatti disponibbli u użati f'dawk il-każijiet ma kinux jaffettwaw l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiddetermina l-ammont ta' sussidjar b'mod ġust, billi l-Kummissjoni użat id-*data* dwar l-importazzjoni pprovduta mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. L-esportaturi li ma ntalbux jikkooperaw fl-investigazzjoni mhumiex se jkun ippreġudikati bl-użu ta' dan l-approċċ ([110]).

(304) Minħabba r-rata għolja ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Arġentini, l-ammont għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" ġie ffissat fil-livell tal-ogħla ammont stabbilit għall-kumpaniji fil-kampjun. L-ammont tal-"kumpaniji l-oħrajn kollha" se jiġi applikat għal dawk il-kumpaniji li ma kkooperawx fl-investigazzjoni.

(305) Wara l-iżvelar finali, il-produtturi esportaturi kollha sostnew li l-Kummissjoni jenħtieġ li tikkalkula l-ammonti ta' sussidju billi tqis it-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil bħala tpaċija għall-benefiċċju riċevut mit-taxxa fuq l-esportazzjoni tal-fażola tas-sojja. Dan ġie miċħud mill-Kummissjoni billi ma kien hemm l-ebda evidenza li l-GtA impona taxxa fuq l-esportazzjoni tal-bijodiżil biex "ipaċi" l-benefiċċju riċevut mill-fażola tas-sojja pprovduta għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(306) L-istess kumpaniji esportaturi talbu wkoll aġġustament għad-dazji antidumping. Il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kien hemm l-ebda bażi legali biex jingħata dan l-aġġustament, billi ma hemm l-ebda evidenza li d-dazji antidumping jistgħu jikkumpensaw sussidji mogħtija lill-produtturi esportaturi. Fi kwalunkwe każ, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda minħabba li l-ebda dazju antidumping ma tħallas mill-produtturi esportaturi matul il-PI.

Tabella 5

L-ammont ta' sussidji kumpensabbli

Kumpanija/grupp	Ammont ta' sussidji kumpensabbli
LDC Argentina SA	26,2 %
Group Renova	27,2 %
Group T6	33,4 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	28,2 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	33,4 %

([110]) Ara wkoll, *mutatis mutandi*, WT/DS294/AB/RW, US — Zeroing (Artikolu 21.5 DSU), Rapport tal-Korp tal-Appell tal-14 ta' Mejju 2009, paragrafu 453.

4. DANNU

4.1. Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-bijodiżil tal-Unjoni

(307) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni, 54 produttur fl-Unjoni li kienu membri tal-EBB u 196 produttur magħruf ieħor mhux membri mmanifatturaw il-prodott simili. Dawn il-produtturi kollha jiffurmaw l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.

(308) Kif indikat fil-premessa (19) aktar 'il fuq, il-Kummissjoni għażlet tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li jirrappreżentaw 19 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

(309) Kif imsemmi fil-premessa (20), il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' kummenti dwar il-kampjun proviżorju. Il-kampjun proviżorju kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni proposti: Bioagra-Oil SA (il-Polonja), Masol Iberia Biofuel, S.L.U. (Spanja) u Saipol (Franza).

(310) CARBIO indikat li t-tliet produtturi proposti tal-Unjoni ma kinux adatti biex jiġu inklużi fil-kampjun. CARBIO semmiet *inter alia* li Saipol kważi tuża esklussivament lift minn Franza, filwaqt li għal effiċjenza massima l-kumpanija għandha tuża taħlita ta' diversi tipi ta' materja prima.

(311) CARBIO indikat ukoll li Masol tuża l-aktar żejt tal-palm bi prezzijiet ta' trasferiment mill-kumpanija prinċipali Indoneżjana tagħha.

(312) Rigward Bioagra-Oil, CARBIO semmiet l-għażla limitata ta' materja prima li għandha din il-kumpanija, minħabba l-implimentazzjoni nazzjonali speċifika tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli tal-Polonja.

(313) CARBIO ssuġġerixxiet ukoll li ADM Hamburg AG jew Verbio huma kumpaniji rappreżentattivi għall-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. CARBIO nnutat ukoll fir-rigward ta' Verbio li din il-kumpanija hija produttur tal-bijodiżil pur (mingħajr negozju ta' tħin vertikalment integrat) u li tinsab fil-fruntiera bejn il-Ġermanja u l-Polonja, fejn taqdi s-suq Ewropew tal-Lvant usa', inkluża l-parti tas-suq Pollakk li mhijiex soġġetta għal-leġiżlazzjoni msemmija qabel.

(314) L-ilmentatur spjega li la Saipol u lanqas Masol ma jużaw kwalunkwe tip ta' materja prima esklussivament. L-investigazzjoni kkonfermat li ż-żewġ kumpaniji, Saipol u Masol, jużaw aktar minn materja prima waħda fil-produzzjoni tagħhom.

(315) Abbażi tal-kummenti li rċeviet il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm lil Saipol u lil Masol Iberia Biofuel fil-kampjun. Minħabba l-fatt li l-Kummissjoni ma rċevietx ċaħda tal-allegazzjoni tal-premessa (312) li Bioagra oil għandha għażla limitata ta' materja prima, il-Kummissjoni ddeċidiet li tissostitwixxiha fil-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni b'Verbio Vereinigte BioEnergie AG (il-Ġermanja).

(316) Il-Kummissjoni stabbiliet li t-total ta' produzzjoni tal-Unjoni ta' bijodiżil matul il-perjodu tal-investigazzjoni kien madwar 13-il miljun tunnellata.

Tabella 6

Produzzjoni tal-bijodiżil tal-Unjoni (tunnellati)

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Produzzjoni totali tal-Unjoni	11 353 223	11 789 896	11 958 862	13 071 053
Indiċi	*100*	*104*	*105*	*115*

Sors: EBB.

(317) Iċ-ċifri tat-total tal-produzzjoni tal-Unjoni ppreżentati fit-Tabella 6 huma bbażati fuq *data* li waslet mingħand l-EBB. L-EBB jikkompila *data* dwar il-produzzjoni li jirċievi mingħand il-membri tiegħu, li jirrappreżentaw madwar 70 % tal-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Unjoni. Fir-rigward ta' produtturi mhux membri li jirrappreżentaw madwar 30 % tal-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Unjoni, jiġbor l-informazzjoni dwar il-produzzjoni mingħand assoċjazzjonijiet tal-industrija nazzjonali rilevanti u minn sorsi oħra pubblikament disponibbli. Il-metodoloġija u l-korrettezza tad-*data* miġbura mill-EBB kienu soġġetti għal żjara ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku li saret fil-bini tal-EBB. Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda kumment mingħand partijiet ikkonċernati fir-rigward ta' din id-*data*.

(318) Il-produzzjoni totali tal-bijodiżil tal-Unjoni żdiedet gradwalment b'5 % bejn l-2014 u l-2016. Ġiet innutata żieda aktar sinifikanti fil-produzzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, fejn il-produzzjoni żdiedet b'10 punti perċentwali oħra. Il-produzzjoni tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni ma żdiditx bl-istess rata bħall-konsum tal-Unjoni minħabba importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina li bdew jidħlu fis-suq tal-Unjoni fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.2. **Il-konsum tal-bijodiżil tal-Unjoni**

(319) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni tal-bijodiżil abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-EBB u ta' statistika dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni.

(320) Il-konsum fl-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 7

Konsum tal-bijodiżil tal-Unjoni (tunnellati)

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni	11 907 151	11 791 953	11 435 468	14 202 127
Indiċi	*100*	*99*	*96*	*119*

Sors: L-EBB, l-istatistika tal-importazzjoni tal-UE.

(321) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tal-Unjoni billi għaddet l-importazzjonijiet tal-bijodiżil fl-Unjoni mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Il-konsum tal-bijodiżil tal-Unjoni naqas ftit b'4 % sal-2016. Huwa żdied fil-perjodu tal-investigazzjoni b'19 % meta mqabbel mal-2014. Il-konsum tal-bijodiżil jiddependi fuq żewġ fatturi kbar, il-konsum tal-fjuwil tad-diżil u l-kontenut tal-bijodiżil f'dan il-fjuwil.

(322) Wara l-iżvelar finali, CARBIO nnotat ir-reviżjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu tal-konsum tal-bijodiżil fl-Unjoni, u f'dan ir-rigward issuġġeriet li r-raġuni għal din il-bidla kienet id-*data* tal-produzzjoni mhux affidabbli tal-industrija tal-Unjoni.

(323) Il-Kummissjoni biddlet il-metodoloġija tal-kalkolu tal-konsum sabiex tillimita l-kumplessità ta' dan il-kalkolu, u biex telimina l-ħtieġa li jiġi inkluż il-livell ta' esportazzjonijiet tal-Unjoni f'dan il-kalkolu. Il-livell tad-*data* ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqa' l-istess. Kif spjegat fil-premessa (358), il-Kummissjoni vverifikat il-metodoloġija tal-ġbir tad-*data* mill-EBB, inkluża d-*data* tal-produzzjoni, u sabitha affidabbli.

(324) Meta mqabbel mal-fjuwil ibbażat fuq il-fossili, il-bijodiżil jipproduċi inqas sustanzi niġġiesa tal-arja bħall-partikuli, monossidu tal-karbonju, diossidu tal-kubrit, idrokarburi, u tossini tal-arja, iżda jista' jipproduċi l-ossidu tan-nitroġenu. Barra minn hekk, il-pjanti użati bħala materja prima għall-produzzjoni tal-bijodiżil (is-sojja, il-palmi taż-żejt, il-lift, eċċ.) jikkumpensaw l-emissjonijiet futuri ta' CO_2 billi jassorbu s-CO_2 waqt li jkunu qed jikbru.

(325) Id-domanda li dejjem qed tiżdied u l-produzzjoni tal-Unjoni jirriżultaw mill-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija. Id-Direttiva 2009/28/KE ([111]) dwar l-Enerġija Rinnovabbli tistabbilixxi li "*kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport fl-2020 huwa mill-inqas 10 % tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport f'dak l-Istat Membru*".

(326) Dik il-politika tfisser li l-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu mira li l-bijofjuwils jirrappreżentaw 10 % tal-bejgħ kollu tal-fjuwil għat-trasport sal-2020. L-implimentazzjoni, il-livelli attwali u l-metodoloġija tal-kalkolu tal-kontenut ta' bijofjuwil mhumiex uniformi fost l-Istati Membri kollha tal-Unjoni, iżda l-mandat li qed jiżdied progressivament jirriżulta f'madwar 5 % sa 7 % ta' kontenut ta' bijodiżil li diġà qed jitħallat mal-fjuwil tad-diżil fossili konvenzjonali.

([111]) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement thassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.)

(327) Il-fatt li aktar bijodiżil qed jitħallat mal-fjuwil tad-diżil fossili konvenzjonali huwa element importanti fl-analiżi tax-xejriet tas-suq tal-bijodiżil fl-Unjoni. Il-kost tal-produzzjoni u l-prezzijiet tal-bijodiżil ġeneralment huma ogħla mill-kost tal-produzzjoni u l-prezzijiet tad-diżil fossili. Għaldaqstant huwa biss minħabba d-Direttiva 2009/28/KE dwar l-Enerġija Rinnovabbli li l-produtturi tal-fjuwils (raffineriji) jixtru l-bijodiżil biex iħalltuh mal-fjuwil fossili.

(328) Il-konsum tal-bijodiżil huwa marbut direttament ma' mandati fl-Istati Membri sabiex iħalltu ċerti livelli ta' bijodiżil fil-fjuwils fossili. Il-konsum tal-bijodiżil huwa mistenni li jiżdied malli u meta aktar Stati Membri jilħqu l-miri stabbiliti mid-Direttiva 2009/28/KE dwar l-Enerġija Rinnovabbli li jridu jiġu implimentati sal-2020. Fatturi oħrajn, bħaż-żieda fl-użu ta' mezzi ta' trasport li jaħdmu b'magni diżil, ukoll jaffettwaw il-konsum tal-bijodiżil.

4.3. **L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.3.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(329) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum ta' importazzjonijiet ta' bijodiżil fuq l-istatistika dwar l-importazzjonijiet tal-Unjoni mill-bażi tad-*data* Surveillance 2 ([112]). Il-Kummissjoni stabbilixxiet is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet abbażi tal-konsum tal-bijodiżil tal-Unjoni kif stabbilit fit-Tabella 7.

(330) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 8

Volum ta' importazzjoni (tunnellati) u sehem mis-suq

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum ta' importazzjonijiet mill-Arġentina (tunnellati)	0	31 340	0	394 005
Sehem mis-suq	0 %	0,3 %	0 %	2,8 %

Sors: Statistika dwar l-Importazzjoni tal-UE ibbażata fuq il-bażi tad-data Surveillance 2, EBB.

(331) Minħabba d-dazji antidumping imposti fis-26 ta' Novembru 2013 mir-Regolament (UE) Nru 1194/2013 ([113]) li jirrigwardaw l-importazzjonijiet *inter alia* mill-Arġentina, ftit li xejn kien hemm importazzjonijiet mill-Arġentina lejn l-Unjoni bejn l-2014 u Awwissu tal-2017. L-importazzjonijiet negliġibbli mill-Arġentina fl-2015 kienu jikkonsistu f'erba' tranżazzjonijiet ta' importazzjoni separati li ġew irrapportati fi Spanja, u, għalhekk, il-Kummissjoni ma tqishomx rappreżentattivi.

(332) F'Settembru 2017, dawk id-dazji antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina ġew imnaqqsa b'mod konsiderevoli mir-Regolament (UE) 2017/1578 ([114]) tat-18 ta' Settembru 2017 u minħabba dan, l-importazzjonijiet mill-Arġentina bdew jiżdiedu b'mod mgħaġġel u sinifikanti, biex laħqu 2,8 % tas-sehem mis-suq fil-perjodu tal-investigazzjoni.

(333) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil għal kull xahar lejn l-Unjoni mill-Arġentina matul it-tieni nofs tal-2017 żviluppaw kif ġej:

Tabella 9

Volum ta' importazzjoni (tunnellati) kull xahar

	7/2017	8/2017	9/2017	10/2017	11/2017	12/2017
Volum ta' importazzjonijiet mill-Arġentina (tunnellati)	0	0	29 975	57 526	188 986	117 518

Sors: Statistika dwar l-Importazzjoni tal-UE ibbażata fuq il-bażi tad-data Surveillance 2.

([112]) Bażi ta' *data* dwar prodotti speċifiċi taħt "sorveljanza" jew monitoraġġ importati fit-territorju doganali tal-Unjoni f'dawn is-snin u fis-snin ta' qabel, miżmuma mid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali.

([113]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja (ĠU L 315, 26.11.2013, p. 2).

([114]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1578 tat-18 ta' Settembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 9).

(334) Ma kienx hemm importazzjonijiet mill-Arġentina bejn Jannar u Awwissu 2017. L-istatistika dwar l-importazzjoni ta' kull xahar fit-Tabella 9 turi ż-żieda mgħaġġla u konsiderevoli ta' importazzjonijiet tal-bijodiżil wara t-tnaqqis tad-dazji antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina.

(335) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil kull xahar lejn l-Unjoni mill-Arġentina, matul il-perjodu wara l-perjodu tal-investigazzjoni, fl-ewwel tmien xhur tal-2018 żviluppaw kif ġej:

Tabella 10

Volum ta' importazzjoni (eluf ta' tunnellati) kull xahar

2018	Jannar	Frar	Marzu	April	Mejju	Ġunju	Lulju	Awwissu
Volum ta' importazzjonijiet mill-Arġentina (eluf ta' tunnellati)	173	161	131	30	119	161	141	177

Sors: Statistika dwar l-Importazzjoni tal-UE ibbażata fuq il-bażi tad-data Surveillance 2.

(336) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina komplew fl-2018. Il-bijodiżil esportat jasa fis-suq tal-Unjoni f'konsenji singoli kbar, normalment bastiment sħiħ. Għalhekk huwa inqas sinifikanti li jiġi analizzat il-livell ta' importazzjonijiet kull xahar.

(337) Il-livell tal-importazzjonijiet ma naqasx fl-ewwel tmien xhur tal-2018. Għall-kuntrarju, is-sehem stmat tas-suq tal-importazzjonijiet Arġentini lejn l-Unjoni, bil-preżunzjoni li l-konsum tal-Unjoni baqa' l-istess, tammonta għal 11,5 % matul l-ewwel tmien xhur tal-2018. Dan juri li kemm l-istima tas-sehem tas-suq u l-livelli medji tal-importazzjoni ta' kull xahar żdied.

(338) Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li ma kien hemm l-ebda tnaqqis ta' livelli ta' importazzjonijiet mill-Arġentina wara r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mill-25 ta' Mejju 2018 'l quddiem. Awwissu 2018 kien ix-xahar bit-tieni l-ogħla livell ta' importazzjonijiet mill-Arġentina għall-perjodu sħiħ ikkunsidrat.

4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(339) Kif indikat fil-premessa (334), l-importazzjonijiet lejn l-UE mill-Arġentina reġgħu bdew biss lejn tmiem il-perjodu ta' importazzjoni, u ma kienx hemm importazzjonijiet jew importazzjonijiet negliġibbli biss fis-snin ta' bejn l-2014 u l-2016. L-evoluzzjoni tal-prezzijiet fil-perjodu ta' analiżi, għall-2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni jidher fit-Tabella 11 kif ġej.

Tabella 11

Prezz tal-importazzjoni

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni	Jannar – Awwissu 2018
Prezzijiet ta' importazzjoni mill-Arġentina (EUR għal kull tunnellata)	—	633	—	636	613

Sors: Statistika dwar l-Importazzjoni tal-UE ibbażata fuq il-bażi tad-*data* Surveillance 2.

(340) Matul il-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz medju ppeżat tal-bijodiżil importat mill-Arġentina, għall-volumi importati kif deskritt fil-premessa (335), naqas għal EUR 613 kull tunnellata. Konsegwentement, wara l-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz medju tal-importazzjoni naqas bi 3,6 % meta mqabbel ma' dak il-prezz tal-importazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(341) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

— il-prezzijiet tal-bejgħ medji ppeżati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun mitluba mingħand konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

— il-prezzijiet tal-bejgħ medji ppeżati għal kull tip ta' prodott korrispondenti tal-importazzjonijiet mill-produtturi Arġentini fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF, b'aġġustamenti xierqa għall-kostijiet ta' importazzjoni.

(342) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, żball klerikali ta' konverżjoni monetarja tal-valuri CIF f'EUR ġie kkoreġut għal Grupp T6, u dan wassal għal tnaqqis tal-valur CIF f'EUR għal Grupp T6.

(343) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand il-GtA, CARBIO, u l-importatur mhux relatat Gunvor fir-rigward tal-aġġustamenti magħmula lill-prezz CIF tal-importazzjonijiet mill-kampjun tal-produtturi Arġentini lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni.

(344) Il-GtA, CARBIO u l-importatur mhux relatat Gunvor iddikjaraw li l-prezz tal-esportazzjoni tal-bijodiżil mill-Arġentina għandu jiżdied b'dazji doganali konvenzjonali ta' 6,5 %. Barra minn hekk, CARBIO u l-importatur mhux relatat Gunvor argumentaw li l-prezz tal-esportazzjoni ta' bijodiżil mill-Arġentina għandu jiżdied ukoll bil-miżuri antidumping illi jvarjaw minn 6,5 % sa 8,1 % matul il-perjodu ta' Settembru 2017 sa Diċembru 2017, jiġifieri għal erba' xhur matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta l-importazzjonijiet jibdew mill-Arġentina.

(345) Wara l-iżvelar finali, il-GtA kkummenta li l-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz li sar mill-Kummissjoni jenħtieġ li jinkludi d-dazji antidumping. CARBIO ppreżentat l-istess kumment dwar l-inklużjoni tad-dazji antidumping fl-istadju preċedenti tal-proċediment u tenniet dan wara l-iżvelar finali. Il-produtturi esportaturi kkummentaw ukoll f'dan ir-rigward, u sostnew li d-dazji antidumping għandhom jiġu miżjuda.

(346) Il-Kummissjoni aċċettat it-talba rigward id-dazji doganali konvenzjonali li jiżdiedu mal-prezz CIF u b'hekk biddlet il-kalkoli tagħha.

(347) Il-Kummissjoni rrifjutat id-dikjarazzjoni fir-rigward tad-dazji antidumping li jiżdiedu mal-prezz CIF, billi kkunsidrat li t-talba f'dan ir-rigward mhix iġġustifikata. F'dan il-każ, il-Kummissjoni kkunsidrat li huwa aktar xieraq li tiġi analizzata l-imġiba tal-produtturi esportaturi fin-nuqqas tad-dazji antidumping, billi fil-kuntest ta' analiżi tat-theddida ta' dannu, ikollha tanalizza l-impatt futur tal-prezzijiet tal-importazzjoni fuq l-industrija tal-Unjoni, skont l-Artikolu 8(8)(d) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, il-miżuri li jimponu d-dazji antidumping ġew itterminati fit-18 ta' Ottubru 2018 ([115]). Konsegwentement, id-dazji antidumping mhux se jibqa' jkollhom effett fuq il-prezzijiet tal-importazzjoni fil-futur u d-dazji antidumping diġà miġbura se jkollhom jitħallsu lura jew jitnaqqsu b'effett retroattiv.

(348) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, CARBIO kkummentat li d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni li billi importatur mhux relatat wieħed biss ikkoopera fl-investigazzjoni attwali, il-kostijiet ta' importazzjoni użati fl-investigazzjoni antidumping tal-2013 għandhom jintużaw ukoll f'dan il-każ. CARBIO allegat ukoll li l-Kummissjoni ma ppreċiżatx ir-raġuni l għala ċaħdet il-kostijiet tal-importazzjoni ppreżentati mill-importatur mhux relatat inkwistjoni. Gunvor sostna wkoll li għandu jintuża l-kost tal-importazzjoni attwali mressqa minnu. CARBIO tenniet din l-affermazzjoni fil-kummenti wara l-iżvelar finali.

(349) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-metodoloġija spjegata fil-premessa (341) ir-referenza użata biex jingħaddu l-kostijiet tal-importazzjoni kienet il-kosti tal-importazzjoni użati fl-investigazzjoni li rriżultaw fid-dazji antidumping imposti mir-Regolament (UE) Nru 1194/2013 ([116]). Ir-raġuni għall-użu ta' dawn il-kostijiet kienet li l-uniku importatur mhux relatat li kkoopera fl-investigazzjoni attwali talab biex id-*data* tiegħu tibqa' kunfidenzjali. Barra minn hekk, il-kosti tal-importazzjoni użati fl-investigazzjoni preċedenti kien fihom kategoriji speċifiċi differenzjati ta' kostijiet tal-importazzjoni u l-kwantifikazzjoni tagħhom. Din l-informazzjoni ma kinitx disponibbli mill-importatur mhux relatat li kkoopera fl-investigazzjoni attwali. L-ebda waħda mill-partijiet ikkonċernati ma pprovdiet evidenza li turi kwalunkwe differenzi rilevanti bejn il-kostijiet ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat użat fl-2013 u l-kostijiet tal-importazzjoni mġarrba matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, il-kostijiet tal-importazzjoni ġew espress f'EUR fl-2013. Billi r-rata tal-kambju ta' ARS naqset madwar tmien darbiet mill-2012, u l-inflazzjoni fiż-Żona tal-Euro mill-2013 kien baxx ħafna (madwar 5 % b'kollox matul l-aħħar sitt snin), il-Kummissjoni kkunsidrat xieraq li tuża l-kostijiet tal-importazzjoni pprovduti fl-investigazzjoni preċedenti.

(350) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-Kummissjoni kkoreġiet żball klerikali fir-rigward tal-kalkolu tal-valur CIF tal-produtturi esportaturi fil-kampjun.

([115]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1570 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jtemm il-proċedimenti li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina u l-Indoneżja u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 (ĠU L 262, 19.10.2018, p. 40).

([116]) Il-kostijiet tal-importazzjoni ġew espressi f'EUR. Minħabba l-livell baxx ħafna tal-inflazzjoni (l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur ippubblikat mill-Eurostat żdiedu b'total ta' 4 % bejn l-2012 u l-perjodu tal-investigazzjoni) il-kostijiet tal-importazzjoni ma kellhomx għala jiġu aġġornati.

(351) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni għamlet tqabbil tal-prezzijiet fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati debitament fejn meħtieġ, u wara li tnaqqsu r-ribassi u l-iskontijiet.

(352) It-tqabbil fuq bażi ta' tip b'tip iffoka fuq tqabbil tas-CFPP, irrispettivament mill-materja prima użata. Karatteristika oħra li l-Kummissjoni qieset kienet jekk prodott kienx soġġett għal "għadd doppju" fil-parti l-kbira tal-Istati Membri. L-"għadd doppju" jippermetti lir-raffinerija tikkalkula darbtejn il-kontenut ta' tip speċifiku ta' bijodiżil fi fjuwil tad-diżil li hija tipproduċi (pereż. kontenut ta' 3 % ta' bijodiżil "magħdud doppju" jitqies ekwivalenti għal kontenut ta' 6 %). Għall-Ġermanja, fejn hemm stabbilit mod differenti ta' kalkolu tal-effiċjenza tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2, il-Kummissjoni qieset ukoll l-ispeċifiċità tas-suq Ġermaniż.

(353) Il-Kummissjoni stabbiliet li fil-parti l-kbira tal-każijiet il-klijent finali li jixtri l-bijodiżil mhuwiex konxju, u lanqas ikkonċernat, mill-materja prima li tkun intużat fil-produzzjoni, iżda jeżiġi prodott li jissodisfa ċertu livell massimu ta' CFPP. Dan il-livell ivarja skont l-istaġun u l-kundizzjonijiet klimatiċi. Matul ix-xhur tas-sajf, u f'reġjuni aktar sħan, il-klijenti jaċċettaw livelli ogħla ta' CFPP, u jeżiġu bijodiżil b'livell aktar baxx ta' CFPP fix-xhur tax-xitwa u f'reġjuni aktar kiesħa.

(354) Il-Kummissjoni esprimiet ir-riżultat tat-tqabbil bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Hija uriet marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju ppeżat l-importazzjonijiet ta' esportaturi fil-kampjun mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni ta' bejn 9,5 % u 15,2 %.

4.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(355) Skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet issussidjati fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom piż fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' analiżi.

(356) Kif intqal fil-premessa (19), il-kampjunar intuża għad-determinazzjoni tat-theddida ta' dannu u l-impatt negattiv fuq il-livell tal-prezzijiet tal-bejgħ, il-kwantitajiet mibjugħa, is-sehem mis-suq u l-qligħ tal-industrija tal-Unjoni.

(357) Għad-determinazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi ta' dannu makroekonomiku u dannu mikroekonomiku. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* mogħtija fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-EBB.

(358) Il-Kummissjoni vverifikat il-metodoloġija tal-ġbir tad-*data* ppreżentata mill-EBB u li l-informazzjoni kienet appoġġata minn dokumenti adegwati u proċeduri ta' riċerka.

(359) Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(360) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-ammont tas-sussidju, u l-irkupru minn sussidjar jew dumping preċedenti.

(361) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: prezzijiet medji tal-unità, kost tal-unità, kostijiet lavorattivi, inventarji, profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti, u kapaċità ta' ġbir ta' kapital.

(362) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-Kummissjoni bagħtet żewġ settijiet ta' mistoqsijiet addizzjonali dwar il-perjodu wara l-perjodu tal-investigazzjoni. Sett wieħed ta' mistoqsijiet kien intbagħat lil tliet kumpaniji fil-kampjun u sett ieħor lil EBB. Il-Kummissjoni analizzat it-tweġibiet ipprovduti mill-partijiet ikkonċernati kollha. Il-Kummissjoni użat l-informazzjoni li rċeviet għas-sejbiet tagħha dwar il-perjodu wara l-perjodu tal-investigazzjoni.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(363) Il-produzzjoni totali, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 12

Kapaċità tal-produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	15 074 688	16 009 878	16 561 814	16 594 853
Indiċi	*100*	*106*	*110*	*110*
Użu tal-kapaċità	75 %	74 %	72 %	79 %
Indiċi	*100*	*98*	*96*	*105*

Sors: EBB.

(364) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'mod kostanti b'10 % matul il-perjodu ta' analiżi, biex tqis id-domanda dejjem tikber.

(365) Bl-istess mod, bħal fil-każ tal-informazzjoni dwar il-produzzjoni, l-EBB jiġbor *data* dwar il-kapaċità mingħand il-membri tiegħu, inklużi assoċjazzjonijiet nazzjonali, u f'dak li jirrigwarda lil dawk li mhumiex membri, huwa jiġbor l-informazzjoni dwar il-kapaċità minn sorsi oħrajn disponibbli pubblikament.

(366) Iċ-ċifri tal-kapaċità tal-produzzjoni ma jinkludux parti sinifikanti mill-kapaċità li hija meqjusa mhux attiva. L-EBB spjega li għadd ta' impjanti tal-bijodiżil installati ilhom ma joperaw għal bosta snin u għandhom jitqiesu bħala barra mill-produzzjoni fit-tul. Dawn l-impjanti, għalkemm installati nominalment, ikunu jistgħu jerġgħu jibdew il-produzzjoni wara investiment fl-adattament tekniku u wara perjodu sinifikanti.

(367) L-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni żdiedet b'5 % (jew 4 punti perċentwali) minn 75 % għal 79 % fil-perjodu ta' analiżi. L-industrija kisbet l-ogħla livell ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(368) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 13

Il-volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	11 363 729	11 305 117	10 920 665	13 004 462
Indiċi	*100*	*99*	*96*	*114*
Sehem mis-suq	95,4 %	95,9 %	95,5 %	91,6 %

Sors: EBB, statistika dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni

(369) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'4 % bejn l-2014 u l-2016, u mbagħad żdied fil-perjodu ta' investigazzjoni bi 18-il punt perċentwali, jiġifieri 14 % ogħla milli fl-2014.

(370) Il-fatturi li jmexxu l-bejgħ huma l-istess fatturi li jmexxu l-konsum, li huma deskritti fil-premessi minn (324) sa (328). L-importazzjonijiet ma affettwawx il-livell tal-bejgħ b'mod sinifikanti fis-snin 2014-2016, li kienet raġuni għal-livelli stabbli kemm tal-bejgħ kif ukoll tas-sehem mis-suq.

(371) Kien it-tnaqqis tad-dazji mill-Arġentina fl-2017 li bidel l-immaġni tas-suq. Minkejja l-fatt li l-importazzjonijiet bdew biss lejn tmiem is-sena, l-industrija tal-Unjoni tilfet 3,8 punti perċentwali tas-sehem mis-suq meta mqabbla mal-2014. Kif spjegat fil-premessa (333) dan it-tnaqqis sinifikanti tas-sehem mis-suq jikkoinċidi mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li daħlu fis-suq tal-Unjoni fl-aħħar erba' xhur tal-perjodu ta' investigazzjoni.

(372) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni CARBIO ppreżentat kumment fir-rigward tas-sehem tas-suq tal-industrija tal-Unjoni stabbilita għas-snin mill-2015 sal-2016, li jindika li għalkemm ma kienx hemm importazzjonijiet mill-Arġentina, l-industrija tal-Unjoni kienet qed titlef is-sehem mis-suq f'dak il-perjodu.

(373) Il-Kummissjoni vverifikat id-*data* tas-suġġett u identifikat żball fil-kalkolu tal-konsum tal-Unjoni fid-dokument ta' informazzjoni, li wassal għal ishma mis-suq żbaljati tal-industrija tal-Unjoni. Dan l-iżball ġie kkoreġut, u t-Tabelli 7 u 13 fihom iċ-ċifri kkoreġuti.

(374) Bħala riżultat ta' din il-korrezzjoni, is-sehem tas-suq tal-Unjoni fis-snin mill-2015 sal-2016 baqa' stabbli u naqas biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni dovut għal żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet Arġentini.

4.4.2.3. Tkabbir

(375) Filwaqt li l-konsum tal-Unjoni kiber b'19 % matul il-perjodu ta' analiżi, il-bejgħ u l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedu biss b'14 % u 15 % rispettivament. Għaldaqstant l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika kompletament mit-tkabbir tas-suq matul il-perjodu kkunsidrat billi parti sinifikanti minn dan it-tkabbir kien assorbit minn kwantitajiet dejjem jiżdiedu ta' importazzjonijiet Arġentini sussidjati matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(376) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġew matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 14

L-impjiegi u l-produttività

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Għadd ta' impjegati	2 406	2 763	2 762	2 733
Indiċi	*100*	*115*	*115*	*114*
Produttività (tunnellata/impjegat)	4 718	4 267	4 329	4 782
Indiċi	*100*	*90*	*92*	*101*

Sors: EBB.

(377) L-impjiegi fl-Unjoni żviluppaw b'mod differenti mix-xejriet fil-produzzjoni, fil-bejgħ u fil-konsum. Iż-żieda relattivament għolja fl-impjiegi seħħet fl-2015, meta kibru bi 15 % minn sena għal sena. Minn dakinhar, baqgħu f'livell stabbli, inkluż il-perjodu ta' investigazzjoni.

(378) Iż-żieda tal-2015 għandha titqies bħala reazzjoni tal-industrija tal-Unjoni għal kundizzjoni mtejba tas-suq tal-bijodiżil u l-aspettattiva ta' titjib futur. Fl-istess waqt, it-tnaqqis żgħir fl-impjiegi fil-perjodu ta' investigazzjoni għadu mhux qed jirrappreżenta r-reazzjoni għaż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Arġentina. L-industrija tal-Unjoni kienet għadha ma naqqsitx il-kapaċità matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u għaldaqstant l-impjiegi baqgħu stabbli.

4.4.2.5. Il-kobor tal-ammont tas-sussidji kumpensabbli u l-irkupru minn sussidjar jew dumping preċedenti

(379) L-impatt tal-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, minħabba l-volumi sinifikanti u l-prezzijiet baxxi ta' dawn l-importazzjonijiet.

(380) Fis-26 ta' Novembru 2013 l-Unjoni imponiet dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina, fost l-oħrajn. Id-dazji kienu bbażati fuq il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu li jvarja bejn it-22 % u l-25,7 %.

(381) Kif iddikjarat fil-premessa (332), dawk id-dazji antidumping kienu mnaqqsa b'mod sinifikanti f'Settembru 2017 u b'riżultat ta' dan, l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina bdew jiżdiedu b'mod notevoli. Kif innutat fil-premessa (330) is-sehem mis-suq stmat tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil Arġentini laħaq it-2,8 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq stmat tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil Arġentini fl-Unjoni għall-aħħar kwart tal-2017 huwa ogħla minn 10 %. L-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina fl-Unjoni komplew jiżdiedu wara l-perjodu ta' investigazzjoni, u minkejja r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, is-sehem mis-suq stmat tal-importazzjonijiet Arġentini fl-Unjoni għall-ewwel nofs tal-2018 baqa' ogħla minn 10 %.

(382) Statistiki tal-importazzjoni għall-perjodu wara l-perjodu tal-investigazzjoni msemmija fid-dettall fil-premessa (335) juru li l-livell ta' importazzjonijiet sa Awwissu 2018 kompla, u saħansitra żdied iktar, minkejja r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet mit-18 ta' Mejju 2018.

(383) Iż-żieda sinifikattiva u rapida tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina lejn l-Unjoni bdiet f'Settembru 2017 u l-importazzjonijiet baqgħu minkejja r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet. Bħala konsegwenza tal-prezzijiet baxxi tagħhom li kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq u ma setgħetx tibbenefika b'mod sħiħ mit-tkabbir tas-suq.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(384) Il-prezzijiet medji ppeżati ta' bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej fil-perjodu ta' analiżi:

Tabella 15

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ tal-unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	817	715	765	832
Indiċi	*100*	*87*	*94*	*102*
Kost tal-unità ta' produzzjoni (EUR/tunnellata)	797	728	767	827
Indiċi	*100*	*91*	*96*	*104*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(385) Il-prezz medju ppeżat tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas b'mod sinifikanti fl-2015 bi 13 %: Il-prezzijiet sussegwentement żdiedu fl-2016 u fil-perjodu ta' investigazzjoni sabiex laħqu livell ta' 2 % ogħla minn dak tal-2014.

(386) Il-kost tal-unità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun segwiet ix-xejra tal-prezzijiet, u naqset b'9 % fl-2015. Il-kost tal-unità żdied fl-2016 u fil-perjodu ta' investigazzjoni sabiex laħaq livell ta' 4 % ogħla minn dak tal-2014. Dan segwa l-evoluzzjoni tal-prezz tal-materja prima ewlenija, il-lift, li żdied bi 8 %bejn l-2014 u l-perjodu tal-investigazzjoni ([117]).

([117]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, l-Osservatorju tas-Suq: https://ec.europa.eu/agriculture/market-observatory/crops_en, aċċessat fis-27 ta' Novembru 2018, lift – EU Rouen (EUR/t).

(387) Il-prezz medju tal-bejgħ tal-unità u l-kost tal-unità jikkonċernaw lill-produtturi tal-Unjoni, iżda mhumiex direttament komparabbli. Dan għaliex il-prezzijiet jikkonċernaw biss bejgħ lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni, filwaqt li l-kostijiet huma għall-produzzjoni totali.

(388) L-evoluzzjoni tal-prezz tal-bijodiżil hija marbuta mal-evoluzzjoni tal-prezz tas-suq tal-materja prima, li hija jew il-prodott agrikolu jew iż-żejt. Il-kost tal-materja prima jikkostitwixxi l-fattur ewlieni tal-kost u jiddetermina b'mod estensiv il-kost totali tal-produzzjoni, u bħala riżultat, il-prezz tal-bejgħ tas-suq.

(389) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand il-GtA dwar il-prezzijiet medji ppeżati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati. Il-GtA ddikjara li dan il-prezz naqas b'mod sinifikanti fl-2015 bi 13 % u li l-Kummissjoni ma kienet għamlet l-ebda analiżi biex tiddissoċja kawżi oħra ta' dannu possibbli, minkejja li kien inkonfutabbli li l-importazzjonijiet Arġentini matul l-2015 kienu jirrappreżentaw sehem tas-suq ta' 0,5 % biss.

(390) Il-Kummissjoni nnotat li, kif spjegat fil-premessa (388), l-evoluzzjoni tal-prezz ta' bijodiżil huwa marbut mal-evoluzzjoni tal-prezz fis-suq tal-materja prima. Tabilħaqq, il-prezz internazzjonali tal-lift naqas b'14,5 % bejn 2014 u 2015 ([118]). Dan jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 13 % tal-unità tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun akkużati mill-GtA u, fl-istess ħin, jikkonferma d-dikjarazzjoni li l-kost tal-materja prima jiddetermina l-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq.

4.4.3.2. Spejjeż lavorattivi

(391) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 16

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	66 530	71 573	65 237	65 874
Indiċi	*100*	*108*	*98*	*99*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(392) Il-kostijiet lavorattivi medji kienu stabbli, bl-eċċezzjoni tal-2015 meta kienu ogħla mis-snin l-oħrajn. Din kienet is-sena li fiha l-industrija tal-Unjoni bdiet iżżid il-livell tal-impjiegi b'mod sinifikanti. Kif jista' jiġi osservat, fil-perjodi segwenti, l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni, fejn iż-żieda kostanti tal-impjiegi kienet qed isseħħ matul is-sena kollha, il-kostijiet lavorattivi medji baqgħu f'livell stabbli u simili ħafna.

4.4.3.3. Inventarji

(393) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 17

L-inventarji

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	117 074	85 725	92 291	87 864
Indiċi	*100*	*73*	*79*	*75*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

([118]) Sors: Bank Dinji, prezzijiet Internazzjonali ta' materja prima importata – Żejt tal-Lift.

(394) Il-livelli tal-ħażna tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu l-ogħla fl-2014. Dawn naqsu b'27 % bejn l-2014 u l-2015 u kienu f'livell komparabbli minn dak iż-żmien. Il-livell tal-istokkijiet ma segwiex iż-żieda fil-produzzjoni u l-bejgħ fil-perjodu tal-investigazzjoni. Minħabba li l-prodott investigat jinbiegħ bl-ingrossa, kunsinna waħda tista' tinkludi volum sinifikanti ta' aktar minn 10 000 tunnellata. Għaldaqstant, kunsinna waħda jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-livell tal-istokk, skont id-data tat-tranżazzjoni preċiża. Għaldaqstant, il-livell tal-istokkijiet huwa indikatur inqas sinifikanti għall-industrija tal-Unjoni.

4.4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(395) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej fil-perjodu ta' analiżi:

Tabella 18

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (perċentwal tal-fatturat tal-bejgħ)	5,0 %	–0,1 %	0,9 %	0,8 %
Indiċi	*100*	*–3*	*18*	*16*
Fluss tal-flus (EUR)	95 181 923	23 004 159	26 458 832	35 102 719
Indiċi	*100*	*24*	*28*	*37*
Investimenti (EUR)	8 970 184	19 697 707	8 039 845	38 946 892
Indiċi	*100*	*220*	*90*	*434*
Redditu fuq l-investiment	78 %	–3 %	18 %	16 %
Indiċi	*100*	*–4*	*23*	*21*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(396) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi esprimiet il-qligħ nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà hija bbażata fuq il-kost tal-oġġetti mibjugħa.

(397) Il-profittabbiltà kienet baxxa fil-perjodu ta' analiżi kollu. Fl-2014 biss laħqet 5 %, filwaqt li ma kien hemm ebda qligħ fl-2015 u ma qabiżx il-1 % fl-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni. L-ogħla profitt fl-2014 kien prinċipalment minħabba dħul straordinarju u finanzjarju ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Mingħajr dawn l-elementi, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fl-2014 tkun komparabbli mas-snin l-oħra tal-perjodu kkunsidrat.

(398) Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqas aktar matul il-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni u għall-ewwel sitt xhur tal-2018 inbidel f'telf ta' 1,7 %.

(399) Minkejja l-livelli baxxi ta' profittabbiltà, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tiġġenera fluss tal-flus pożittiv mill-operazzjonijiet tagħha fil-perjodu ta' analiżi kollu. Kienet kapaċi tiffinanzja l-attivitajiet tagħha stess. Iżda anki fil-każ tal-fluss tal-flus, l-industrija tal-Unjoni ġġenerat l-ogħla livell fl-2014, u ma qabiżx 37 % ta' dak il-livell f'xi waħda mis-snin sussegwenti.

(400) L-industrija tal-Unjoni kompliet tinvesti matul il-perjodu ta' analiżi kollu, u din laħqet l-ogħla livell ta' investiment tagħha matul il-perjodu ta' analiżi. Għaldaqstant, il-wasla f'daqqa ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina lejn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni għadha ma affettwatx negattivament il-livell ta' investimenti magħmula mill-industrija tal-Unjoni.

(401) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-qligħ f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investiment. Ir-redditu fuq l-investiment naqas b'mod sinifikanti b'79 % matul il-perjodu ta' analiżi, u ġeneralment kien jirrifletti x-xejra tal-profittabbiltà.

(402) Il-prestazzjoni finanzjarja tal-Industrija tal-Unjoni f'termini ta' profitti matul il-perjodu ta' investigazzjoni illimitat il-kapaċità tagħha li tiġbor kapital.

(403) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA ddikjara li profittabilità baxxa tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kollu bejn l-2014 u l-perjodu tal-investigazzjoni ma tistax tkun ir-riżultat tal-importazzjonijiet mill-Arġentina li reġgħu bdew biss f'Settembru 2017. F'dan il-kuntest, importatur mhux relatat, Gunvor, ikkummenta wkoll wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni li l-industrija tal-Unjoni mhix qed issofri minn dannu materjali.

(404) Wara l-iżvelar finali, il-GtA u CARBIO tennew il-kummenti tagħhom fir-rigward tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u għamlu referenza għal għadd ta' indikaturi tal-prestazzjoni li żviluppaw b'mod pożittiv. Il-GtA tenna wkoll il-konklużjoni tiegħu li fin-nuqqas ta' importazzjonijiet mill-Arġentina, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx tkun affettwata mill-importazzjonijiet mill-Arġentina.

(405) Il-Kummissjoni osservat li x-xejriet, inklużi x-xejriet tal-profittabbiltà, jindikaw li l-industrija tal-Unjoni tidher li ma rkupratx għalkollox mill-effetti tad-dumping preċedenti. Din tirreferi għall-perjodu bejn l-2014 u l-perjodu tal-investigazzjoni li l-GtA indika fil-kumment tiegħu. Barra minn hekk, għalkemm l-importazzjonijiet mill-Arġentina tabilħaqq reġgħu bdew biss f'Settembru 2017, il-fatt li laħqu sehem mis-suq stmat ta' aktar minn 10 % fl-aħħar kwart tal-2017 ma jistax ma jkunx relatat mal-fatt li l-industrija tal-Unjoni laħqet biss 0,8 % tal-profittabbiltà tul il-perjodu ta' investigazzjoni (u fl-aħħar mill-aħħar telf wara). Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

4.5. **Indikaturi ekonomiċi wara l-perjodu tal-investigazzjoni**

(406) Il-Kummissjoni talbet u rċeviet tweġibiet għal mistoqsijiet addizzjonali lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. L-informazzjoni ta' wara l-perjodu tal-investigazzjoni, bħall-indikaturi mikroekonomiċi għall-perjodu tal-investigazzjoni, kienu ppreżentati bħala medja ppeżata tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(407) Għall-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni, għal ċerti indikaturi makroekonomiċi bħal kapaċità, utilizzazzjoni tal-kapaċità, produzzjoni u bejgħ setgħet tiġi analizzata biss l-informazzjoni għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, minħabba l-limiti taż-żmien tal-investigazzjoni. Għaldaqstant, iċ-ċifri għall-perjodu ta' investigazzjoni mhumiex direttament kumparabbli maċ-ċifri mogħtija fit-Taqsima 4.4.2. Iċ-ċifri madankollu jippermettu analiżi tal-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

(408) Il-produzzjoni, il-bejgħ u l-kostijiet ta' unità u l-prezzijiet tal-bejgħ bl-unità, tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppa kif ġej:

Tabella 19

L-industrija tal-Unjoni wara l-perjodu tal-investigazzjoni

	Perjodu ta' investigazzjoni	Jannar - Marzu 2018	April - Ġunju 2018
Il-produzzjoni totali (tunnellati)	2 614 770	602 303	585 734
Indiċi (annwalizzati)	*100*	*92*	*90*
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	2 657 665	591 108	648 698
Indiċi (annwalizzati)	*100*	*89*	*98*
Kost tal-unità ta' produzzjoni (EUR/tunnellata)	827	793	787
Indiċi	*100*	*96*	*95*

	Perjodu ta' investigazzjoni	Jannar - Marzu 2018	April - Ġunju 2018
Prezz medju tal-bejgħ tal-unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	832	765	773
Indiċi	*100*	*92*	*93*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(409) L-iżviluppi matul il-perjodu wara l-perjodu tal-investigazzjoni huma ppreżentati f'paragun mal-perjodu tal-investigazzjoni għall-ewwel u t-tieni kwart tal-2018, b'valuri indiċjati sal-perjodu tal-investigazzjoni.

(410) Il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fl-ewwel nofs tal-2018 baqa' stabbli filwaqt li l-utilizzazzjoni tal-kapaċità naqset minn 85 % għal 76 %.

(411) Kemm il-produzzjoni kif ukoll il-bejgħ naqsu fl-ewwel u t-tieni trimestru wara l-perjodu tal-investigazzjoni.

(412) Kemm il-kostijiet tal-unità u l-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità naqsu fiż-żewġ kwarti wara l-perjodu tal-investigazzjoni. Il-kostijiet tal-unità tal-produzzjoni naqas b'5 % filwaqt li l-prezz medju tal-bejgħ naqas b'7 %, li wassal għal tnaqqis fil-profittabbiltà deskritta fil-premessa (398).

4.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(413) Minbarra ċifra negliġibbli ta' importazzjonijiet fl-2015, ma kien hemm ebda importazzjonijiet mill-Arġentina lejn is-suq tal-Unjoni qabel Settembru tal-2017. Għalkemm dawn l-importazzjonijiet bdew biss lejn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet laħqu livell li ppermettilhom jilħqu sehem mis-suq ta' 2,8 % fil-perjodu ta' investigazzjoni li żdied għal sehem mis-suq stmat għal aktar minn 10 % fl-aħħar kwart tal-2017, li jidher li huwa kkonfermat għall-ewwel nofs tal-2018, minkejja r-reġistrazzjonijiet tal-importazzjonijiet.

(414) Matul il-perjodu ta' analiżi l-indikaturi tad-dannu taw stampa mħallta. Il-produzzjoni u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ġeneralment segwew id-domanda tas-suq, kienu stabbli bejn l-2014 u l-2016, u żdiedu fil-perjodu ta' investigazzjoni, mingħajr ma bbenefikaw kompletament mit-tkabbir fis-suq lejn tmiem il-perjodu kkunsidrat, li ttieħed parzjalment mill-importazzjonijiet inkwistjoni. L-investimenti żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' analiżi. Dan kien żvilupp pożittiv li indika li l-industrija bdiet tirkupra. Il-bidu taż-żieda fl-impjiegi fl-2015 jista' jitqies ukoll bħala indikazzjoni li l-industrija tal-Unjoni bdiet ittejjeb il-kundizzjoni tagħha fin-nuqqas ta' importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina.

(415) Matul il-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni l-maġġoranza tal-indikaturi ekonomiċi wrew b'mod ċar iktar deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. Dan jikkonċerna l-użu tal-kapaċità, il-produzzjoni, il-prezzijiet tal-bejgħ u tal-unità, kif deskritt hawn fuq.

(416) Madankollu, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni baqgħet baxxa għall-parti l-kbira tal-perjodu ta' analiżi, u ma rnexxilhiex tkompli ttejjeb il-produttività tagħha għal kull impjegat. Dan jindika li l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex tilħaq il-livell ta' operazzjonijiet regolari u profittabbli f'dan iż-żmien qasir. Is-sitwazzjoni kompliet tmur għall-agħar fl-ewwel sitt xhur tal-2018 meta l-industrija tal-Unjoni rrappurtat telf.

(417) Il-Kummissjoni sabet li l-perjodu ta' investigazzjoni kien diġà influwenzat ħażin minn importazzjonijiet mill-Arġentina u l-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni indika iktar deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Minkejja żieda fil-bejgħ u l-produzzjoni, ikkawżata minn żieda fil-konsum, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma urietx indikazzjonijiet ta' titjib fis-sitwazzjoni ekonomika tagħha. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma wriet kważi ebda profitt fid-dawl tal-pressjoni eżerċitata mill-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet inkwistjoni. Il-profitti baxxi matul il-perjodu tal-investigazzjoni nbidlu f'telf fl-ewwel sitt xhur tal-2018. Ix-xejriet eżaminati qabel juru li l-industrija tal-Unjoni tidher li ma rkupratx għalkollox mill-effetti tad-dumping preċedenti. Għalkemm ma waslitx għal konklużjoni dwar l-eżistenza ta' dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni se teżamina, mill-inqas, jekk hemmx theddida ta' dannu materjali.

5. THEDDIDA TA' DANNU

5.1. Introduzzjoni

(418) Skont l-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat ifissrux theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

(419) Fl-analiżi ta' theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku, jiġu kkunsidrati fatturi bħal:

— in-natura tas-sussidju jew sussidji inkwistjoni u l-effetti kummerċjali li aktarx jirriżultaw minnhom;

— xi rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet sussidjati fis-suq tal-Unjoni li tindika l-possibbiltà ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet;

— kapaċità disponibbli b'mod liberu u suffiċjenti fuq il-parti tal-esportatur jew żieda imminenti u sostanzjali f'tali kapaċità li tindika l-probabbiltà ta' żieda sostanzjali ta' esportazzjonijiet sussidjati lejn l-Unjoni, waqt li jittieħed kont tad-disponibbiltà ta' swieq oħra tal-esportazzjoni biex jassorbu kwalunkwe esportazzjoni addizzjonali;

— jekk l-importazzjonijiet humiex deħlin bi prezzijiet li jkunu, sa grad sinifikanti, iwaqqgħu l-prezzijiet jew jimpedixxu żieda fil-prezzijiet li kieku kienet isseħħ, u li aktarx iżidu t-talba għal aktar importazzjonijiet; u

— il-livell tal-inventarji.

5.2. In-natura tas-sussidju jew sussidji inkwistjoni u l-effetti kummerċjali li aktarx jirriżultaw minnhom

(420) Fil-premessa (304), il-Kummissjoni kkonkludiet dwar l-eżistenza ta' sussidji kumpensabbli skont ir-Regolament bażiku. Dawk is-sussidji misjuba wrew li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat potenzjalment jibbenefikaw minn appoġġ governattiv. It-twaqqigħ fil-prezz sinifikanti misjub waqt il-perjodu ta' investigazzjoni u warajh huwa mistenni li jaffettwa saħansitra b'mod aktar negattiv is-sitwazzjoni ekonomika delikata tal-industrija domestika diġà osservata waqt il-perjodu tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (158), il-miżuri tal-GtA li jappoġġaw lill-industrija domestika tal-bijodiżil jiżguraw li l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil jibqgħu kompetittivi ħafna minħabba l-kostijiet aktar baxxi tal-fażola tas-sojja (għall-kuntrarju ta' produtturi tal-Unjoni li huma affettwati minn fluttwazzjonijiet ogħla tal-prezzijiet fil-kostijiet tal-lift). Għalhekk huwa prevedibbli li l-importazzjonijiet issussidjati tal-prodott ikkonċernat, minħabba n-natura tal-miżuri ta' appoġġ tal-GtA, jistgħu jkomplu jaffettwaw b'mod negattiv is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

5.3. Rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet sussidjati fis-suq tal-Unjoni li tindika l-possibbiltà ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet

(421) Hemm konnessjoni ċara bejn iż-żieda f'daqqa u sostanzjali tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina lejn is-suq tal-Unjoni minn Settembru 2017 'l hawn u t-tnaqqis tad-dazji antidumping imposti minn dak ix-xahar, kif intwera fit-Tabella 9. Dan jindika l-kapaċità tal-produtturi esportaturi Arġentini li jirreaġixxu malajr għat-tibdil fil-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, id-*data* li turi l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina wara l-perjodu ta' investigazzjoni tikkonferma li, minkejja r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, il-produtturi esportaturi Arġentini għadhom jesportaw lejn is-suq tal-Unjoni kwantitajiet simili għal dawk esportati waqt il-perjodu ta' investigazzjoni.

(422) Għaldaqstant, fid-dawl tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportazzjonijiet Arġentini, il-Kummissjoni kkunsidrat li wara t-tnaqqis tad-dazji antidumping f'Settembru 2017, li l-volum ta' importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina żdied b'mod sinifikanti jindika l-probabbiltà li dawn l-importazzjonijiet se jkomplu jiżdiedu. L-analiżi tal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' Jannar sa Awwissu 2018 stabbilita fil-premessa (463) tikkonferma iktar żieda attwali fl-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina.

5.4. Kapaċità disponibbli b'mod liberu u suffiċjenti u l-kapaċità ta' assorbiment ta' pajjiżi terzi

(423) Skont l-istatistika agrikola tal-OECD ([119]) tal-konsum dinji tal-bijodiżil, fl-2017 l-Arġentina kellha biss madwar 3,5 % tal-konsum globali. Kif indikat fil-premessa (202) l-Arġentina esportat 57 % tal-produzzjoni tagħha matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

([119]) OECD-FAO Agricultural Outlook 2016-2025 - © OECD 2016, https://www.oecd-ilibrary.org/agriculture-and-food/data/oecd-agriculture-statistics_agr-data-en, aċċessat fl-10 ta' Settembru 2018.

(424) Il-livell baxx ta' konsum Arġentin meta mqabbel mal-konsum dinji, u l-konsum ta' madwar 40 % fl-Unjoni u madwar 25 % fl-Istati Uniti jindika b'mod ċar li s-settur tal-bijodiżil Arġentin huwa orjentat lejn l-esportazzjoni u dipendenti fuq dawn is-swieq (ara wkoll il-premessa (209)).

(425) Il-kapaċità żejda tal-produtturi Arġentini tal-bijodiżil matul il-perjodu ta' investigazzjoni hija stmata għal aktar minn 1,2 miljun tunnellata. Din l-istima hija bbażata fuq informazzjoni li waslet mingħand il-produtturi esportaturi fil-kampjun, li jirrappreżentaw 84 % tal-esportazzjonijiet kollha tal-Unjoni, estrapolati għall-industrija Arġentina kollha.

(426) Il-kapaċità żejda tal-produtturi Arġentini tal-bijodiżil baqgħet f'livell simili matul il-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni skont l-informazzjoni provduta lill-Kummissjoni mill-EBB.

(427) Fis-27 ta' Awwissu 2017, l-Istati Uniti tal-Amerka imponew dazji kumpensabbli proviżorji kontra l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina f'rati ta' bejn il-50 % u s-60 % u mbagħad dazji definittivi fid-9 ta' Novembru 2017 b'rati ta' madwar 71,45 % u 72,28 %. F'Ottubru 2017, l-Istati Uniti imponiet dazji antidumping proviżorji li jvarjaw minn 54,36 % sa 70,05 %. Fit-3 ta' Jannar 2018 l-Istati Uniti kkonfermaw dawn id-dazji fid-Determinazzjoni Finali tagħhom ([120]), filwaqt li bidlu ftit il-livelli għal medda ta' bejn 60,44 % u 86,41 %.

(428) Il-kobor tal-livell tad-dazji imposti fl-Istati Uniti tal-Amerka, li qabel l-impożizzjoni ta' dawn id-dazji, kien l-aktar suq ta' esportazzjoni importanti għall-Arġentina, jindika b'mod ċar li dawk l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil kienu immedjatament diretti mill-ġdid lejn is-suq tal-Unjoni. Din id-direzzjoni mill-ġdid hija msaħħa mit-tnaqqis kważi simultanju fl-Unjoni tad-dazji antidumping fuq il-bijodiżil Arġentin. Dan l-iżvilupp jidher fit-tabella 20 hawn taħt.

Tabella 20

Volum ta' esportazzjoni (tunnellati) kull xahar

Volum ta' esportazzjonijiet mill-Arġentina (tunnellati)	7/2017	8/2017	9/2017	10/2017	11/2017	12/2017
Lejn l-Istati Uniti tal-Amerka	220 360	14 483	0	0	0	0
Lejn l-Unjoni	0	60 000	30 000	200 000	185 000	163 091

Sors: Statistika dwar l-Esportazzjoni tal-Arġentina.

(429) Il-livell ta' esportazzjonijiet mill-Arġentina lejn l-Unjoni pprovdut fit-Tabella 20 fuq mhuwiex l-istess bħal-livell tal-importazzjonijiet mill-Arġentina lejn l-Unjoni pprovduti fit-Tabella 9 fil-premessa (333). Id-differenza mhijiex dovuta biss għal sors differenti ta' *data*, iżda prinċipalment minħabba punt ta' żmien differenti ta' reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni fl-istatistiki rispettivi.

(430) Kif indikat fil-premessa (425), hemm biżżejjed kapaċità disponibbli liberament fl-Arġentina li saħansitra qed tiżdied minħabba bidla fix-xejra tal-bejgħ (jiġifieri l-esklużjoni tas-suq tal-Istati Uniti tal-Amerika). Dan jindika l-probabbiltà ta' kwantitajiet sostanzjalment akbar ta' esportazzjonijiet sussidjati lejn l-Unjoni. Ma hemmx swieq ta' esportazzjoni oħrajn magħrufa li jistgħu jassorbu dawn l-esportazzjonijiet addizzjonali, billi l-Istati Uniti u l-Unjoni flimkien jammontaw għal madwar 2/3 tal-konsum globali ta' bijodiżil.

(431) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tas-swieq ta' esportazzjoni tal-produtturi esportaturi Arġentini, fil-10 ta' Lulju 2018 l-awtoritajiet tal-Perù ikkonfermaw l-impożizzjoni ta' dazji antidumping u kumpensatorji, li flimkien jammontaw għal total minn USD 137,4 sa USD 399,8 kull tunnellata.

(432) Il-Kummissjoni sabet indikazzjonijiet li t-theddida ta' direzzjoni mill-ġdid kontinwa ta' importazzjonijiet mill-Arġentina tista' tikkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni.

([120]) L-Amministrazzjoni tal-Kummerċ Internazzjonali "*Biodiesel From Argentina: Final Determination of Sales at Less Than Fair Value and Final Affirmative Determination of Critical Circumstances*", dokument numru 2018-04137.

5.5. **Il-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet sussidjati**

(433) L-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina li waslu fis-suq tal-Unjoni matul l-aħħar erba' xhur tal-perjodu ta' investigazzjoni kienu importati bi prezzijiet sostanzjalment aktar baxxi mill-prezzijiet mitluba mill-industrija tal-Unjoni. Kif spjegat fil-premessa (354), il-Kummissjoni stabbiliet marġnijiet ta' twaqqigħ tal-prezz medji ppeżati ta' bejn 9,5 % u 15,2 %. It-tqabbil tal-prezzijiet osservati fl-istatistika dwar l-importazzjoni mqabbla mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni jikkonferma din id-differenza. Il-prezzijiet ta' bijodiżil importat mill-Arġentina komplew jonqsu iktar matul il-perjodu wara l-perjodu tal-investigazzjoni.

5.6. **Il-livell tal-inventarji**

(434) L-evoluzzjoni tal-livell tal-inventarji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun hija deskritta fid-dettall fil-premessa (394). Kif spjegat, minħabba l-fatt li l-prodott investigat jinbiegħ bl-ingrossa l-livell tal-inventarji huwa indikatur inqas sinifikanti għat-theddida ta' dannu.

5.7. **Konklużjoni**

(435) Fid-dawl tal-analiżi tal-fatturi dwar it-theddida ta' dannu elenkati fil-premessa (419), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjoni ekonomika fraġli tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx se taggrava minħabba l-kwantitajiet kbar u imminenti ta' importazzjonijiet sussidjati ta' bijodiżil mill-Arġentina. Għalhekk, tal-inqas kien hemm theddida ta' dannu evidentement prevedibbli u imminenti għall-industrija tal-Unjoni fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, li jappoġġa sejba ta' theddida ta' dannu skont l-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku.

(436) Wara l-iżvelar finali, il-GtA ma qabilx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni u ddikjara li ż-żieda fl-importazzjonijiet kienet dovuta għall-fatt li l-importazzjonijiet mill-Arġentina kienu mċaħħda illegalment mis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu bejn l-2012 u l-2017. Il-GtA żied ukoll li l-Kummissjoni ma vvalutatx l-evidenza sabiex tikkonferma li ż-żieda fl-importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Arġentina se tkompli fil-futur.

(437) Il-Kummissjoni pprovdiet fil-premessa (428) informazzjoni dettaljata dwar l-iżvilupp ta' importazzjonijiet ta' kull xahar ta' bijodiżil mill-Arġentina matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fil-premessa (463) il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dwar il-livell ta' importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Arġentina fil-perjodu minn Jannar sa Awwissu 2018. Din l-informazzjoni tindika li l-importazzjonijiet li bdew f'Settembru 2017 komplew, minkejja r-reġistrazzjoni tagħhom, wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

(438) L-importazzjonijiet, li l-Kummissjoni sabet li kienu ssussidjati, u l-kwantitajiet kbar kontinwi tagħhom importati fl-Unjoni kkostitwixxew theddida ta' dannu prevedibbli u imminenti lill-industrija tal-Unjoni fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ma bidlitx is-sejba tagħha ta' theddida ta' dannu skont l-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku.

(439) Wara l-iżvelar finali, CARBIO kkummentat, fir-rigward tal-analiżi tal-indikaturi ekonomiċi wara l-perjodu ta' investigazzjoni, li l-prezzijiet tal-RME huma staġonali, li fil-perjodu ta' Awwissu sa Ottubru 2018, il-prezzijiet tal-RME kellhom rekord għoli, u li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu wara l-perjodu ta' investigazzjoni żdied jekk imqabbel mal-2016.

(440) Il-Kummissjoni ħadet nota ta' dawn il-kummenti. Madankollu, dawn la jikkontradixxu u lanqas ma jbiddlu l-konklużjoni tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, stabbilit fil-premessa (417).

6. **RABTA TA' KAWŻALITÀ**

(441) Skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni analizzat jekk it-theddida ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni kinitx ikkawżata mill-importazzjonijiet sussidjati eżistenti mill-pajjiż ikkonċernat. Skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufa setgħu fl-istess ħin heddew li joħolqu dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe theddida possibbli ta' dannu minn fatturi oħrajn apparti l-importazzjonijiet sussidjati mill-Arġentina ma kinitx attribwita għal importazzjonijiet sussidjati. Dawn il-fatturi huma importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

6.1. **L-effetti tal-importazzjonijiet sussidjati**

(442) Kif iddikjarat fil-premessa (334), ma kienx hemm importazzjonijiet jew importazzjonijiet negliġibbli biss lejn l-Unjoni mill-Arġentina fis-snin 2014 sal-2016 kif ukoll matul l-ewwel xhur tal-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, l-importazzjonijiet żdiedu b'mod sinifikanti fl-aħħar xhur tal-perjodu ta' investigazzjoni. Kif indikat fil-premessa (381) is-sehem mis-suq stmat tal-importazzjonijiet mill-Arġentina għall-aħħar kwart tal-2017 huwa ogħla minn 10 % u baqa' ogħla minn 10 % matul l-ewwel kwart tal-2018, jiġifieri wara l-perjodu ta' investigazzjoni u minkejja r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet. Kif muri fil-premessa (354), l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'9,5 % sa 15,2 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(443) Fid-dawl tal-koinċidenza fiż-żmien bejn, minn naħa, iż-żieda sinifikanti u f'daqqa fl-importazzjonijiet sussidjati ta' bijodiżil mill-Arġentina fi prezzijiet taħt dawk tal-industrija tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, it-telf stmat tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fl-aħħar kwart tal-2017 u l-ewwel kwart tal-2018, li rriżultaw fin-nuqqas ta' abbiltà tagħha li tikseb profitt, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawk l-importazzjonijiet sussidjati kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-konsum domestiku insinifikanti fl-Arġentina, il-kapaċità żejda sinifikanti tal-produtturi Arġentini tal-bijodiżil, u l-esklużjoni tat-tieni l-akbar suq ta' esportazzjoni tal-Istati Uniti mis-suq iggwidaw il-produzzjoni żejda mill-Arġentina lejn l-Unjoni, li tikkostitwixxi 40 % tal-konsum globali. Għalhekk, l-Unjoni saret waħda mill-aktar destinazzjonijiet attraenti għall-importazzjonijiet sussidjati tal-bijodiżil Arġentini, għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.

(444) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA ddikjara li l-importazzjonijiet mill-Arġentina ma jirrappreżentawx żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet jew ta' ishma tas-suq. L-importatur mhux relatat Gunvor innota f'dan ir-rigward li l-importazzjonijiet jirritornaw lura għall-medji storiċi tagħhom.

(445) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkunsidrat li laħqet sehem stmat tas-suq akbar minn 10 % fl-aħħar kwart tal-2017 meta mqabbel ma' sehem mis-suq ta' 0 % matul l-ewwel tmien xhur tal-2017 bħala żieda sinifikanti.

(446) Barra minn hekk, wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni CARBIO ddikjarat li fil-kuntest ta' analiżi ta' theddida ta' dannu l-Kummissjoni trid tindika l-possibbiltà ta' żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet, u li żieda fl-importazzjonijiet li tkun dovuta sempliċiment għar-ritorn ta' dawk il-kundizzjonijiet allegatament normali tal-kummerċ u l-kompetizzjoni, minħabba t-tneħħija tad-dazji antidumping mhux ġustifikati, ma tindikax probabbiltà li l-importazzjonijiet se jkomplu jiżdiedu b'mod sostanzjali.

(447) Kif spjegat fil-premessi minn (335) sa (338), l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina komplew fl-2018 u laħqu livell stmat ta' 11,5 %. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda tnaqqis ta' livelli ta' importazzjonijiet mill-Arġentina wara r-reġistrazzjoni mill-25 ta' Mejju 2018 'il quddiem. Dan, flimkien mal-kapaċità żejda tal-produtturi Arġentini tal-bijodiżil deskritti fil-premessa (425) u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, jindika l-probabbiltà li l-importazzjonijiet se jkomplu jiżdiedu sostanzjalment fil-futur. Fil-fehma tal-Kummissjoni, din iż-żieda fl-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Arġentina tirrifletti kundizzjonijiet inġusti ta' kummerċ (għall-kuntrarju ta' kundizzjonijiet kummerċjali normali mingħajr il-miżuri preċedenti tal-antidumping fis-seħħ) minħabba s-sussidji li nstabu jeżistu.

(448) Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-importazzjonijiet sussidjati tal-bijodiżil mill-Arġentina qegħdin ikunu ta' theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

6.2. **Fatturi oħrajn magħrufa**

(449) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufa, individwalment jew kollettivament, jistgħux inaqqsu r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet sussidjati u t-theddida ta' dannu li proviżorjament instabet li teżisti.

(450) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni CARBIO ddikjarat li l-industrija tal-Unjoni ma kienx irnexxielha tirkupra gradwalment matul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri wkoll matul iż-żmien li ma kien hemm l-ebda importazzjonijiet mill-Arġentina. CARBIO argumentat ukoll li dan huwa evidenza li hemm fatturi oħra li għandhom impatt fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(451) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (416) li l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tabilħaqq baqgħet baxxa għal ħafna mill-perjodu kkunsidrat u ma rnexxilhiex tilħaq il-livell ta' operazzjonijiet ta' profitt regolari. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (405), il-Kummissjoni osservat li l-industrija tal-Unjoni jidher li ma rkupratx għalkollox minn dumping tal-imgħoddi li nstab fl-investigazzjoni preċedenti. Barra minn hekk, il-fatt li produtturi

tal-Unjoni jużaw il-lift bħala materja prima (meta mqabbla ma' produtturi tal-esportazzjoni Arġentini, li jużaw il-fażola tas-sojja) ma jispjegax id-differenzi fil-prezzijiet bejn il-bijodiżil tal-Unjoni u l-bijodiżil Arġentin Kieku produttur esportatur jixtri l-fażola tas-sojja bi prezzijiet mingħajr distorsjoni, il-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom ikunu simili ħafna għal prezzijiet tal-Unjoni. B'ħekk, kif żviluppat aktar 'l isfel, l-investigazzjoni ma stabbiliet l-ebda fatturi li seta' kellhom effett mitiganti fuq ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet sussidjati u t-theddida ta' dannu li nstab. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

6.3. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

(452) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 21

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Volum (tunnellati)	5 395	1 160	38 497	217 313
	Indiċi	*100*	*22*	*714*	*4 028*
	Sehem mis-suq	0,0 %	0,0 %	0,3 %	1,6 %
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	941	826	763	812
Il-Malasja	Volum (tunnellati)	340 240	349 571	273 427	378 395
	Indiċi	*100*	*103*	*80*	*111*
	Sehem mis-suq	2,9 %	2,9 %	2,3 %	2,7 %
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	883	880	975	1 007
Il-pajjiżi kollha minbarra l-Arġentina, iċ-Ċina u l-Malasja	Volum (tunnellati)	197 787	104 765	202 879	207 953
	Indiċi	*100*	*53*	*103*	*105*
	Sehem mis-suq	1,7 %	0,9 %	1,7 %	1,5 %
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	820	791	762	891

Sors: Statistika dwar l-Importazzjoni tal-UE ibbażata fuq il-bażi tad-data Surveillance 2.

(453) Minbarra l-importazzjonijiet mill-Arġentina, l-importazzjonijiet minn żewġ pajjiżi oħrajn biss, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") u l-Malasja, qabżu s-sehem mis-suq ta' 1 % fi kwalunkwe sena partikolari.

(454) L-uniċi importazzjonijiet sinifikanti miċ-Ċina dehru fil-perjodu ta' investigazzjoni u laħqu sehem mis-suq ta' 1,6 %.

(455) L-importazzjonijiet mill-Malasja kienu f'livell stabbli matul il-perjodu ta' analiżi b'sehem mis-suq ta' bejn 2,3 % u 2,9 %.

(456) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, għajr l-Arġentina, iċ-Ċina jew il-Malasja qatt ma qabżu sehem mis-suq kombinat ta' 1,7 %. Għaldaqstant, l-ebda wieħed minn dawn il-pajjiżi ma seta' kellu xi influwenza sinifikanti fuq is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba l-kwantitajiet stabbli ta' dawn l-importazzjonijiet.

(457) Il-prezz medju tal-bijodiżil miċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien ta' EUR 812 għal kull tunnellata. Dan kien l-uniku żmien fejn tali importazzjonijiet kienu fi kwantitajiet sinifikanti. Rigward il-Malasja, il-prezz ta' importazzjoni medju kien ivarja bejn EUR 883 għal kull tunnellata fl-2014 u żdied għal aktar minn EUR 1 000 għal kull tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-istess ħin il-volumi żdiedu biss bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat, li huwa inqas miż-żieda fid-domanda li wassal għal tnaqqis fis-sehem tas-suq.

(458) F'dan ir-rigward, il-prezz medju tal-importazzjoni mill-Arġentina kien ta' EUR 636 għal kull tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri ferm aktar baxx mill-atturi l-oħrajn kollha tas-suq. L-informazzjoni statistika ma tindikax eżattament id-differenzi fil-karatteristiċi tal-bijodiżil importat fl-Unjoni. Id-differenzi fil-prezzijiet jirriżultaw minn livelli differenti ta' CFPP u minn jekk il-bijodiżil importat jistax ikun soġġett għal "għadd doppju" jew le.

(459) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, il-GtA ddikjara li ma hemmx rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mill-Arġentina u dannu lill-industrija tal-Unjoni minħabba fatturi oħra, jiġifieri importazzjonijiet minn pajjiżi oħra.

(460) Wara l-iżvelar finali, il-GtA tenna l-affermazzjoni tiegħu li l-Kummissjoni naqset milli teżamina l-effetti tal-fatturi kollha possibbli minbarra l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina li jistgħu jkunu ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(461) Wara l-iżvelar finali, CARBIO tenniet id-dikjarazzjoni tagħha li t-theddida ta' dannu ma kinitx ikkawżata minn importazzjonijiet mill-Arġentina.

(462) Fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dettaljata hawn fuq. Iż-żewġ pajjiżi oħra b'importazzjonijiet sinifikanti matul il-perjodu tal-investigazzjoni kienu l-Malasja u r-RPĊ, li kellhom 2,7 % u 1,6 % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni, rispettivament. Dawn l-ishma tas-suq huma konsiderevolment iktar baxxi meta mqabbla ma' sehem tas-suq stabbilit għall-aħħar kwart tal-2017 għal importazzjonijiet mill-Arġentina ta' aktar minn 10 %. Barra minn hekk, il-prezz medju għall-importazzjonijiet mill-Malasja u r-RPĊ kien ta' EUR 1 007 u EUR 812 għal kull tunnellata rispettivament. Dawn il-prezzijiet, imqabbla ta' EUR 636 għal kull tunnellata ta' bijodiżil importata mill-Arġentina matul il-perjodu tal-investigazzjoni, juru li l-importazzjonijiet mill-Malasja u r-RPĊ, kemm fil-volum u fil-valur, ma mmitigax ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet issussidjati u t-theddida ta' dannu li nstab li jeżisti.

(463) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni CARBIO kkummentat dwar żieda fl-importazzjonijiet mill-Indoneżja. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn matul l-ewwel tmien xhur tal-2018, imqabbla mal-importazzjonijiet mill-Arġentina matul l-istess perjodu ppreżentati fil-premessa (335) kienu dawn li ġejjin:

Tabella 22

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi Jannar-Awwissu 2018

	Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	Is-sehem stmat tas-suq	Prezz medju (EUR)
l-Arġentina	1 092 024	11,5 %	613
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	173 693	1,9 %	686
l-Indoneżja	467 769	5,0 %	667
l-Malasja	303 421	3,2 %	732
Il-pajjiżi kollha minbarra l-Arġentina, iċ-Ċina u l-Malasja	150 159	1,6 %	542

Sors: Statistika dwar l-Importazzjoni tal-UE ibbażata fuq il-bażi tad-data Surveillance 2.

(464) Kif analizzat f'iktar dettall fil-premessi minn (336) sa (338), l-importazzjonijiet mill-Arġentina komplew wara l-perjodu ta' investigazzjoni minkejja r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet. Is-sehem tas-suq stmat tagħhom, meta wieħed jassumi l-istess livell ta' konsum u annwalizzat għall-komparabbiltà, jammonta għal 11,5 %. L-importazzjonijiet mir-RPĊ baqgħu f'livell simili ħafna, u laħqu sehem mis-suq ta' 1,9 %, meta mqabbel ma' 1,6 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huwa sinifikanti li l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja lejn l-Unjoni dehru mill-ġdid, u laħqu sehem tas-suq stmat ta' 5 % matul il-perjodu Jannar-Awwissu 2018. Fl-istess ħin, dawn l-importazzjonijiet kienu anqas minn nofs il-kwantità tal-importazzjonijiet mill-Arġentina. L-importazzjonijiet mill-Malasja żdiedu kemxejn u laħqu sehem tas-suq stmat ta' 3,2 % meta mqabbla ma' 2,7 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(465) Rigward il-prezz medju għal kull tunnellata ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-prezz għal kull tunnellata ta' bijodiżil importat mill-Arġentina baqa' bil-wisq l-aktar baxx fost l-erba' pajjiżi b'importazzjonijiet sinifikanti. Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u mill-Malasja naqsu wkoll matul l-ewwel tmien xhur tal-2018.

(466) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għalkemm setgħu kkontribwew għan-nuqqas ta' rkupru tal-industrija tal-Unjoni, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet issussidjati u t-theddida ta' dannu li nstab. Il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa improbabbli li l-esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi jkunu l-kawża ewlenija tad-dannu fil-futur imminenti.

6.4. **Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(467) L-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma esporta bijodiżil matul il-perjodu ta' analiżi. L-istatistika tal-esportazzjoni fit-Tabella 23 hija għalhekk ibbażata fuq sors disponibbli għall-pubbliku, u tipprovdi stima għall-industrija kollha tal-Unjoni:

Tabella 23

Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

	2014	2015	2016	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum ta' esportazzjonijiet (tunnellati)	98 552	111 884	190 633	217 146
Indiċi	*100*	*114*	*193*	*220*

Sors: Statistika tal-Eurostat dwar l-esportazzjoni.

(468) Il-livell ta' esportazzjonijiet tal-bijodiżil tal-industrija tal-Unjoni kien limitat. Ma qabiżx it-3,5 % tal-bejgħ kollu tagħha fis-suq tal-Unjoni fi kwalunkwe sena tal-perjodu ta' analiżi. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma setgħetx ikkawżat in-nuqqas ta' rkupru tal-industrija domestika u s-sitwazzjoni ekonomika delikata tagħha fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(469) CARBIO fis-sottomissjoni tagħha kkummentat li l-livell baxx ta' importazzjonijiet ma setax ikun il-kawża tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u rrepetiet dan l-argument wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li anki importazzjonijiet inqas sinifikanti tal-prodott ikkonċernat jistgħu jbaxxu l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. L-importazzjonijiet mill-Arġentina jaqbżu sew il-limitu massimu ta' dannu negliġibbli msemmi fl-Artikoli 10(9) u 14(4) tar-Regolament bażiku, u fl-aħħar kwart tal-perjodu ta' investigazzjoni saħansitra qabżu l-10 %.

(470) CARBIO ddikjarat ukoll li ma hemm l-ebda effett dannuż mill-importazzjonijiet, billi dawn jiddependu fuq varjazzjonijiet staġonali, il-prezz tad-diżil u l-provvista tal-materja prima. L-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni mingħand il-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-produtturi tal-Unjoni u minn sorsi pubbliċi kienet tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-varjazzjonijiet staġonali, il-prezz tad-diżil u l-provvista tal-materja prima. Din ippermettiet lill-Kummissjoni tikkunsidra wkoll dawn il-fatturi fl-analiżi tagħha.

(471) Wara l-iżvelar finali, CARBIO tenniet il-kumment li l-industrija tal-Unjoni mhix qed tiffaċċja theddida ta' dannu materjali u li t-theddida allegata ta' dannu materjali ma kinitx ikkawżata minn importazzjonijiet mill-Arġentina. Barra minn hekk, CARBIO tagħmel referenza għas-sejbiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1570 tat-18 ta' Ottubru 2018 ([121]), imsemmi fil-premessa (347) li fih il-Kummissjoni kkonkludiet li mhux possibbli li tiġi stabbilita rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Arġentina u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(472) Fir-rigward tar-referenza magħmula għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1570 tat-18 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni nnutat li s-sejba ta' dan ir-Regolament kienet tikkonċerna dannu materjali u mhux theddida ta' dannu, u li l-perjodu ta' investigazzjoni vvalutat mill-ġdid mill-Kummissjoni kien mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012, meta mqabbel mal-perjodu ta' investigazzjoni ta' Jannar sa Diċembru 2017 ta' dan ir-Regolament. Minħabba l-perjodi ta' żmien differenti u l-istandards legali differenti, is-sejbiet ta' dak ir-Regolament mhumiex rilevanti għas-sejbiet tal-Kummissjoni f'din l-investigazzjoni.

([121]) ĠU L 262, 19.10.2018, p. 40.

6.5. **It-tnaqqis fil-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni**

(473) Matul l-analiżi tar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, il-Kummissjoni ħadet nota wkoll ta' żewġ kumpaniji li ħabbru tnaqqis fil-produzzjoni tal-bijodiżil f'Marzu 2018, jiġifieri Saipol, l-akbar produttur Ewropew tal-bijodiżil, u ADM ([122]).

(474) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, l-EBB ipprovda informazzjoni addizzjonali rigward l-impatt negattiv taż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Arġentina fuq sitt kumpaniji tal-industrija tal-Unjoni. L-informazzjoni relatata ma' ħamsa mill-kumpaniji rreferiet għal impatt negattiv fuq il-profittabbiltà tagħhom. Għal waħda mis-sitt kumpaniji, il-produzzjoni se tkun imnaqqsa sostanzjalment bħala riżultat tal-importazzjonijiet Arġentini. Wieħed mis-sitt kumpaniji indikat ukoll li l-importazzjonijiet Arġentini kellhom impatt negattiv sostanzjali fuq id-dħul tagħhom. Dawn il-kumpaniji huma responsabbli għal aktar minn 10 % tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-Unjoni meħudin flimkien.

6.6. **Konklużjoni**

(475) Il-Kummissjoni stabbiliet li hemm rabta kawżali bejn it-theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet sussidjati tal-bijodiżil mill-Arġentina. Hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda qawwija, b'mod partikolari, fil-livell tal-importazzjonijiet sussidjati, bi prezz baxx li waqqa' l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u t-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-aħħar kwart tal-2017 'il quddiem. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tikseb il-benefiċċji taż-żieda fil-konsum tal-Unjoni u ż-żieda fil-produzzjoni u minflok tilfet sehem mis-suq u ma setgħetx tagħmel qligħ. Dawn l-iżviluppi negattivi komplew matul il-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni. L-industrija tal-Unjoni ma kellha ebda għażla oħra ħlief li ssegwi l-livell tal-prezzijiet stabbilit mill-importazzjonijiet sussidjati sabiex jiġi evitat tnaqqis ulterjuri tas-sehem mis-suq tagħha. Dan irriżulta f'sitwazzjoni ta' telf li x'aktarx ser tkompli tmur għall-agħar.

(476) Il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa, fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u sseparathom mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet sussidjati.

(477) Il-fatturi l-oħrajn identifikati bħall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, il-prestazzjoni tal-bejgħ ta' esportazzjoni, u t-tnaqqis fil-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni ma naqqsux ir-rabta kawżali.

7. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(478) Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' sussidjar dannuż. Il-Kummissjoni tibbaża d-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni fuq l-evalwazzjoni tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-konsumaturi.

7.1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(479) Il-bijodiżil huwa element importanti ta' sforz biex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u titjieb il-provvista tal-enerġija fl-Unjoni.

(480) L-industrija tal-Unjoni tuża l-aktar materja prima prodotta mill-agrikoltura tal-Unjoni. Is-settur upstream taż-żejt agrikolu jiddependi l-aktar fuq l-industrija tal-bijodiżil. L-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina għalhekk mhux biss jinfluwenzaw lill-industrija tal-bijodiżil, iżda wkoll is-settur agrikolu fl-Unjoni.

(481) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, l-EBB ppreżenta iktar evidenza ta' dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, bħall-impatt negattiv fuq il-profitt tagħhom u tnaqqis sostanzjali ta' produzzjoni (ara l-premessi (362) u (474)).

(482) Il-Kummissjoni sabet li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni hija fraġli billi għadha ma rkupratx kompletament mid-dumping li sofriet qabel. Għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' dazju kumpensatorju tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

([122]) L-informazzjoni dwar it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-bijodiżil ta' Saipol u ADM hija disponibbli għall-partijiet interessati fuq il-fajl.

7.2. **L-interess tal-importaturi mhux relatati**

(483) Kif imsemmi fil-premessa (30), importatur mhux relatat wieħed biss, Gunvor International BV, wieġeb għall-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni. Fit-tweġiba tiegħu, l-importatur jammetti li huwa kontra l-impożizzjoni ta' miżuri u li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni hija kkawżata minn sistema ta' produzzjoni u ġestjoni ineffiċjenti.

(484) Il-Kummissjoni tosserva li l-importaturi tal-bijodiżil spiss huma negozjanti fis-suq tal-Unjoni li mhux biss jimportaw, iżda wkoll jinnegozjaw il-bijodiżil mixtri mill-produtturi tal-Unjoni. Madankollu, il-produtturi tal-Unjoni, speċjalment il-kbar, jiddependu b'mod sinifikanti fuq il-kanali ta' distribuzzjoni tagħhom stess. Għaldaqstant il-Kummissjoni ma tistenniex li l-importaturi se jkunu jistgħu jissostitwixxu għalkollox il-livell tal-importazzjonijiet affettwati mill-miżuri b'bijodiżil mixtri mill-produtturi tal-Unjoni. L-effett negattiv possibbli fuq l-importaturi jista' madankollu parzjalment ikun ibbilanċjat bil-volum akbar ta' negozjar ta' bijodiżil mixtri mill-industrija tal-Unjoni.

7.3. **L-interess tal-utenti/tal-konsumaturi**

(485) Il-produtturi tal-fjuwil tad-diżil, jiġifieri r-raffineriji, jixtru l-bijodiżil, importat jew prodott mill-industrija tal-Unjoni. Minħabba rekwiżit legali, ir-raffineriji jridu jżidu l-bijodiżil mal-fjuwil fossili mibjugħ fis-suq.

(486) F'dan ir-rigward huwa l-konsumatur finali li se jkun affettwat miż-żieda fil-prezz wara l-impożizzjoni ta' miżuri. Il-prezz tal-fjuwils fossili huwa, b'eżenzjonijiet rari, aktar baxx mill-prezz tal-bijodiżil, iżda minħabba l-kontenut tiegħu, li normalment ma jkunx aktar minn 10 %, l-effett negattiv taż-żieda fil-prezz tal-bijodiżil jgħaddi biss parzjalment fuq il-konsumatur.

7.4. **Konklużjoni**

(487) Il-Kummissjoni sabet li l-impożizzjoni tad-dazji jkollha l-effett negattiv li żżid il-prezzijiet tal-konsumaturi. Madankollu, minħabba l-kontenut limitat ta' bijodiżil fil-prodott finali mixtri mill-konsumaturi (tipikament anqas minn 10 %), dan l-effett negattiv fuq il-prezz tad-diżil ikun biss proporzjon żgħir meta mqabbel mal-bidla diretta fil-prezz ta' bijodiżil fis-suq tal-Unjoni.

(488) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni l-EBB iddikjara li l-Kummissjoni aġixxiet b'mod inkonsistenti mal-obbligi tagħha billi qieset li ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonkludi dwar l-interess tal-Unjoni, minkejja li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li juru li l-impożizzjoni ta' miżuri tmur kontra l-interess tal-Unjoni.

(489) Il-Kummissjoni fid-dokument ta' informazzjoni tagħha qieset li hu meħtieġ li teżamina l-effetti tal-bidliet li seħħew ftit qabel ma toħroġ id-dokument ta' informazzjoni u li ġraw wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

(490) L-EBB ikkummenta wkoll li l-Kummissjoni naqset milli tiddikjara b'mod ċar ir-raġunijiet li fuqhom ġiet ibbażata l-konklużjoni aħħarija tagħha li għadu mhux ċar dwar jekk l-impożizzjoni ta' miżuri tkunx fl-interess tal-Unjoni.

(491) Il-Kummissjoni, kif spjegat fil-premessa (489), sabitha imperattiva li tkompli teżamina informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-interess tal-Unjoni u din kienet ir-raġuni għad-deċiżjoni li ma jiġux imposti miżuri proviżorji.

(492) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni addizzjonali kollha miksuba wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, li kien jinkludi, b'mod partikolari, iżda mhux limitat għal, it-tweġibiet tal-kwestjonarji addizzjonali rċevuti mill-EBB u mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-istatistika dwar l-importazzjonijiet ta' bijodiżil lejn l-Unjoni wara l-perjodu ta' investigazzjoni u *data* oħra mogħtija minn partijiet ikkonċernati wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni. Abbażi tal-eżami ta' din l-informazzjoni addizzjonali, u iktar evidenza ta' dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni, bħall-impatt negattiv fuq il-profittabbiltà u tnaqqis sostanzjali tal-produzzjoni spjegat fil-premessi (366)(363) u (473), il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemmx raġunijiet konvinċenti skont l-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li timponi l-miżuri.

8. **MIŻURI KUMPENSATORJI DEFINITTIVI**

(493) Abbażi tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dwar is-sussidju, it-theddida ta' dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi impost dazju kumpensatorju definittiv sabiex tiġi evitata l-materjalizzazzjoni tat-theddida imminenti ta' dannu materjali kkawżata lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet sussidjati.

8.1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu**

(494) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju biex tiġi eliminata t-theddida ta' dannu mġarrba mill-industrija tal-Unjoni.

(495) Meta kkalkulat il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni kkunsidrat li dan il-livell għandu jippermetti lill-industrija tal-Unjoni tkopri l-kostijiet ta' produzzjoni tagħha u tikseb qligħ qabel it-taxxa li jista' jinkiseb raġonevolment minn industrija ta' dan it-tip fis-settur taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fl-assenza ta' importazzjonijiet sussidjati, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni.

(496) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu kien ikkalkulat fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ppeżat tal-importazzjonijiet sussidjati, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz fil-premessa (354), u l-prezz mhux dannuż tal-industrija tal-Unjoni għall-prodott simili. Il-prezz mhux dannuż ġie stabbilit billi ġie miżjud livell raġonevoli ta' qligħ mal-kost ta' produzzjoni. Il-marġni ta' qligħ fil-mira kien iffissat proviżorjament għal 11 %, jiġifieri l-livell użat mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni preċedenti tagħha b'miżuri imposti fis-26 ta' Novembru 2013.

(497) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni, CARBIO sostniet li l-profitt fil-mira għandu jkun il-profitt mill-perjodu bejn l-2015 u Settembru 2017 u mhux il-profitt fil-mira ta' 11 % użat f'investigazzjonijiet preċedenti. CARBIO tenniet din l-affermazzjoni wara l-iżvelar finali.

(498) Il-Kummissjoni użat il-profitt fil-mira tal-investigazzjoni ta' qabel, għaliex, irrispettivament mill-istabbiliment ta' dannu jew le, il-Kummissjoni osservat li l-industrija tal-Unjoni jidher li ma rkupratx b'mod sħiħ mill-effetti ta' dumping tal-passat, u għalhekk il-livelli ta' profitt milħuqa matul il-perjodu kkunsidrat m'humiex rappreżentattivi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni xorta waħda tqis il-profitt użat fl-investigazzjoni preċedenti tagħha xieraq u prevalenti f'sitwazzjoni ta' volumi baxxi ta' importazzjonijiet issussidjati.

(499) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li jikkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħar-rati ta' sussidju għal dawn il-kumpaniji fil-premessa (304).

8.2. **Impożizzjoni retroattiva ta' dazji kumpensatorji**

(500) Kif imsemmi fil-premessa (10) hawn fuq, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġina mir-RPĊ suġġetti għar-reġistrazzjoni skont ir-Regolament minħabba l-possibbiltà tal-applikazzjoni retroattiva ta' xi miżura antidumping, skont l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku.

(501) Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku, id-dazji jistgħu jiġu imposti b'mod retroattiv "fuq prodotti li ddaħħlu għall-konsum mhux iktar minn 90 ġurnata qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji". Il-Kummissjoni tosserva li f'dan il-każ ma ġewx imposti miżuri proviżorji.

(502) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li waħda mill-kundizzjonijiet legali taħt l-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku mhijiex issodisfata u għalhekk id-dazji ma għandhomx jiġu imposti b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati.

(503) Wara l-iżvelar finali, l-EBB iddikjara li d-dazji għandhom jiġu imposti retroattivament fuq l-importazzjonijiet reġistrati, billi l-erba' kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku jiġu ssodisfatti. B'mod partikolari, l-EBB saħaq li t-tieni parti tal-Artikolu 16(4) li tirreferi għal "mhux qabel il-bidu tal-investigazzjoni" ma għandhiex tiġi applikata fil-każ inkwistjoni billi għandha tinqara apparti mit-test "mhux iktar minn 90 jum qabel id-data ta' applikazzjoni tal-miżuri proviżorji".

(504) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku jistipula li d-dazji jistgħu jiġu imposti b'mod retroattiv biss "fuq prodotti li jkunu ddaħħlu għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji iżda mhux qabel il-bidu tal-investigazzjoni". It-tieni parti tal-Artikolu 16(4) li tirreferi għal "mhux qabel il-bidu tal-investigazzjoni" ma tistax tinqara apparti mill-bqija tat-test ta' dak l-Artikolu billi l-Artikolu dan ma jippermettihx.

(505) B'konsegwenza, fin-nuqqas ta' dazji proviżorji, li, jekk fis-seħħ, huma applikazzjoni retroattiva ta' dazji definittivi, kif stipulat fil-premessa (502), il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet legali skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament bażiku mhumiex issodisfatti u għalhekk jenħtieġ li d-dazji ma jiġux imposti retroattivament fuq l-importazzjonijiet irreġistrati.

8.3. **Miżuri definittivi**

(506) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju definittiv kompensatorju f'livell għoli biżżejjed biex titneħħa l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet sussidjati mingħajr ma jinqabeż il-marġini ta' sussidjar misjub.

(507) Minħabba r-rata għolja ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, id-dazju tal- "kumpaniji l-oħrajn kollha" ġie stabbilit fil-livell tal-ogħla dazju impost fuq il-kumpaniji inklużi fil-kampjun. Id-dazju tal- "kumpaniji l-oħrajn kollha" se jiġi applikat għal dawk il-kumpaniji li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni.

(508) Għall-produtturi esportaturi Ċiniżi l-oħrajn li kkooperaw iżda li mhumiex inklużi fil-kampjun, elenkati fit-Tabella 24, ir-rata tad-dazju definittiv hija stabbilita fil-medja ponderata tar-rati stabbiliti għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li huma inklużi fil-kampjun.

(509) Fuq dik il-bażi, ir-rati tad-dazju definittivi li għandhom jiġu imposti huma stipulati kif ġej:

Tabella 24

Dazju Kumpensatorju Definittiv

Kumpanija/Grupp	Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu	L-ammont ta' sussidjar	Rata tad-dazju kumpensatorju
LDC Argentina SA	31,7 %	26,2 %	26,2 %
Group Renova	25,0 %	27,2 %	25,0 %
Group T6	33,9 %	33,4 %	33,4 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw – COFCO Argentina SA u Cargill SACI.	29,6 %	28,2 %	28,2 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	33,9 %	33,4 %	33,4 %

(510) Ir-rati ta' dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, ir-rati tad-dazju kumpensatorju individwali jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul din l-investigazzjoni fir-rigward tal-kumpaniji kkonċernati. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju applikabbli fil-pajjiż kollu għall-"kumpaniji l-oħra kollha") għaldaqstant huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u manifatturati mill-kumpaniji msemmija. Il-prodotti importati magħmulin minn xi kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom jiġu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(511) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni kontinwa ta' dawk ir-rati ta' dazju individwali minkejja li sussegwentement biddlet isimha jew l-isem ta' waħda mill-entitajiet tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma jaffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, avviż dwar il-bidla tal-isem jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(512) Jekk l-iżviluppi wara l-perjodu ta' investigazzjoni jwasslu għal bidla dejjiema fiċ-ċirkustanzi, tista' tittieħed azzjoni xierqa skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku kontra s-sussidju.

(513) Fid-dawl tal-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ([123]), huwa xieraq li tiġi stabbilita r-rata tal-imgħax ta' inadempjenza li jrid jitħallas f'każ ta' rimborż ta' dazji definittivi, billi d-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali ma jipprevedux din ir-rata tal-imgħax, u l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali twassal għal distorsjonijiet bla bżonn bejn l-operaturi ekonomiċi skont liema Stat Membru jintgħażel għall-iżdoganar tal-merkanzija.

([123]) Sentenza f'*Wortmann*, C-365/15, EU:C:2017:19, il-paragrafi minn 35 sa 39.

9. **DIVULGAZZJONI**

(514) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu ossaliku li joriġina mir-RPĊ u l-Indja.

(515) Il-partijiet ingħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar. Il-kummenti sottomessi mill-partijiet kienu kkunsidrati sew, u, fejn kien xieraq, is-sejbiet kienu modifikati kif meħtieġ.

10. **FORMA TAL-MIŻURI**

(516) Wara l-iżvelar finali, tmien produtturi esportaturi li kkooperaw, inklużi l-kumpaniji relatati tagħhom fl-Urugwaj u fl-Iżvizzera, u flimkien ma' CARBIO, offrew impenji fuq il-prezz skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(517) Il-Kummissjoni aċċettat dawn l-offerti ta' impenn mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245 ([124]), billi tikkunsidra li dawn jeliminaw l-effetti dannużi tal-importazzjonijiet sussidjati u jillimitaw sa livell suffiċjenti r-riskju ta' ċirkomvenzjoni.

(518) Kull meta l-Kummissjoni tirtira, skont l-Artikolu 13(9) tar-Regolament bażiku, l-aċċettazzjoni tagħha ta' impenn wara xi ksur billi tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara l-fatturi rilevanti tal-impenn bħala invalidi, għandu jsir dejn doganali fil-ħin li tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' dawn it-tranżazzjonijiet.

(519) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([125]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Bil-preżenti qiegħed jiġi impost dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew ta' żejt tal-gass paraffiniku, miksuba minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, f'forma pura jew f'taħlita, li attwalment jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 1516 20 98 (il-Kodiċi TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (il-Kodiċi TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 30), ex 1518 00 95 (il-Kodiċi TARIC 1518 00 95 10), ex 1518 00 99 (il-Kodiċi TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 99 30), ex 2710 19 43 (il-Kodiċi TARIC 2710 19 43 21, 2710 19 43 29 u 2710 19 43 30), ex 2710 19 46 (il-Kodiċi TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 30), ex 2710 19 47 (il-Kodiċi TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 30), 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 99 92 (il-Kodiċi TARIC 3824 99 92 10, 3824 99 92 12 u 3824 99 92 20), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (il-Kodiċi TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 30), u li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indonezja.

2. Ir-rati tad-dazju kompensatorju definittivi applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju kumpensatorju definittiv	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
Aceitera General Deheza S.A.	33,4 %	C493
Bunge Argentina S.A.	33,4 %	C494
LDC Argentina S.A.	26,2 %	C495
Molinos Agro S.A.	25,0 %	C496
Oleaginosa Moreno Hermanos S.A.C.I.F. y A	25,0 %	C497
Vicentin S.A.I.C.	25,0 %	C498

([124]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/245 tal-11 ta' Frar 2019 li taċċetta offerti ta' impenn wara l-impożizzjoni ta' dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina (Ara l-paġna 71 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([125]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

Kumpanija	Dazju kumpensatorju definittiv	Il-kodiċi addizzjonali TARIC
COFCO International Argentina S.A.	28,2 %	C490
Cargill S.A.C.I.	28,2 %	C491
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	33,4 %	C999

3. Sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jirrigwardaw id-dazji doganali għandhom japplikaw. L-imgħax ta' inadempjenza li jrid jitħallas f'każ ta' rimborż li jwassal għal dritt ta' ħlas ta' imgħax ta' inadempjenza għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħbat id-data tal-iskadenza, miżjuda bi tliet punti perċentwali u nofs.

Artikolu 2

1. Importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera għandhom ikunu eżentati mid-dazju kumpensatorju impost mill-Artikolu 1, ġaladarba jkunu manifatturati, mibgħuta u fatturati minn kumpaniji li l-impenji mingħandhom huma aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom huma elenkati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245, kif emendati minn żmien għal żmien, u jkunu ġew importati skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

2. L-importazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu eżenti mit-taxxa kompensatorja bil-kondizzjoni li:

(a) dawn l-importazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn fattura tal-impenn li hija fattura kummerċjali li fiha tal-anqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament; u

(b) dawn l-importazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn Ċertifikat ta' Impenn ta' Esportazzjoni skont l-Anness 2 ta' dan ir-Regolament; u

(c) l-oġġetti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jaqblu preċiżament mad-deskrizzjoni tal-fattura ta' impenn.

3. Dejn mad-dwana għandu jiġġarrab fil-mument ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera:

(a) kull meta jiġi stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li ma ġewx issodisfati waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet elenkati f'dak il-paragrafu u l-paragrafu 2; jew

(b) meta l-Kummissjoni tirtira l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn skont l-Artikolu 13(9) tar-Regolament (UE) 2016/1037 f'Regolament jew Deċiżjoni li tirreferi għal tranżazzjonijiet partikolari u tiddikjara bħala invalidi l-fatturi rilevanti tal-impenn.

Artikolu 3

Il-kumpaniji li l-Kummissjoni taċċetta impenji mingħandhom u li isimhom huwa elenkati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245 kif sussegwentement emendati, u soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet speċifikati hemmhekk, se joħorġu wkoll fattura għal tranżazzjonijiet li mhumiex eżentati mid-dazju kumpensatorju. Din il-fattura hija fattura kummerċjali li fiha tal-inqas l-elementi stipulati fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet li tirriżulta mir-Regolament (UE) 2018/756 li jagħmel l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina soġġetti għar-reġistrazzjoni ma tibqax fis-seħħ. L-ebda dazju antidumping definittiv mhu se jiġi impost b'mod retroattiv għall-importazzjonijiet irreġistrati.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

L-elementi li ġejjin għandhom ikunu indikati fil-Fattura Kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ li tagħmel il-Kumpanija fl-Unjoni Ewropea tal-prodotti li huma soġġetti għall-Impenn:

(1) L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA L-MERKANZIJA SOĠĠETTA GĦAL IMPENN".

(2) L-isem tal-Kumpanija li toħroġ il-Fattura Kummerċjali u l-isem tal-Kumpanija li timmanifattura l-merkanzija.

(3) In-Numru tal-Fattura Kummerċjali.

(4) Id-data tal-ħruġ tal-Fattura Kummerċjali.

(5) Il-kodiċi addizzjonali TARIC li skontu l-prodotti fil-fattura għandhom jiġu kklerjati mid-dwana fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

(6) Id-deskrizzjoni preċiża f'lingwaġġ sempliċi tal-prodotti u:

— speċifikazzjonijiet tekniċi tan-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC - company product code),

— in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),

— il-kodiċi NM,

— il-kwantità (li għandha tingħata f'unitajiet espressi f'Tunnellati Metriċi).

(7) Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, fosthom:

— il-prezz għal kull unità (Tunnellata Metrika),

— it-termini tal-pagament applikabbli,

— it-termini tal-konsenja applikabbli,

— ir-roħs u t-tnaqqis totali.

(8) Isem il-kumpanija li taġixxi ta' importatur lil min tinħareġ il-fattura direttament mill-Kumpanija.

(9) Isem l-uffiċjal tal-Kumpanija li ħareġ il-Fattura Kummerċjali u d-dikjarazzjoni li ġejja ffirmata:

"Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-merkanzija mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperta minn din il-fattura ġiet manifatturata minn (Isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi TARIC addizzjonali) fl-Arġentina fil-kamp ta' applikazzjoni u skont it-termini tal-Impenn fuq il-prezz aċċettati mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/245. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."

ANNESS III

L-elementi li ġejjin għandhom jiġu indikati fil-Fattura Kummerċjali li takkumpanja l-bejgħ tal-Kumpanija fl-Unjoni Ewropea ta' oġġetti, li huma soġġetti għal dazji kumpensatorji:

(1) L-intestatura "FATTURA KUMMERĊJALI LI TAKKUMPANJA MERKANZIJA SOĠĠETTA GĦAL DAZJI KUMPENSATORJI"

(2) L-isem tal-Kumpanija li toħroġ il-Fattura Kummerċjali u l-isem tal-Kumpanija li timmanifattura l-merkanzija.

(3) In-Numru tal-Fattura Kummerċjali.

(4) Id-data tal-ħruġ tal-Fattura Kummerċjali.

(5) Il-kodiċi addizzjonali TARIC li skontu l-prodotti fil-fattura għandhom jiġu kklerjati mid-dwana fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea.

(6) Id-deskrizzjoni preċiża f'lingwaġġ sempliċi tal-prodotti u:

— speċifikazzjonijiet tekniċi tan-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),

— in-numru tal-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija (CPC),

— il-kodiċi NM,

— il-kwantità (li għandha tingħata f'unitajiet espressi f'Tunnellati Metriċi).

(7) Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, fosthom:

— il-prezz għal kull unità (Tunnellati Metriċi),

— it-termini tal-pagament applikabbli,

— it-termini tal-konsenja applikabbli,

— ir-roħs u t-tnaqqis totali.

(8) L-isem u l-firma tal-uffiċjal tal-Kumpanija li ħareġ il-Fattura Kummerċjali.